BENEDITTU

# IR-REGOLA



Traduzzjoni, noti, kummenti u
tifsir il-kliem minn

Joseph Flask

SAN BENEDITTU

# IR-REGOLA

Traduzzjoni, noti, kummenti u
tifsir il-kliem minn

Joseph Flask

Typing għal-Laikos minn Myriam Buttigieg

Pubblikazzjonijiet Benedittini 1/1999

NIHIL OBSTAT
die 19a Oct. 1998
Joseph Lupi
Cens. Theol.

IMPRIMATUR
Datum in Curia Archiep. li Melit.
Florianae, die 20a Octobris 1998
Annetto Depasquale
Vicarius Generalis

**Tagħrif għall-katalogar**

Flask, Joseph, 1943 –
**San Benedittu, Ir-Regola**
Mdina: Pubblikazzjonijiet Benedittini 1/1999
x, 175p Kitba + 8 Ritratti
I. Ir-Regola II. Tifsir il-Kliem III. Bibliografija

ISBN: 99909-964-4-X

© Sorijiet Benedittini tal-Klawsura – Mdina
Stampat: Tudor Press Limited, Malta
Typesetting: Ludwig Flask

*LILL-MONAĊI U LIS-SORIJIET*
*BENEDITTINI TAL-KLAWSURA MALTIN.*

*LIL KULL MIN JIXTIEQ IĦADDAN*
*IL-ĦAJJA MONASTIKA BENEDITTINA*
*"SKOLA TA' SERVIZZ DIVIN" IMSEJSA*
*FUQ IT-TAGĦLIM TAL-MULEJ.*

*LIL KULL MIN JINSAB BEJN ĦALTEJN*
*U GĦADU MA GĦARAFX SEW LIEMA TRIQ*
*JAQBAD BIEX JIDDIXXIPLINA ĦAJTU.*

DAĦLA

Meta ddeċidejt li nagħmel it-traduzzjoni tar-Regola ta' San Benedittu, qajla kkalkulajt l-impenn u l-ħin li tirrekjedi. Iżda, ma qtajtx qalbi, mhux biss għaliex jiena studjajtha tajjeb, imma wkoll għaliex għad-dispożizzjoni tiegħi għandi diversi pubblikazzjonijiet, sa l-aħħar studji li saru u li ġew ppubblikati s'issa, fuq ir-Regola.

Ridt, però, nitbiegħed mill-*cliché* tradizzjonali tat-traduzzjonijiet li saru. Ridt noffri lill-qarrejja kitba tabilħaqq moderna, aġġornata u xierqa għaż-żminijiet tagħna, biex kulħadd jifhimha u jieħu pjaċir jaqraha. Ma kinetx ħaġa faċli, speċjalment biex nuri kemm ir-Regola ta' San Benedittu, wara iktar minn 15-il seklu, għadha ħajja u attwali. Ridt infisser fi kliem sempliċi ħidmet il-Qaddis Patrijarka tal-Punent li rnexxielu jgħaqqad flimkien għejjun letterarji u spiritwali ta' qablu bħal Padri tad-deżert, Kassjanu, San Bażilju l-Kbir, Santu Wistin, San Iljun il-Kbir, ir-*Regula Magistri* (ara TIFSIR IL-KLIEM), idommhom f'kunċett wieħed, jagħtihom sura ta' manwal axxetiku ordinat u sħiħ, letterarjament meqjus anki fl-istil tal-ilsien Latin, ibbażat fuq dak li kien jiġi mgħallem fl-aqwa skejjel.

Il-messaġġ tar-Regola ta' San Benedittu beda jinħass minnufih. Kien biss qrib tmiem is-seklu VIII, li mhux biss minħabba s-sehem dirett u d-digrieti imperjali, imma fuq kollox għas-sens ta' ekwilibriju, ta' libertà u diskrezzjoni li kien jisboq kull regolamentazzjoni oħra, li r-Regoli Monastiċi segwiti fil-punent twarrbu, u baqgħet biss ir-Regola ta' San Benedittu. L-ispirtu tagħha nebbaħ għadd ta' fundaturi ta' Ordnijiet u Kongregazzjonijiet oħra li fuqha fasslu r-regoli tagħhom, u kienet ta' ispirazzjoni għal bosta mexxejja politiċi. Huwa fatt magħruf li r-Regola ta' San Benedittu ma kinetx biss il-bażi għat-tfassil kostituzzjonali, strutturali u taċ-ċiviltà fl-Ewropa, iżda wkoll kienet determinanti fit-tfassil tal-*European Charter*. Is-sehem kbir ta' San Benedittu u l-Ordni Benedittin fl-oqsma liturġiċi, kulturali u soċjali wasslu biex il-Papa Pawlu VI, permezz tal-Brevi Pontifiċju "Pacis Nuntius" ta' l-24 ta' Ottubru, 1964, iddikjara lil San Benedittu Patrun tal-Ewropa. Din hi data oħra mportanti, imnaqqxa fl-Istorja tal-Ordni Benedittin, għaliex tfakkar ukoll il-ftuħ mill-ġdid tal-Arċi-Abbazija ta' Montecassino, li fl-aħħar gwerra kienet sfat meqruda għal kollox mill-Allejati.

Meta wieħed jifli sew ir-Regola, dlonk jintebaħ li San Benedittu, ħoloq dixxiplina ta' ħajja li jekk imħarsa tajjeb għadha valida sal-lum. Huwa organizza lill-Komunità fdata lilu bi stil purament personali, anki jekk f'għemilu u minn dak li jesiġi mid-dixxipli tidher trasparenti l-esperjenza spiritwali personali tiegħu bbażata fuq it-tagħrif sħiħ u profond li huwa kellu tal-Kotba Mqaddsa.

Mhux faċli taqsam ir-Regola, imma, biex kulħadd jifhem nistgħu nippruvaw naqsmuha fi tliet sezzjonijiet.

**1. Sezzjoni "duttrinali/spiritwali"**

a – PROLOGU: ġustifikazzjoni u programm tal-ħajja monastika.

b – KAP. 1-3: jibda biex ifisser l-aħjar tip ta' Monaku, iċ-Ċenobita; jagħti dettalji fuq ħidmet l-Abbati (rappreżentant ta' Kristu) bħala mexxej ewlieni tas-soċjetà monastika; u jitkellem fuq il-kunsill tal-komunità u l-parteċipazzjoni tal-Monaċi fir-responsabbiltajiet tagħhom.

ċ – KAP. 4-7: fost il-prinċipji li jagħmlu mill-istruttura monastika "bini" jew "skola" għas-servizz tal-Mulej hemm il-ħarsien tal-istrumenti għall-ħajja spiritwali aħjar. F'kapitli separati jikteb fuq l-ubbidjenza, is-skiet u l-umiltà, il-virtujiet ewlenin li fuqhom San Benedittu jisħaq mad-dixxipli tiegħu.

**2. Sezzjoni "organizzattiva" tal-ħajja fil-Komunità**

a – KAP. 8-20: l-ordni tal-Liturġija (l-Uffiċċju Divin, talb flimkien u fil-privat, *Lectio Divina*, meditazzjoni).
b – KAP. 21-30: kodiċi ta' dixxiplina li jinkludi tqassim tar-responsabbiltajiet, l-għajnuna lill-Abbati, miżuri dixxiplinarji skont min jonqos u skont iċ-ċirkustanzi.
ċ – KAP. 31-57: amministrazzjoni tal-ġid temporali tal-Monasterju: ix-xogħol; l-użu tal-oġġetti, il-kwistjoni tal-proprjetà; il-ħin tal-atti komunitarji, is-servizz fil-ħtiġijiet domestiċi u ta' kuljum; il-qies fl-ikel, fix-xorb, fil-ħwejjeġ, fl-ivvjaġġar; il-morda, l-anzjani, iż-żgħażagħ u t-tfal u l-formazzjoni tagħhom; il-mistednin fil-Monasterju; il-ħarsien tar-Randan.
d – KAP. 58-66: pożizzjoni ġuridika tal-membri tal-Komunità li prattikament tfisser il-grad, l-ordni kif ukoll post il-Monaċi fil-Monasterju. F'kapitlu imporatnti (Kap 64), San Benedittu, ifisser kif għandha ssir l-elezzjoni tal-Abbati. Jistabbilixxi wkoll regoli preċiżi għad-dħul fil-Monasterju.

**3. Sezzjoni qasira dwar "l-Idejal Benedittin"**

a – KAP. 67-73: aktarx li dawn il-kapitli San Benedittu kitibhom lejn tmiem ħajtu fuq din l-art. Fihom hemm imfisser ċar u tond l-idejal veru tal-ħajja monastika. Il-Monaku jilħaq il-milja ta' dan l-idejal wara li jkun ħares bis-sħiħ ir-Regola Mqaddsa. Ma jonqsux is-suġġerimenti prattiċi dwar x'għandu jagħmel Monaku li jerġa' lura minn xi vjaġġ; imġieba f'każ ta' ubbidjenza mpossibli; ir-relazzjonijiet bejn l-aħwa fil-Monasterju; ifisser, bi kliem meqjus u deċiż, is-sens veru tar-Regola.

Fl-aħħarnett, ridt nagħmel it-traduzzjoni tar-Regola, għaliex nemmen li San Benedittu ma kitibhiex biss għad-dixxipli diretti tiegħu, iżda għall-Abbaziji/Monasterji l-oħra (Kap. 73), fosthom dawk li kellhom jinbnew tul is-sekli. Mingħajr ebda dubju, ir-Regola, kienet determinanti fl-iżviluppi kruċjali ta' natura reliġjuża, kulturali u soċju-politiċi fl-Ewropa, u llum li l-Ordni Benedittin huwa mifrux mal-ħames kontinenti, ma stajtx ma nikkonkludix li għadha attwali wkoll fi żmienna.

Flask Joseph
Ħaż-Żebbuġ, 11 ta' Lulju, 1999
Solennità ta' San Benedittu
Patrun tal-Ewropa

ĦAJR: Rev. Madre Badessa M. Adeodata Testaferrata de Noto OSB, W. Rev. Mons. Dekan Ġużeppi Lupi D.D., B.L.Can., Ph.L., Prel.S.S., Rev. Kan. Karm Żammit B.A., Lic.D., Emanuel Żammit, Riccardo M. Flask (ritratti San Benedittu – Monasterju San Pietru – Monasterju Santa Skolastika).

# WERREJ

Prologu

1. Tipi ta' ħajja Monastika
2. Il-kwalitajiet tal-Abbati
3. Il-Laqgħa tal-Aħwa fil-Kunsill
4. Sisien tal-ħajja spiritwali
5. L-Ubbidjenza
6. Is-Skiet
7. L-Umiltà
8. L-Uffiċċju tal-Qari matul il-lejl
9. Is-Salmi għall-Uffiċċju tal-Qari
10. L-Uffiċċju tal-Qari fis-Sajf
11. L-Uffiċċju tal-Qari nhar ta' Ħadd
12. It-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum nhar ta' Ħadd
13. It-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum fil-ġranet ta' kuljum
14. L-Uffiċċju tal-Qari fil-festi tal-Qaddisin
15. Meta tingħad l-Alleluja
16. Il-Liturġija tat-Talb ta' matul il-Jum
17. Is-Salmi għat-Talb ta' matul il-Jum
18. L-ordni tas-Salmi
19. L-imġieba waqt l-Uffiċċju Divin
20. Id-devozzjoni fit-Talb
21. Id-Dekani tal-Monasterju
22. Kif jorqdu l-Monaċi
23. L-iskomunika għall-ħtijiet
24. Il-gradi tal-iskomunika
25. Il-ħtijiet il-kbar
26. Sħubija mhux awtorizzata mal-iskomunikati
27. L-imġiba tal-Abbati mal-iskomunikati
28. Il-Monaċi li ma jridux jobdu
29. Id-dħul mill-ġdid fil-Monasterju tal-Monaċi mkeċċija
30. Korrezzjoni tat-tfal
31. Il-Maħżnier tal-Monasterju
32. Il-wirt tal-Monasterju
33. Jistgħu l-Monaċi jkollhom xi ħaġa tagħhom?
34. Il-Monaċi għandhom jingħataw dak kollu meħtieġ indaqs
35. Dawk li jmisshom iservu fil-kċina
36. Il-Monaċi morda
37. Ix-xjuħ u t-tfal
38. Il-Qarrej tal-ġimgħa
39. Il-qies fl-ikel
40. Il-qies fix-xorb
41. Ħin l-ikel
42. Is-Skiet wara t-Talb ta' Għeluq il-Jum

43. Min jasal tard għall-Uffiċċju Divin u għall-ikel
44. It-tpattija tal-iskomunikati
45. Min jieħu żball fil-Knisja
46. Nuqqasijiet oħra
47. Is-sinjal għal ħin il-Liturġija
48. Ix-xogħol ta' kuljum
49. Ir-Randan
50. Xogħol 'il bogħod mill-Knisja
51. Il-Monaċi li jmorru f'inħawi tal-qrib
52. Il-Knisja tal-Monasterju
53. Il-mistednin fil-Monasterju
54. Jista' l-Monaku jirċievi ittra jew jingħata affarijiet oħra?
55. Ilbies u bżonnijiet oħra tal-Monaċi
56. Il-mejda tal-Abbati
57. L-imgħallmin fil-Monasterju
58. Proċedura għad-dħul fil-Monasterju
59. Oblazzjoni ta' wlied in-nobbli u ta' wlied il-fqar
60. Saċerdoti li jridu jsiru Monaċi
61. Kif jintlaqgħu l-Monaċi barranin
62. Is-Saċerdoti fil-Monasterju
63. Il-gradi fil-Komunità
64. Il-ħatra tal-Abbati
65. Il-Pirjol tal-Monasterju
66. Il-Purtinara tal-Monasterju
67. Il-Monaċi li jintbagħtu għall-mawra xi mkien
68. Diffikultajiet fit-twettieq tal-ubbidjenza
69. Fil-Monasterju ħadd m'għandu jiddefendi lill-ieħor
70. Ħadd m'għandu jsawwat lil ħaddieħor minn rajh
71. Il-Monaċi għandhom jobdu wieħed lill-ieħor
72. Il-Monaċi għandhom ikunu mħeġġin għat-tajjeb
73. F'din ir-Regola m'hawnx il-prinċipji kollha tal-perfezzjoni

Tifsir il-kliem tar-Regola u kliem ieħor konness mal-Ordni tal-Benedittin

Tifsir it-Taqsir

Bibliografija

*Ritratt tal-qoxra: Statwa ta' San Benedittu (1903) li tinsab fil-Knisja tal-Monasterju ta' San Pietru – Mdina*

*Fin-Noti taħt it-test in-numru b’tipa żgħira jirreferi għat-tifsir jew tagħrif ieħor. Il-kliem b’tipi grassi jirreferi għat-TIFSIR IL-KLIEM.

# PROLOGU

**01 Jan**
**02 Mej**
**01 Set**

**1** Ibni, isma’ mit-tagħlim tal-Imgħallem, u iftaħ il-widnejn ta’ qalbek; ilqa’ l-pariri ta’ Missierek li jħobbok u wettaqhom. **2** B’hekk, bil-ħidma iebsa tal-ubbidjenza, tkun tista’ terġa’ lura għand Dak li minnu biegħdek l-għażż tad-diżubbidjenza.

**3** Lilek, mela, inkellem, int min int, biex filwaqt li tiċħad ir-rieda tiegħek, tieħu f’idejk l-armi qawwija u nobbli tal-ubbidjenza u tissieħeb fl-armata ta’ Kristu, veru Sultan.

**4** L-ewwelnett itlob bil-qalb lill-Mulej ħalli jkun Hu li jwassal sat-tmiem kull ħaġa tajba li inti tkun se tagħmel; **5** biex jekk ġa ndenja ruħu jgħoddna bħala wliedu ma jkollux għalfejn jinkorla minħabba għemilna. **6** Għal dak kollu li għamel magħna rridu nobduh tant fedelment **7** kemm biex bħala Missier irrabjat ma jasalx li jċaħħadna minn wirtu, kif ukoll li minħabba ħtijietna jikkundannana għal dejjem bħala qaddejja ħżiena li ma ridux jimxu warajh fit-triq tal-glorja.

**02 Jan**
**03 Mej**
**02 Set**

**8** Inqumu, mela, darba għal dejjem! Leħen l-Iskrittura qed isejjħilna u jgħidilna: “Waslet is-siegħa li intom tqumu min-ngħas” (*Rum* 13,11). **9** Niftħu għajnejna għad-dawl ta’ Alla u nagħtu widen sew għat-twissijiet kontinwi tiegħu: **10** “Mhux li kontu llum tisimgħu Leħnu! La twebbsux qalbkom” (*S* 95,7-8); u mill-ġdid: **11** “Min għandu widnejn, ħa jisma’ xi jgħid l-Ispirtu lill-Knejjes” (*Apk* 2,7). **12** U xi jgħid? “Ejjew uliedi, isimgħu lili: jien l-biża’ tal-Mulej ngħallimkom” (*S* 34,12). **13** “Mela ibqgħu miexja sakemm għandkom id-dawl, biex id-dlam ma jilħaqkomx” (*Ġw* 12,35).

**03 Jan**
**04 Mej**
**03 Set**

**14** Waqt li jfittex il-ħaddiem tiegħu qalb il-folla, il-Mulej iżid jgħid **15** “Min hu l-bniedem li jħobb il-ħajja, u jixtieq jara għomru kollu riżq?” (*S* 34,13). **16** Jekk x’ħin tisma’ dan inti twieġeb: “Jiena”, il-Mulej jgħidlek: **17** Jekk trid tikseb il-ħajja vera u dejjiema, “Ħares ilsienek mill-ħażen, u xofftejk minn kliem il-qerq. Tbiegħed mill-ħażen u agħmel it-tajjeb, fittex is-sliem u imxi warajh” (*S* 34,14-15). **18** Meta tkunu għamiltu dan inħariskom u nagħti widen għat-talb tagħkom, u qabel issejħuli ngħidilkom: “Hawn jien” (*Is* 58,9).

**19** Għeżież ħuti, x'hemm aktar ħelu minn leħen il-Mulej li qed jistedinna? **20** Il-Mulej, bħala missier ħanin u twajjeb, qed jurina t-triq tal-ħajja.

**04 Jan**
**05 Mej**
**04 Set**

**21** Nitħażżmu, mela, bil-fidi, nagħmlu opri tajba u nimxu fit-triq tal-Vanġelu biex ikun jistħoqqilna naraw f'saltnatu lil Dak li jsejħilna. **22** Imma, jekk ma ngħaġġlux nagħmlu t-tajjeb, bl-ebda mod mhu se naslu li ngħixu fl-għamara tas-saltna tiegħu. **23** Nistaqsu ftit mal-Profeta: "Mulej, min igħammar fid-dar tiegħek? Min joqgħod fuq l-għolja mqaddsa tiegħek?" (*S* 15,1). **24** Nisimgħu, ħuti, il-Mulej iweġibna u jurina t-triq li twassal għad-dar tiegħu: **25** "Min igħix bla ħtija u jagħmel it-tajjeb, **26** min jgħid is-sewwa f'qalbu; min ma jqassasx bi lsienu, **27** ma jagħmilx deni lil ġaru, u ma jgħajjarx lil għajru" (*S* 15,2-3). **28** Min dlonk iwarrab minn qalbu għemil ix-xitan, ixejjen u jifga, hekk kif jinbtu, il-ħsibijiet ħżiena u jfarrakhom fi Kristu; **29** min jibża' mill-Mulej u ma jitkabbarx b'għemilu, u waqt li jagħraf li t-tajjeb fih ġej mill-Mulej, **30** isebbaħ 'l Alla li jaħdem fih, u jgħid mal-Profeta: "Mhux lilna, Mulej, mhux lilna, iżda lil ismek sebbaħ" (*S* 115,1). **31** Anki l-Appostlu Pawlu ma kienx jieħu l-mertu tal-predikazzjoni tiegħu, imma kien igħid: "Bil-grazzja ta' Alla jien dak li jien" (*1 Kor* 15,10); **32** u jgħid ukoll: "Min irid jiftaħar ħa jiftaħar fil-Mulej" (*2 Kor* 10,17).

**05 Jan**
**06 Mej**
**05 Set**

**33** Ġesù, fil-Vanġelu jgħid: "Għalhekk, kull min jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ngħid jien, isir jixbaħ lil bniedem għaqli, li bena daru fuq il-blat (*Mt* 7,24-25). **34** Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, iżda ma ġġarfitx għax kellha s-sisien tagħha fuq il-blat" (*Mt* 7,24-25). **35** Għaldaqstant, il-Mulej, kuljum jistenna bla heda li bil-għemil tajjeb inwieġbu għas-sejħat qaddisa tiegħu u nikkoreġu ruħna mill-vizzji. **36** Il-jiem ta' ħajjitna ngħatawlna bħala żmien ta' riflessjoni, **37** bħalma jgħid l-Appostlu: "Ma tafx li b'din il-ħniena tiegħu Alla jrid iwasslek għall-indiema?" (*Rum* 2,4). **38** Fil-fatt, fil-ħniena tiegħu il-Mulej jgħid: "Ma nitgħaxxaqx b'mewt il-midneb, imma bir-reġgħa lura tiegħu minn triqtu biex tgħix" (*Eżek* 33,11).

**06 Jan**
**07 Mej**
**06 Set**

**39** Ħuti, meta staqsejna lill-Mulej min hu dak li jista' jgħammar fl-għamara tiegħu, smajna x'inhuma l-kundizzjonijiet, imma rridu nwettquhom biex ngħammru hemm.

**40** Ejjew, mela, inħejju ruħna u ġisimna biex nimxu skont ma titlob l-ubbidjenza mqaddsa; **41** u fejn ma tasalx id-dgħufija tagħna, nitolbu lill-Mulej jidħol għalina Hu, bil-grazzja teigħu. **42** U jekk irridu naħarbu n-nar tal-Infern u niksbu l-ħajja ta' dejjem, **43** sakemm ikollna ż-żmien, u għadna f'din il-ħajja, u għadna nistgħu nwettqu dmirijietna, **44** jenħtieġ ngħaġġlu nagħmlu dak kollu li jiswielna għall-ħajja ta' dejjem!

**07 Jan**

**08 Mej**
**07 Set**

**45** Għal dan il-għan, aħna, qed niftħu skola ta' servizz divin, **46** li fiha nittamaw xejn ma jkun aħrax u tqil. **47** Iżda, jekk qatt xi ħaġa tidher kemm xejn iebsa għax meħtieġa għall-korrezzjoni tal-vizzji jew għall-ħarsien tal-karità, **48** m'għandekx tħalli l-biża' tgħelbek u taħrab it-triq li tieħu għall-ħajja, li fil-bidu, il-bieb li jwassal għaliha huwa dejjaq ħafna. **49**
Mal-proċess, iżda, tal-ħajja monastika u tal-fidi, qalbek tinfetaħ u tiġri fit-triq tal-preċetti tal-Mulej, bi ħlewwa ta' mħabba liema bħalha. **50** B'hekk, jekk ma nabbandunaw qatt it-tagħlim tal-Mulej u nibqgħu ngħixu fil-Monasterju sal-mewt, nieħdu sehem sħiħ mit-tbatijiet ta' Kristu, ikun jistħoqqilna ngawdu miegħu fis-Saltna. Ammen.

KAPITLU 1
# TIPI TA' ĦAJJA MONASTIKA

**08 Jan**
**09 Mej**
**08 Set**

**1** Hemm erba' tipi ta' Monaċi.[1] **2** L-ewwel iċ-Ċenobiti, li jgħixu f'Monasterju, u josservaw regola taħt it-tmexxija ta' Abbati.

**3** It-tieni l-Anakoreti, jew eremiti. Mhux dawk li għadhom fil-bidu tal-fervur tal-ħajja monastika, iżda dawk li wara esperjenza twila fil-Monasterju, bl-għajnuna tal-oħrajn, **4** draw sew jiġġieldu kontra x-xitan. **5** B'hekk, imxerkin ma' ħuthom tant tajjeb għat-taqbid spiritwali, bl-għajnuna t'Alla saru tant żguri minnhom infushom, li mingħajr l-għajnuna ta' ħadd, kapaċi jissieltu waħidhom kontra t-tentazzjonijiet tal-ġisem u tar-ruħ.

**6** It-tielet kategorija ta' Monaċi, is-Sarabajti, tassew ta' min jistmerrha. Dawn qatt ma għaddew mill-prova, bħalma jsir mid-deheb fin-nar, tal-osservanza ta' kuljum ta' xi regola, u minflok saru rotob bħaċ-ċomb. **7** B'għemilhom huma marbutin mal-ħwejjeġ tad-dinja u minkejja t-tonsura, fid-dieher, juru ħaġa b'oħra quddiem Alla. **8** Jgħixu fi grupp ta' tnejn jew tlieta u ġieli waħidhom, mingħajr ragħaj, magħluqin mhux f'għamar il-Mulej, imma fihom infushom, moħħhom biss fil-gosti ta' xewqathom: **9** isejħu qaddis dak biss li jaħsbu li hu tajjeb jew li jogħġob lilhom u jistmaw mhux sewwa dak li ma jogħġobhomx.

**10** Ir-raba' huma dawk il-Monaċi li jissejħu Xewlieħa. Dawn jgħaddu ħajjithom imorru minn post għal ieħor, joqgħodu tlieta jew erbat ijiem f'Monasterji differenti, **11** dejjem jiġġerrew, bla qagħda fissa, qaddejja biss tal-kapriċċi tagħhom u tal-gula; tassew ħafna agħar mis-Sarabajti.

**12** Dwar il-ħajja ħażina ta' dawn kollha, aħjar li wieħed jiskot milli jkompli jitkellem. **13** Mela, inwarbuhom fil-ġenb u bl-għajnuna tal-Mulej, nibdew infasslu l-ħajja tal-aqwa kategorija ta' Monaċi: iċ-Ċenobiti.

[1] Ara **MONAKU**

KAPITLU 2

# IL-KWALITAJIET TAL-ABBATI

**09 Jan**
**10 Mej**
**09 Set**

**1** L-Abbati, li jixraqlu jkun mexxej ta' Monasterju, għandu dejjem, jixhed ismu u b'għemilu juri li huwa l-kap. **2** Aħna nemmnu tabilħaqq li fil-Monasterju huwa minflok Kristu, ġaladarba jissejjaħ bl-istess isem tiegħu, **3** bħalma jgħid l-Appostlu: "Irċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajjtu: Abba! Missier!" (*Rum* 8,15).

**4** Għalhekk, l-Abbati, m'għandu jgħallem, jiddeċiedi jew jimponi xejn li jikser il-Kmandamenti tal-Mulej. **5** Anzi, l-ordnijiet u t-tagħlim tiegħu għandhom jitnisslu fi qlub id-dixxipli bħal ħmira tal-ġustizzja divina.

**10 Jan**
**11 Mej**
**10 Set**

**6** L-Abbati irid jiftakar, li dakinhar tal-ġudizzju tal-biża' irid jagħti rendikont quddiem Alla tat-tagħlim tiegħu u tal-ubbidjenza tad-dixxipli. **7** Għandu jkun jaf li se jeħel hu, bħala ragħaj, bin-nuqqasijiet kollha li Missier il-familja jsib fil-merħla tiegħu. **8** Mill-banda l-oħra huwa minnu wkoll li jekk ir-ragħaj ikun għamel kull ma seta' man-nagħaġ imqarbin u bla lġiem, u ħadem bla heda biex irażżan il-ħażen ta' għemilhom, **9** quddiem Alla jkun meħlus minn kull ħtija u għaldaqstant ikun jista' jgħid mal-Profeta: "Ma ħbejtx f'qalbi l-ġustizzja tiegħek; il-fedeltà u s-salvazzjoni tiegħek jien ħabbarthom"; "u huma qamu kontrija" (*S* 40,11; *Is* 1,2). **10** Għalhekk, in-nagħaġ li rrifjutaw kull rimedju, trażżanhom biss il-mewt, bħala kastig.

**11 Jan**
**12 Mej**
**11 Set**

**11** Min jinħatar Abbati, irid jaddotta żewġ forom ta' tagħlim mad-dixxipli tiegħu: jiġifieri, dak kollu li hu tajjeb u qaddis, **12** għandu jurih bil-fatti iktar milli bil-kliem. Lil dawk li jifhmu, ifissrilhom tagħlim il-Mulej bil-fomm, filwaqt li lil dawk ta' moħħhom dgħajjef u dawk ta' qalbhom iebsa irid jurihom b'għemilu l-Kmandamenti tal-Mulej. **13** Kull oġġett, imbagħad, muri bħala li jikser il-liġi t'Alla, irid jixhed b'għemilu kif jista' jiġi evitat, biex waqt li jippriedka lill-oħrajn ma jinstabx ħati huwa stess, **14** u ma jasalx il-jum li l-Mulej ikollu jgħidlu: "Kif titkellem fuq il-Kmandamenti tiegħi, u żżomm fuq xofftejk il-patt tiegħi, int li tobgħod it-twiddib, u tixħet kliemi wara dahrek?" (*S* 50,16-17). **15** "Xi trid tħares lejn it-tibna li hemm f'għajn ħuk? Għax ma tarax it-travu li għandek int f'għajnek?" (*Mt* 7,3).

**12 Jan**
**13 Mej**
**12 Set**

**16** L-Abbati m'għandux ikollu preferenzi. **17** M'għandux iħobb lil wieħed iktar minn ieħor għajr dak li jkun l-aqwa fl-imġiba u fl-ubbidjenza. **18** M'għandux jippreferi n-nobbli għall-bniedem komuni, dment li ma jkunx hemm raġunijiet oħra validi. **19** Jekk iħoss li għandu jagħmel hekk, m'għandux għalfejn jagħti kas il-kundizzjoni soċjali ta' dak li jkun. Normalment kulħadd għandu jżomm postu, **20** għaliex, nobbli jew le, ilkoll ħaġa waħda fi Kristu, ilkoll fl-istess armata taħt is-Sid il-Waħdieni, "u hu ma jħares lejn wiċċ ħadd" (*Efes* 6,9). **21** Huwa jagħżilna biss jekk inkunu umli u aħjar mill-oħrajn fl-opri tajba. **22** Għaldaqstant l-Abbati ħa jħobb u jimxi ma' kulħadd l-istess, skont ma jkun ħaqqu.

**13 Jan**
**14 Mej**
**13 Set**

**23** Fil-qadi ta' dmirijietu, l-Abbati għandu jagħmel tiegħu kliem l-Appostlu: "Ċanfar, widdeb, wissi" (*2 Tim* 4,2), **24** jalterna skont iċ-ċirkustanzi, l-ebusija maż-żegħil, daqqa juri l-ħruxija tal-imgħallem u daqqa l-imħabba ħanina tal-missier. **25** Fi kliem ieħor, ħa jċanfar b'mod l-aktar iebes lil dawk bla rażan u lill-imqarbin; lil dawk li jobdu, iżda, lill-kwieti u lis-sebrin għandu jħeġġiġhom ħalli jimxu 'l quddiem dejjem aktar. Inwissuħ, imma, biex iċanfar u jikkastiga lit-traskurati u liż-żebliħin.

**26** M'għandux jagħlaq għajnejħ għan-nuqqasijiet, dlonk għandu jqaċċathom u jaqlagħhom minn għeruqhom malli jinbtu, u jiftakar f'dak li kien ġralu Eli, Saċerdot ta' Silo. **27** Dawk l-iktar sensibbli u li jifhmu, ħa jikkoreġihom għal darba darbtejn bil-kelma t-tajba, **28** iżda lill-ħżiena, lill-istinati, lis-suppervi, lid-diżubbidjenti ħa jagħtihom is-swat u kastigi oħra materjali hekk kif jintebaħ bin-nuqqas, għax jaf li hemm miktub: "Bil-kliem biss ma twiddibx il-qaddej" (*Prov* 29,19); **29** kif ukoll: "Jekk issawwtu bil-bastun tkun qed teħilsu mill-mewt" (*S* 23,14).

**14 Jan**
**15 Mej**
**14 Set**

**30** L-Abbati jrid jiftakar dejjem fl-identità tiegħu, xi jfisser ismu; għandu jkun jaf li min ingħata ħafna, ħafna iktar jintalab minnu. **31** Għandu jifhem kemm hi diffiċli u iebsa il-ħatra li daħal għaliha, biex imexxi lill-erwieħ u **32** jaddatta ruħu ma 'l ħafna karattri differenti fejn waqt li jżiegħel lil wieħed, iwiddeb lil ieħor, jew jipperswadi lil ħaddieħor; filwaqt li jagħraf id-dispożizzjoni u l-intelliġenza ta' kull wieħed, għandu jikkonforma u jaddatta ruħu ma' kulħadd li ma jmurx ikollu jilmenta għax xi ħadd telaq, anzi jkollu għax jifraħ bit-tkattir tal-merħla fdata lilu.

**15 Jan**
**16 Mej**
**15 Set**

**33** M'għandu qatt jittraskura jew ma jagħtix kas tal-ħelsien tal-erwieħ fdati lilu, inkella jaħseb iżżejjed fil-ħwejjeġ li jgħaddu u fiergħa ta' din id-dinja; **34** minflok, għandu jżomm dejjem quddiem għajnejh li nħatar biex imexxi erwieħ li jrid iwieġeb għalihom. **35** Biex imbagħad ma joqgħodx iġib l-iskuża tan-nuqqas ta' finanzi, ħa jiftakar f'dak li hemm miktub:

"Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja ta' Alla, u dan kollu jingħatalkom ukoll" (*Mt* 6,33) **36** u iżjed: "Xejn ma jonqsu min jibża' minnu" (*S* 34,10).

**37** Min inħatar biex imexxi l-erwieħ se jintalab jagħti rendikont tagħhom. **38** L-Abbati, għalhekk, dakinhar tal-ġudizzju se jwieġeb għal kull wieħed li ġie fdat lilu, minbarra, naturalment, li jrid iwieġeb ukoll għalih innifsu.

**39** Għaldaqstant il-ħsieb biss ta' dak li jrid jiffaċċja, bħala mexxej, minħabba dawk li ġew fdati lilu, iġiegħlu jħabrek għalihom, u fl-istess ħin jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. **40** Filwaqt li jwissi u jikkoreġi lill-oħrajn, irażżan nuqqasijietu.

KAPITLU 3

# IL-LAQGĦA TAL-AĦWA FIL-KUNSILL

**16 Jan**
**17 Mej**
**16 Set**

**1** Kull meta fil-Monasterju jenħtieġu jiġu diskussi affarijiet ta' ċerta mportanza, l-Abbati għandu jlaqqa' l-komunità u jesponi huwa stess il-problema. **2** Wara li jieħu l-parir tal-aħwa, jaħsibha sew, u jagħmel dak li jidhirlu xieraq. **3** Għedna li kulħadd għandu jissejjaħ ħalli jesprimi l-opinjoni tiegħu, għaliex spiss huwa lill-iżgħar li l-Mulej inebbaħ bl-aħjar parir.

**4** L-aħwa, iżda, għandhom jgħidu tagħhom b'umiltà u bl-akbar rispett lejn l-awtorità, filwaqt li jevitaw li jwebbsu rashom fuq l-opinjoni personali tagħhom. **5** L-aħħar kelma għandha tkun tal-Abbati: ladarba ddeċieda, kulħadd għandu joqgħod għal dak li jgħid hu. **6** Madankollu, bħalma huwa dmir id-dixxipli li jobdu lis-surmast, daqshekk ieħor jixraq li l-Abbati jiddeċiedi b'għaqal u ġustizzja.

**17 Jan**
**18 Mej**
**17 Set**

**7** Kulħadd għandu jimxi, f'kollox, skont ir-Regola, u qatt ħadd m'għandu jitbiegħed minnha. **8** Daqshekk ieħor ħadd m'għandu jagħmel li jrid **9** u tant anqas jiddiskuti b'mod arroganti mal-Abbati tiegħu speċjalment barra l-Monasterju: **10** u min ikun daqshekk sfaċċat, jingħata dak li ħaqqu kif stabbilit fir-Regola.

**11** Minn naħa tiegħu l-Abbati għandu jaġixxi dejjem skont il-biża' t'Alla u skont ma tgħid ir-Regola, għaliex jaf li ta' kull deċiżjoni li jieħu, irid jagħti rendikont lil Alla, l-Imħallef l-iżjed ġust.

**12** Jekk imbagħad jinħtieġu jiġu diskussi affarijiet inqas importanti, l-Abbati jitlob biss il-pariri tal-anzjani, **13** bħalma hemm miktub: "Min joqgħod għal-Liġi jagħti kas tal-kmandamenti, u min jafda fil-Mulej ma jitlef xejn".

## KAPITLU 4
# SISIEN TAL-ĦAJJA SPIRITWALI

**18 Jan**
**19 Mej**
**18 Set**

**1** L-ewwelnett, ħobb, lill-Mulej, Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha (*Dt* 6,5). **2** Mbagħad, ħobb lill-porxxmu tiegħek bħalek innifsek (*Lq* 10,27). **3** Għalhekk la toqtolx (*Mt* 19,18). **4** La tagħmilx adulterju (*Mt* 19,18). **5** La tisraqx (*Mt* 19,18). **6** La tiżnix (*Dt* 5,21). **7** La tixhidx fil-falz (*Mk* 10,19). **8** Agħti ġieħ lil kulħadd (*1 Pt* 2,17). **9** Dak li tobgħod int, tagħmlux lil ħaddieħor (*Mt* 7,12).

**10** Iċħad lilek innifsek biex timxi wara Kristu (*Lq* 9,23). **11** Għakkes ġismek (1 *Kor* 9,27). **12** M'għandekx tfittex il-kumditajiet. **13** Ħobb is-sawm. **14** Għin lill-fqar. **15** Libbes lill-għarwenin (*Mt* 25,36). **16** Żur il-morda (*Mt* 25,36). **17** Idfen il-mejtin (*Tob* 1,17). **18** Ħenn għall-imdejqin. **19** Farraġ lill-imnikktin.

**19 Jan**
**20 Mej**
**19 Set**

**20** Iċħad id-drawwiet tad-dinja. **21** Tippreferi xejn għall-imħabba ta' Kristu. **22** Tagħmel xejn jekk inkurlat. **23** La żżommx f'qalbek. **24** La żżommx il-qerq f'qalbek (*Prov* 12,20). **25** Tagħtix paċi taparsi. **26** Twarrab qatt il-karità. **27** La taħlifx, li ma tmurx tieħu ġurament falz (*Mt* 5,34). **28** Għid il-verità bil-qalb u bil-fomm.

**29** Troddx deni għal deni. **30** La żżeblaħx, iżda ssaporti bil-paċenzja kollha ż-żebliħ kontrik (*1 Kor* 6,7-8). **31** Ħobb l-għedewwa (*Lq* 6,27). **32** La tisħetx, anzi, bierek lil dawk li jisħtuk (*1 Pt* 3,9). **33** Ġarrab il-persekuzzjonijiet minħabba fil-ġustizzja (*Mt* 5,10).

**34** Tkunx supperv (*Tit* 1,7). **35** Tagħtihiex għax-xorb (*Tit* 1,7). **36** Tkunx żaqqieq (*Koħ* 37,32). **37** Torqodx iżżejjed (*Prov* 20,13). **38** Tkunx għażżien (*Rum* 12,11). **39** Tgergirx (*Għerf* 1,11). **40** Tqassasx (*Għerf* 1,11). **41** Qiegħed f'Alla biss it-tama tiegħek (*S* 73,28). **42** It-tajjeb fik, agħraf li ġej minn Alla u mhux minnek. **43** Il-ħażin, iżda, bil-kontra, agħraf li ġej minnek biss.

**44** Twerwer minn jum il-ġudizzju. **45** Ibża' min-nar tal-Infern. **46** Kun xewqan u jkollok ħerqa spiritwali għall-ħajja eterna. **47** Aħseb kuljum fil-mewt.

**20 Jan**
**21 Mej**
**20 Set**

**48** Għasses f'kull ħin fuq għemilek. **49** Emmen tabilħaqq li Alla jarak kullimkien (*Prov* 15,3). **50** Il-ħsibijiet ħżiena farrakhom fi Kristu malli jinbtu u tkellem dwarhom mad-Direttur

Spiritwali. **51** Tlissinx diskorsi u kliem mhux flokhom. **52** Tħobbx tlablab. **53** Tlissinx kliem vojt u fieragħ. **54** Tħobbx id-daħk żejjed u goff.
**55** Isma’ bil-qalb il-qari spiritwali. **56** Itlob ta’ sikwit (*1 Tess* 5,17). **57** Waqt it-talb stqarr kuljum ’l Alla, bid-dmugħ u t-tnehid, ħtijietek. **58** Minn dawn l-istess ħtijiet, indem għal li ġej.

**59** Taqax għax-xewqat tal-ġisem (*Gal* 5,16).

**60** Obgħod ir-rieda tiegħek.

**21 Jan**
**22 Mej**
**21 Set**

**61** Obdi f’kollox l-ordnijiet tal-Abbati, anke jekk huwa, li m’għandu jkun qatt, jagħmel mod ieħor. Ftakar f’dak li jgħid il-Mulej: “Mela kull ma jgħidulkom huma għamluh, iżda tagħmlux kif jagħmlu huma” (*Mt* 23,3).

**62** Tippretendix li tissejjaħ qaddis qabel il-waqt, iżda l-ewwel trid tkun biex tissejjaħ hekk tabilħaqq. **63** Ħares kuljum il-Kmandamenti ta’ Alla. **64** Ħobb is-safa. **65** Tobgħod lil ħadd. **66** Tkunx għajjur (*Ġak* 3,14). **67** Taqax fl-għira (*Ġak* 3,14). **68** Tħobbx il-ġlied (*Ġak* 3,14). **69** Tkunx mimli bik innifsek. **70** Weġġaħ lill-anzjani. **71** Ħobb liż-żgħażagħ. **72** F’ġieħ l-imħabba ta’ Kristu itlob għall-għedewwa (*Mt* 5,44). **73** Agħmel paċi ma’ min kellek xi tgħid, qabel inżul ix-xemx (*Efes* 4,26).

**74** Qatt taqta’ qalbek mill-ħniena ta’ Alla.

**75** Dawn huma l-għodda tal-arti spiritwali. **76** Jekk inħaddmuhom bla heda, lejl u nhar, u nrodduhom lura dak in-nhar tal-ġudizzju, il-Mulej jagħtina bħala premju l-ħlas li huwa stess wegħedna: **77** “Dak li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet, u dak li qatt ma tnissel f’qalb il-bniedem, dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh” (*1 Kor* 2,9).

**78** Il-ħanut, imbagħad, fejn għandhom jintużaw bir-reqqa dawn l-għodda, huwa l-Monasterju, u l-ħajja kontinwa fi ħdan il-familja monastika.

KAPITLU 5

# L-UBBIDJENZA

**22 Jan**
**23 Mej**
**22 Set**

**1** Il-bidu tal-umiltà hija l-ubbidjenza bla tnikkir. **2** Hija l-karatteristika ta' dawk li xejn m'għandhom għeżeż minn Kristu. **3** B'saħħet il-konsagrazzjoni tagħhom infushom għas-servizz qaddis kif ukoll minħabba l-biża' tal-kundanna ta' dejjem u x-xewqa ħerqana għall-ħajja li ma tintemmx, **4** malli s-superjur jordna, bħallikieku l-ordni ġejja minn Alla, dlonk iwettquha bla dewmien. **5** Dwarhom, il-Mulej, igħid: "Malli jisimgħu bija, joqgħodu għalija" (*S* 18,45); **6** jgħid ukoll lill-mexxejja tal-erwieħ: "Min jisma' lilkom, ikun jisma' lili" (*Lq* 10,16).

**7** Il-Monaċi veri, li ma jagħtux kas tal-interessi tagħhom u li jiċħdu ridithom, **8** minnufih jitilqu kollox minn idejhom u jħallu fin-nofs ix-xogħol mibdi, ħalli jobdu u jwettqu fil-pront dak li ntalab lilhom. **9** Għalhekk, kważi fl-istess ħin, b'dik il-ħeġġa ħerqana ġejja mill-biża' t'Alla, jirrejalizzaw ruħhom żewġ affarijiet: l-ordni tal-Imgħallem u t-twettiq perfett tagħha mid-dixxiplu. **10** L-għan ewlieni tagħhom hu li jimxu 'l quddiem fit-triq tal-ħajja ta' dejjem.

**11** B'ħeġġa kbira jaqbdu t-triq d-dejqa, li dwarha l-Mulej jgħid: "dejqa t-triq li tieħu għall-ħajja" (*Mt* 7,14). **12** Ma jgħixux għall-kapriċċi tagħhom, iwarrbu gostihom u xewqithom, u filwaqt li jagħżlu li jgħixu fil-Monasterju taħt it-tmexxija u l-kmand ta' ħaddieħor, jixtiequ li fuqhom ikollhom Abbati. **13** Mingħajr ebda dubju dawn jimitaw lill-Mulej meta qal: "mhux biex nagħmel ir-rieda tiegħi, imma r-rieda ta' min bagħtni" (*Ġw* 6,38).

**23 Jan**
**24 Mej**
**23 Set**

**14** Din l-ubbidjenza, iżda, tkun milqugħa minn Alla u ta' għaxqa għall-bnedmin, dment li l-ordni tkun twettqet bla tnikkir, bla dewmien, bla bruda, bla tgergir jew argumenti; **15** għaliex l-ubbidjenza lejn is-superjuri ssir lejn Alla. Kristu stess qal: "Min jisma' lilkom, ikun jisma' lili" (*Lq* 10,16).

**16** Jenħtieġ li d-dixxipli juru dejjem rieda tajba meta jobdu, għaliex: "Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ" (*2 Kor* 9,7). **17** Meta, iżda, jobdu kontra qalbhom jew igorru, imqar jekk mhux bil-fomm imma f'qalbhom, **18** xorta waħda l-Mulej ma jiħux pjaċir bl-ordni li jkunu wettqu, għaliex hu jifli tajjeb qlubhom. **19** B'dan l-aġir mhux biss jitilfu kull mertu, anzi, jistħoqqilhom il-kastig bħal dawk li jgergru, sakemm jindmu u jagħmlu penitenza.

KAPITLU 6

# IS-SKIET

**24 Jan**
**25 Mej**
**24 Set**

**1** Ejjew nagħmlu bħalma jgħid il-Profeta: "Jiena għidt: 'irrid nara kif nimxi, biex ma nagħmilx dnubiet b'ilsieni; inqiegħed fuq fommi sarima,' … għalaqt ħalqi u bqajt sieket; żammejt il-kwiet, u xejn ma swieli" (*S* 39,2-3). **2** B'dan il-Profeta jgħallimna, li jekk f'ġieħ is-skiet irridu xi kultant inżommu lura anki mill-kliem tajjeb, aħseb u ara kemm irridu nevitaw il-kliem mhux xieraq biex ma nidimbux.

**3** Għaldaqstant, is-skiet, tant huwa mportanti, li wkoll lid-dixxipli 'l quddiem fil-ħajja spiritwali, qajla għandhom jingħataw permess biex jitħaddtu fuq suġġetti tajbin, qaddisa u li jgħolluhom spiritwalment. **4** Fil-fatt hemm miktub: "Il-kliem żejjed mhux nieqes mill-ħtija" (*Prov* 10,19) **5** u band'oħra: "Fis-setgħa ta' lsien il-mewt u l-ħajja" (*Prov* 18,21). **6** L-imgħallem jixraq li jitkellem u jgħallem; id-dixxiplu jeħtieġ jiskot u jisma'.

**7** Għalhekk, f'każ li għandha tintalab xi ħaġa lil xi superjur, ħa ssir b'umiltà kbira u b'sottomissjoni lejh. **8** Neskludu assolutament il-kliem mhux xieraq, fieragħ, ċajt vojt u d-dixxiplu m'għandu qatt jitħalla jiftaħ fommu biex ilissen kliem bħal dan.

KAPITLU 7

# L-UMILTÀ

**25 Jan**
**26 Mej**
**25 Set**

**1** Ħuti, l-Iskrittura tgħidilna kategorikament: "Kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar" (*Lq* 14,11). **2** Dan il-kliem ifisser li kull min jitkabbar juri ċerta suppervja. **3** Għalhekk il-Profeta jwissina u jgħidilna: "Mulej, ma tkabbritx qalbi, anqas ma ntrefgħu għajnejja; jien ma ġrejtx wara ħwejjeġ kbar, jew wara ħwejjeġ ogħla minni" (*S* 131,1). **4** Mela: "imma żammejt ruħi fis-skiet u l-mistrieħ, bħal tarbija f'ħoġor ommha; bħal tarbija miftuma, hekk hi ruħi ġewwa fija" (*S* 131,2).

**5** Għaldaqstant, ħuti, jekk irridu nilħqu l-ogħla quċċata tal-umiltà u nilħqu malajr dik il-glorja tas-sema li tinkiseb biss bl-umiltà tal-ħajja preżenti, **6** jeħtieġ li b'għemilna nwaqqfu s-sellum li Ġakobb ra fil-ħolm u li fuqu dehrulu anġli neżlin u telgħin. **7** Bla dubju ta' xejn l-inżul u t-tlugħ tagħhom ma jfissrux għajr li bis-suppervja ninżlu u bl-umilà nitilgħu.

**8** Is-sellum huwa l-ħajja tagħna fuq din l-art, li l-Mulej, aktar ma nċekknu qalbna aktar jgħollih lejn is-sema. **9** Il-lasti tas-sellum huwa ġisimna u ruħna u fosthom il-Mulej qiegħed diversi gradi ta' umiltà jew ta' mġiba spiritwali biex nitilqgħuhom.

**26 Jan**
**27 Mej**
**26 Set**

**10** L-ewwel grad tal-umiltà: Il-bniedem milqut profondament mill-biża' t'Alla, **11** jiftakar kontinwament fil-kmandamenti tiegħu, jimmedita lejl u nhar fuq l-Infern, fejn il-midimbin ibatu l-pwieni eterni, u jħejji ruħu waqt li għadu f'din id-dinja, għall-ħajja eterna mwiegħda lil dawk li jibżgħu mill-Mulej. **12** Għalhekk, f'kull ħin, għandu jaħrab minn kull dnub tal-ħsieb, tal-kliem u tal-għemil kif ukoll mix-xewqat tal-ġisem.

**27 Jan**
**28 Mej**
**27 Set**

**13** Jiftakar li huwa mgħasses kontinwament minn Alla u għemilu mhux biss huwa mgħasses mill-ħarsa divina iżda rapportat kontinwament mill-Anġli Kustodji. **14** Il-Profeta jfisser ċar dan meta juri l-preżenza t'Alla fi ħsibijietna meta jgħid: "Int li tgħarbel il-moħħ u l-qalb" (*S* 7,10); **15** u wkoll: "Jagħraf il-Mulej il-ħsibijiet tal-bniedem, u jaf li m'humiex ħlief frugħa" (*S* 94,11); **16** u iżjed "Int tagħraf mill-bogħod ħsibijieti" (*S* 139,2); **17** u: "Mqar fil-korla tiegħek il-bnedmin ifaħħruk" (*S* 76,11). **18** Kull min jaspira għall-perfezzjoni, biex iżomm 'il bogħod mill-ħsibijiet ħżiena ħa jirrepeti dejjem f'qalbu: "Bla tebgħa kont quddiemu, mill-ħtija ħarist lili nnifsi" (*S* 18,24).

**28 Jan**
**29 Mej**

**28 Set**

**19** M'għandniex nagħmlu riditna għaliex l-Iskrittura tgħallimna: "Tħallix xewqatek jiġbduk warajhom" (*Sir* 18,30). **20** Fil-"Missierna" nitolbu 'l Alla li ssir fina r-rieda tiegħu. **21** Birraġun għalhekk jgħallmuna niċħdu lilna nfusna biex nevitaw dak li tgħid l-Iskrittura: "Hemm min jaħseb li triqtu dritta, mbagħad tmiemha jwasslu għall-mewt" (*Prov* 16,25). **22** u fl-istess ħin nevitaw li jgħodd għalina dak li jingħad fuq it-traskurati: "Tħassru lill-bnedmin li għamlu ħwejjeġ ta' min jistmellhom" (*S* 53,2).

**23** Dwar ix-xewqat ħżiena tagħna, mbagħad, irridu nirrejalizzaw li Alla huwa dejjem preżenti bħalma jgħid il-Profeta: "Quddiemek hi x-xewqa kollha tiegħek" (*S* 38,10).

**29 Jan**
**30 Mej**
**29 Set**

**24** Jenħtieġ, allura, li naħarbu kull xewqa ħażina għaliex il-mewt tinsab proprju fil-bidu talpjaċir żieni. **25** Għalhekk l-Iskrittura twissi: "u rażżanhom il-ġibdiet tiegħek" (*Sir* 18,30).

**26** Mela, jekk "Għajnejn il-Mulej, jgħassu fuq il-ħżiena u fuq it-tajbin" (*Prov* 15,3) **27** u "Il-Mulej mis-sema jittawwal fuq il-bnedmin, biex jara jekk hemmx min hu għaqli, min ifittex lil Alla" (*S* 14,2); **28** u jekk lejl u nhar l-Anġli Kustodji tagħna jirreferu lill-Mulej għemilna, **29** għandna tassew kull ħin naraw li l-Mulej ma jsibniex bħalma jgħid is-Salmista "Lkoll intilfu, ilkoll flimkien tħażżnu" (*S* 14,3). **30** Waqt li issa jaħfrilna, għaliex Hu ħanin u jistenna li aħna nindmu, naraw li qatt ma jgħidilna: "Dan int għamilt u jien bqajt sieket" (*S* 50,21).

**30 Jan**
**31 Mej**
**30 Set**

**31** It-tieni grad tal-umiltà: Filwaqt li m'għandekx tħobb ir-rieda tiegħek tfittixx li twettaq xewqatek, iżda, **32** qiegħed fil-prattika dak li jgħid il-Mulej: "Inżilt mis-sema mhux biex nagħmel ir-rieda tiegħi, imma r-rieda ta' min bagħatni" (*Ġw* 6,38). **33** Hu magħruf ukoll li: "Meta nagħmlu ta' rasna ħaqqna l-kastig, meta niġu mġiegħla nimmeritaw il-premju" (*Atti SS. Agapitu, Kijonja u Irenew* 1,250).

**31 Jan**
**01 Ġun**
**01 Ott**

**34** It-tielet grad tal-umiltà: Sottomissjoni sħiħa lejn min hu fuqna, għall-imħabba t'Alla, bħalma għamel Kristu li dwaru l-Appostlu qal: "Ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt" (*Film* 2,8).

**01 Fra**
**02 Ġun**
**02 Ott**

**35** Ir-raba' grad tal-umiltà: Waqt it-tħaddim tal-ubbidjenza quddiem id-diffikultajiet, il-kuntrarju jew ukoll l-inġustizzji, il-Monaku jenħtieġ skiet u sabar, **36** u m'għandux jaqta'

qalbu jew jerġa lura għaliex l-Iskrittura tgħid: "Min jibqa' jżomm sħiħ sal-aħħar dan isalva" (*Mt* 24,13) **37** u tgħid ukoll: "Ittama fil-Mulej, żomm sħiħ u qawwi qalbek" (*S* 27,14).
**38** U biex jintwera kemm tabilħaqq il-Monaku jrid, f'isem il-Mulej, isofri minn kollox, anki l-kuntrarju, f'ġieħ l-imġarrbin jingħad: "Minħabba fik joqtluna l-jum kollu, jgħodduna bħal nagħaġ għall-qatla" (*S* 44,23). **39** Huma, iżda, ċerti li se jingħataw ħlas xieraq minn Alla, itennu ferħana: "Imma f'dan kollu aħna aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna" (*Rum* 8,37). **40** Ma' dan ta' min ifakkar f'pass ieħor tal-Iskrittura: "Għax int, o Alla, ġarrabtna, għaddejtna mill-prova bħall-fidda. Ħallejtna naqgħu fix-xibka, issikkajtilna bi ħżiem ġenbejna" (*S* 66,10-11). **41** U biex jintwera li għandna nqiegħdu ruħna għar-rieda ta' min hu fuqna, ikompli hekk: "Ħallejt in-nies jirkbu fuq rasna" (*S* 66,12).

**42** U waqt li jwettqu dak li jrid minnhom il-Mulej, bis-sabar jiffaċċjaw l-kuntrarju u t-tmaqdir: mogħtijin bil-ħarta fuq naħa joffru l-ħadd l-ieħor; lil min joħdilhom il-libsa jagħtuh il-mantar ukoll; mġegħlin jimxu kilometru, jimxu anki tnejn; **43** flimkien mal-Appostlu San Pawl jagħmlu lill-aħwa ħżiena u jbierku lil min jisħethom.

**02 Fra**
**03 Ġun**
**03 Ott**

**44** Il-ħames grad tal-umiltà: jintlaħaq meta l-Monaku jistqarr b'umiltà lill-Abbati, l-ħsibijiet ħżiena li nibtu f'qalbu u d-dnubiet li jkun għamel bil-moħbi, **45** bħalma tħeġġeġ l-Iskrittura: "Erħi fil-Mulej it-triq tiegħek, afda fih, u jagħmel hu" (*S* 37,5) **46** jew: "Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu" (*S* 106,1) **47** l-istess, il-Profeta: "Id-dnub tiegħi jien stqarrejtek, u l-ħażen tiegħi ma ħbejtulekx" (*S* 32,5). **48** Jien għidt: 'Quddiem il-Mulej nistqarr ħtijieti.' U int ħfirtli l-ħażen tad-dnub tiegħi" (*S* 32,5).

**03 Fra**
**04 Ġun**
**04 Ott**

**49** Is-sitt grad tal-umiltà: Jintlaħaq meta l-Monaku jkun kuntent anki bl-inqas oġġett ordinarju u li ma jiswa xejn u kull meta jintalab jagħmel xi ħaġa jqis lilu nnifsu mhux denn u ta' bla ħila waqt li (*S* 73,22-23) **50** jagħmel tiegħu kliem il-Profeta: "Kemm kont iblah, xejn ma fhimt, bħal bhima jien kont quddiemek. Imma jien dejjem miegħek".

**04 Fra**
**05 Ġun**
**05 Ott**

**51** Is-seba' grad tal-umiltà: Jintlaħaq mill-Monaku li mhux biss bil-kliem imma wkoll f'qiegħ qalbu huwa konvint u jqis lilu nnifsu l-aħħar wieħed u l-inqas **52** filwaqt li jumilja ruħu mal-Profeta: "Jien dudu tal-art, u mhux bniedem, żebliħ tan-nies, tkasbir tal-poplu"(*S* 22,7), **53** "nħossni mifni, mgħobbi bil-biża' tiegħek" (*S* 88,16) **54** u l-istess "Swieli ta' ġid li għakkistni, għax tgħallimt il-Kmandamenti tiegħek" (*S* 119,71).

**05 Fra**
**06 Ġun**
**06 Ott**

**55** It-tmien grad tal-umiltà: Jintlaħaq mill-Monaku li jagħmel biss dak mitlub mir-regoli tal-Monasterju u jimxi fuq l-eżempju ta' dawk akbar minnu.
**06 Fra**
**07 Ġun**
**07 Ott**

**56** Id-disa' grad tal-umiltà: Jintlaħaq mill-Monaku li jrażżan ilsienu u jħares is-skiet, ma jitkellimx għajr jekk mistoqsi. **57** Fil-fatt l-Iskrittura turi kif: "Il-kliem żejjed mhux nieqes mill-ħtija" (*Prov* 10,19) **58** u "Ma jgħammrux fl-art in-nies ta' lsien ħażin"(*S* 120,12).

**07 Fra**
**08 Ġun**
**08 Ott**

**59** L-għaxar grad tal-umiltà: Jintlaħaq mill-Monaku li ma jidħakx malajr jew għal xejn b'xejn, għaliex hemm miktub li: "L-iblah jidħak jgħajjat" (*Sir* 21,20).

**08 Fra**
**09 Ġun**
**09 Ott**

**60** Il-ħdax-il grad tal-umiltà: Jintlaħaq mill-Monaku, li jitkellem bil-kalma u mingħajr daħk, b'umiltà u b'serjetà, ilissen ftit kliem u bis-sens, bla ma jgħolli leħnu, **61** bħalma hemm miktub: "L-għaref jingħaraf għax ta' ftit kliem" (*Enkiridju* 145).

**09 Fra**
**10 Ġun**
**10 Ott**

**62** It-tnax-il grad tal-umiltà: Jintlaħaq meta l-Monaku, mhux biss f'qalbu, imma wkoll f'imġibtu juri bid-dieher l-umiltà tiegħu: **63** waqt l-Uffiċċju Divin, fil-Knisja, fil-Monasterju, fil-ġnien, fit-triq, fl-għelieqi, kullimkien, u sew jekk bilqiegħda, miexi, jew bilwieqfa iżomm rasu baxxa u għajnejh iħarsu fissi lejn l-art; **64** u filwaqt li l-ħin kollu jaħseb fi dnubietu, bħallikieku diġà jinsab quddiem il-ġudizzju tremend ta' Alla, **65** jirrepeti kontinwament f'qalbu kliem il-pubblikan tal-Vanġelu li b'rasu baxxuta jgħid: "O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb" (*Lq* 18,13) **66** anke l-Profeta jgħid: "Ninsab imnikket għall-aħħar, Mulej" (*S* 119,107).

**67** Il-Monaku li jkun laħaq dawn il-gradi kollha tal-umiltà, dlonk jikseb l-imħabba t'Alla li għax "sħiħa tkeċċi l-biża' 'l barra" (*1 Ġw* 4,18). **68** U permezz ta' din l-imħabba, dak li qabel kien jagħmlu b'ċertu tħassib issa jibda jwettqu bla tbatija, kif wieħed jista' jistenna, minn rajh, **69** mhux aktar minħabba l-biża' tal-Infern, iżda għall-imħabba ta' Kristu u tat-tajjeb innifsu.

**70** Dan huwa l-frott li l-Mulej, b'ħidmet l-Ispirtu s-Santu, irid iberraħ fil-ħaddiem tiegħu, imsoffi mill-vizzji u minn dnubietu.

## KAPITLU 8

# L-UFFIĊĊJU TAL-QARI MATUL IL-LEJL

**10 Fra**
**11 Ġun**
**11 Ott**

**1** Fix-xitwa, jiġifieri mill-1 ta' Novembru sal-Għid il-Kbir, il-Monaċi jqumu għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu **2** u b'hekk ikunu raqdu ftit iktar minn nofsillejl u jqumu meta jkunu straħu biżżejjed.

**3** Dwar il-ħin li jifdal wara l-Uffiċċju tal-Qari,[2] il-Monaċi li għandhom bżonn, jiddedikawh għall-istudju tas-Salmi u tal-Kotba Mqaddsa.

**4** Mill-Għid il-Kbir sal-1 ta' Novembru, il-ħin[3] tal-Uffiċċju tal-Qari jiġi regolat b'mod, li wara waqfa qasira li matulha l-Monaċi jissodisfaw l-eventwali bżonnijiet naturali tagħhom, jgħaddu minnufih għat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum[4] li jingħad maż-żerniq.

---

[2] Din hija t-traduzzjoni tal-lum, bil-Malti, għall-MATUTIN (ara **UFFIĊĊJU DIVIN**). L-istess igħodd għall-KAP. 9, 10, 11, 14, 15, 16, 17, 18, 43.

[3] Mhux faċli tistabilixxi l-ħin, għaliex il-ġurnata kienet maqsuma fi 12-il siegħa, indaqs. Iżda, it-tul tal-ġurnata u tas-sigħat kienu jvarjaw mal-istaġuni. Biex wieħed ikollu idea nistgħu ngħidu li fix-xitwa kienu iqumu fis-02.00 am u fis-sajf fit-03.00 am.

[4] Din hija t-traduzzjoni tal-lum, bil-Malti, għall-LAWDI (ara **UFFIĊĊJU DIVIN**). L-istess igħodd għall-Kap. 11, 12, 13, 15, 16, 17, 35.

## KAPITLU 9
# IS-SALMI GĦALL-UFFIĊĊJU TAL-QARI

**11 Fra**
**12 Ġun**
**12 Ott**

**1** Fix-xitwa, skont ma ġie stabbilit, jingħata bidu għall-Uffiċċju tal-Qari billi għal tliet darbiet jitkanta dan il-Versett: *Mulej iftaħli xofftejja u fommi jxandar it-tifħir tiegħek* (*S* 51,17). **2** Wara jingħad is-Salm 3 bil-Glorja…, **3** is-Salm 94 bl-Antifona – jew kantat imkaxkar, **4** u l-Innu.[5] Jingħadu mbagħad sitt Salmi bl-Antifoni rispettivi. **5** Wara l-Versett tingħata l-barka mill-Abbati. Kulħadd joqgħod bilqiegħda f'postu, u min imissu, mill-ktieb ta' fuq il-leġiju, jinqraw tliet Lezzjonijiet b'Responsorju bejn waħda u oħra. **6** L-ewwel tnejn ikunu mingħajr *Glorja*… **7** li tiġi kantata minn dak li jkun qara t-tielet Lezzjoni. Hawnhekk kulħadd iqum bilwieqfa b'qima lejn is-SS.ma Trinità.

**8** Waqt l-Uffiċċju tal-Qari, is-siltiet li jinqraw mit-Testment il-Qadim u mit-Testment il-Ġdid iridu jkunu fidili lejn it-tagħlim tal-Knisja u ta' awturi magħrufin għall-integrità tagħhom.

**9** Sitt Salmi oħra, bl-*Alleluja*…, jingħadu wara l-qari tat-tliet Lezzjonijiet bir-Responsorji rispettivi. **10** Tingħad, bl-amment, Lezzjoni qasira meħuda minn San Pawl, il-Versett, u l-Litanija.[6] **11** B'hekk jintemm l-Uffiċċju tal-Qari.

---

[5] Fit-test latin l-Innu jissejjaħ *ambrosianum* għaliex kien San Ambroġju li daħħal fil-Liturġija l-Innijiet, f'Milan.
[6] Jingħad biss *Mulej ħniena, Kristu ħniena, Mulej ħniena*.

KAPITLU 10

# L-UFFIĊĊJU TAL-QARI FIS-SAJF

**12 Fra**
**13 Ġun**
**13 Ott**

**1** Mill-Għid il-Kbir sal-1 ta' Novembru jinżamm l-istess għadd ta' Salmi kif diġà stabbilit. **2** Minħabba li fis-sajf l-iljieli huma pjuttost qosra, minflok it-tliet Lezzjonijiet tingħad waħda, bl-amment, mit-Testment il-Qadim, b'Responsorju qasir.

**3** Mill-bqija kollox l-istess, jiġifieri, waqt l-Uffiċċju tal-Qari m'għandhomx jingħadu inqas minn tnax-il Salm, minbarra s-Salmi 3 u 94.

KAPITLU 11

# L-UFFIĊĊJU TAL-QARI NHAR TA' ĦADD

**13 Fra**
**14 Ġun**
**14 Ott**

**1** Nhar ta' Ħadd, il-Monaċi jqumu ftit iktar kmieni mis-soltu għall-Uffiċċju tal-Qari.

**2** Waqt ir-reċta tal-Uffiċċju għandu jinżamm ċertu ordni. Kif diġà għedna, wara l-kant ta' sitt Salmi u tal-Versett, kulħadd joqgħod bilqiegħda f'postu u jisma' l-qari ta' erba' Lezzjonijiet bir-Responsorji rispettivi tagħhom **3** u waqt il-kant tal-*Glorja*…wara r-raba' Responsorju, kulħadd iqum bilwieqfa b'sinjal ta' qima.

**4** Wara, imiss sitt Salmi oħra bl-Antifoni u l-Versett. **5** Jinqraw erba' Lezzjonijiet oħra bir-Responsorji, kollox bħal qabel, u l-Versett.

**6** Imbagħad, jingħadu tliet *Kantiċi* mill-Kotba tal-Profeti, magħżula mill-Abbati, bil-kant tal-*Alleluja*… **7** Wara l-Versett u l-barka tal-Abbati, jinqraw erba' siltiet oħra mit-Testment il-Ġdid, u fl-istess ordni ta' hawn fuq. **8** Fi tmiem ir-raba' Responsorju, l-Abbati jintona l-Innu ta' Tifħir.[7] **9** L-istess Abbati jaqra silta mill-Vanġelu waqt li kulħadd jibqa' bilwieqfa b'sinjal ta' ġieħ u qima. **10** Fl-aħħar, kulħadd iwieġeb *Ammen*, u dlonk l-Abbati jintona l-Innu *Te decet laus*,[8] jagħti l-barka, u jibda t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.

**11** Dan l-ordni tal-Uffiċċju tal-Qari għandu jinżamm kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa, **12** minbarra, naturalment, u jalla ma jkun qatt, f'każ li l-Monaċi jqumu tard; allura jkun meħtieġ li jitqassru xi Lezzjonijiet jew xi Responsorji. **13** Madankollu, kulħadd għandu jagħmel l-almu tiegħu biex dan ma jiġrix. F'każ li jiġri, ir-responsabbli għandu jagħti, pubblikament, quddiem Alla, rendikont tan-nuqqas tiegħu, fil-Knisja.

---

[7] Bil-Latin it-*Te Deum*.
[8] Strofa tal-aħħar ta' Innu mil-Liturġija Griega.

KAPITLU 12

## IT-TIFĦIR TA' SBIĦ IL-JUM NHAR TA' ĦADD

**14 Fra**
**15 Ġun**
**15 Ott**

**1** Nhar ta' Ħadd, it-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum jibda bis-Salm 66 mingħajr l-Antifona; **2** is-Salm 50 bl-*Alleluja*… **3** u s-Salmi 117 u 62. **4** Wara, il-Kantiku *Benedicite*[9] flimkien mas-Salmi 148, 149 u 150. Mbagħad jingħadu Lezzjoni qasira bl-amment, mill-Apokalissi, ir-Responsorju, l-Innu, il-Versett, il-Kantiku tal-Vanġelu, u kollox jintemm bil-Litanija.

[9] *Dan* 3,52-56, 57-90

KAPITLU 13
# IT-TIFĦIR TA’ SBIĦ IL-JUM FIL-ĠRANET TA’ KULJUM

**15 Fra**
**16 Ġun**
**16 Ott**

**1** Fil-ġranet ta’ kuljum it-Tifħir ta’ Sbiħ il-Jum jingħad hekk: **2** jingħata bidu bis-Salm 66 mingħajr Antifona, b’ton xi ftit imkaxkar, bħal nhar ta’ Ħadd, bil-għan li kulħadd ikun preżenti għall-bidu tas-Salm 50 li jrid jingħad bl-Antifona. **3** Wara, jingħadu żewġ Salmi oħra: **4** nhar ta’ Tnejn is-Salmi 5 u 35; **5** nhar ta’ Tlieta is-Salmi 42 u 56; **6** nhar t’Erbgħa is-Salmi 63 u 64; **7** nhar ta’ Ħamis is-Salmi 87 u 89; **8** nhar ta’ Ġimgħa is-Salmi 75 u 91; **9** nhar ta’ Sibt is-Salm 142 bil-Kantiku tad-Dewteronomju, f’żewġ partijiet, bil-*Glorja*… **10** Fil-ġranet l-oħra, il-Kantiċi jittieħdu mill-Kotba tal-Profeti, skont il-Brevjar Ruman. **11** Immedjatament wara s-Salmi 148, 149 u 150; mbagħad silta, bl-amment, minn San Pawl, ir-Responsorju, l-Innu, il-Versett, il-Kantiku tal-Vanġelu, u kollox jintemm bil-Litanija.

**16 Fra**
**17 Ġun**
**17 Ott**

**12** Kemm it-Tifħir ta’ Sbiħ il-Jum kif ukoll l-Għasar[10] m’għandhom qatt jintemmu mingħajr ma’ l-Abbati jgħid b’leħen għoli t-talba tal-Missierna, biex ipatti għan-nuqqas ta’ qbil serju li spiss jinħoloq fi ħdan il-Komunità. **13** B’hekk il-Monaċi bis-saħħa tal-wegħda li hemm fl-istess Missierna: “Aħfrilna dnubietna, bħalma aħna naħfru” (*Mt* 6,12) jissaffew minn ħtijiethom. **14** Fit-Talb l-ieħor, l-aħħar parti biss, tal-Missierna, tingħad b’leħen għoli, ħalli kulħadd iwieġeb: “Iżda eħlisna minn kull deni”.

---

[10] Din hija t-traduzzjoni tal-lum, bil-Malti, għall-VESPRI(ara **UFFIĊĊJU DIVIN**). L-istess igħodd għall-Kap. 15, 16, 17.

KAPITLU 14

# L-UFFIĊĊJU TAL-QARI FIL-FESTI TAL-QADDISIN

**17 Fra**
**18 Ġun**
**18 Ott**

**1** Fil-Festi tal-Qaddisin u fis-Solennitajiet l-oħra l-Uffiċċju tal-Qari jingħad bħal nhar ta' Ħadd. **2** Iżda fis-Salmi, l-Antifoni u l-Qari, ikunu tal-ġurnata. L-ordni huwa dak li ġie stabbilit.

KAPITLU 15

# META TINGĦAD L-ALLELUJA

**18 Fra**
**19 Ġun**
**19 Ott**

**1** Mill-Għid il-Kbir sal-Għid il-Ħamsin, l-*Alleluja*[11] tingħad dejjem, kemm waqt is-Salmi kif ukoll waqt ir-Responsorji. **2** Mill-Għid il-Ħamsin sal-bidu tar-Randan, waqt l-Uffiċċju tal-Qari tingħad biss mas-sitt Salmi tat-tieni Notturn.

**3** Fil-Ħdud, mhux ta' żmien ir-Randan, l-*Alleluja*, tiżdied mal-Kantiċi, mat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, ma' Prima,[12] mat-Talb tad-Disgħa ta' filgħodu,[13] mat-Talb ta' Nofsinhar[14] u mat-Talb tat-Tlieta ta' wara nofsinhar;[15] filwaqt li l-Għasar bl-Antifoni.

**4** Ir-Responsorji jkunu bl-*Alleluja* mill-Għid il-Kbir sal-Għid il-Ħamsin, biss.

---

[11] Mil-Liturġija Lhudija li tfisser: *Faħħru lil Alla*. Ġieli ntużat mill-ewwel insara bħala tislima.
[12] Din ma għadhiex teżisti fl-Uffiċċju Divin Monastiku (ara **UFFIĊĊJU DIVIN**). L-istess igħodd għall-KAP. 16, 17, 18, 48.
[13 - 15] Din hija t-traduzzjoni tal-lum, bil-Malti, għal TERZA, SESTA u NONA(ara **UFFIĊĊJU DIVIN**). L-istess bħal fin-nota 12.
[14] *ibid.*
[15] *ibid.*

KAPITLU 16
# IL-LITURĠIJA TAT-TALB TA' MATUL IL-JUM

**19 Fra**
**20 Ġun**
**20 Ott**

**1** Il-Profeta jgħid: "Seba' darbiet kull jum infaħħrek" (*S* 119,164). **2** Dan in-numru mqaddes ta' seba' jitħares l-istess minna jekk ma nonqsux ngħidu it-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, Prima, it-Talb ta' Nofs il-Jum (tad-Disgħa ta' filgħodu, ta' Nofsinhar u tat-Tlieta ta' wara nofsinhar), l-Għasar u t-Talb ta' Għeluq il-Jum.[16] **3** Fir-rigward tat-Talb ta' matul il-Jum il-Profeta kien qal: "Seba' darbiet kull jum infaħħrek" (*S* 119,164).

**4** B'riferenza għall-Uffiċċju tal-Qari, l-istess Profeta jgħid: "F'nofs il-lejl inqum infaħħrek" (*S* 119,62).

**5** Għalhekk, ejjew inqimu l-Ħallieq tagħna "għad-digrieti ġusti tiegħek" (*S* 119,164 u 62) permezz tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, Prima, it-Talb tad-Disgħa ta' filgħodu, ta' Nofsinhar, tat-Tlieta ta' wara nofsinhar, l-Għasar u t-Talb ta' Għeluq il-Jum; ejjew inqumu wkoll bil-lejl, biex infaħħruh.

[16] Din hija t-traduzzjoni tal-lum, bil-Malti, għall-KOMPJIETA (ara **UFFIĊĊJU DIVIN**). L-istess igħodd għall-KAP. 17, 18, 42.

KAPITLU 17

# IS-SALMI GHAT-TALB TA' MATUL IL-JUM

**20 Fra**
**21 Ġun**
**21 Ott**

**1** Diġà ffissajna l-ordni tar-reċta tas-Salmi għal waqt l-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum; nagħtu issa l-ordni tat-Talb l-ieħor.

**2** Waqt Prima, jingħadu tliet Salmi kull wieħed bil-*Glorja*... **3** Qabilhom jingħad il-Versett *O Alla, ejja eħlisni*... (*S* 70,2) u l-Innu proprju. **4** Wara t-tliet Salmi, Lezzjoni waħda, il-Versett, il-Litanija u Talb tal-aħħar.

**5** Waqt it-Talb tad-Disgħa ta' filghodu, ta' Nofsinhar u tat-Tlieta ta' wara nofsinhar jinżamm l-istess ordni, jiġifieri: l-ewwel il-Versett *O Alla, ejja eħlisni*..., l-Innijiet rispettivi, it-tliet Salmi, il-Qari, il-Versett, il-Litanija u t-Talb tal-aħħar. **6** F'każ ta' Kommunità kbira, is-Salmi jingħadu bl-Antifoni, jekk tkun zgħira, wara xulxin.

**7** L-Għassar, jikkonsisti f'erba' Salmi, bl-Antifoni. **8** Warajhom il-Qari, ir-Responsarju, l-Innu, il-Versett, il-Kantiku tal-Vanġelu u l-Litanija. Jintemm bil-*Missierna*...

**9** Fit-Talb ta' Għeluq il-Jum jingħadu tliet Salmi wara xulxin mingħajr Antifoni. **10** Mbagħad l-Innu proprju, il-Qari, il-Versett u l-Litanija. Jintemm bil-barka tal-Abbati.

KAPITLU 18

# L-ORDNI TAS-SALMI

**21 Fra**
**22 Ġun**
**22 Ott**

**1** Fil-bidu jingħad il-Versett *O Alla, ejja eħlisni! Mulej, fittex għinni!* (*S* 70,2) bil-*Glorja* u l-Innijiet rispettivi għal kull Talba ta' Nofs il-Jum.

**2** Nhar ta' Ħadd, waqt Prima jingħadu erba' strofi tas-Salm 118; **3** tliet strofi oħra mill-istess Salm waqt it-Talb tad-Disgħa ta' filgħodu, ta' Nofsinhar u tat-Tlieta ta' wara nofsinhar.

**4** Nhar ta' Tnejn, waqt Prima jingħadu is-Salmi 1, 2 u 6. **5** Fil-ġranet l-oħra, sal-Ħadd, jingħadu skont l-ordni, tliet Salmi sas-Salm 19. Is-Salmi 9 u 17 jinqasmu fi tnejn. **6** B'hekk l-Uffiċċju tal-Qari tal-Ħadd jibda dejjem bis-Salm 20.

**22 Fra**
**23 Ġun**
**23 Ott**

**7** Nhar ta' Tnejn, waqt it-Talb tad-Disgħa ta' filgħodu, ta' Nofsinhar u tat-Tlieta ta' wara nofsinhar jingħadu tliet strofi għal kull Talba mid-disa' strofi li baqa' mis-Salm 118. **8** F'jumejn, jiġifieri bejn il-Ħadd u t-Tnejn, is-Salm 118 ikun ingħad kollu, **9** għalhekk, nhar ta' Tlieta, waqt it-Talb tad-Disgħa ta' filgħodu, ta' Nofsinhar u tat-Tlieta ta' wara nofsinhar, jingħadu tliet Salmi għal kull Talba, mis-Salm 119 sas-Salm 127, disa' Salmi b'kollox. **10** Dawn is-Salmi jiġu ripetuti anki fil-ġranet ta' wara, sal-Ħadd, filwaqt li kuljum jibqa' ma jinbidilx l-ordni tal-Innijiet, tal-Qari u tal-Versetti. **11** B'hekk nhar ta' Ħadd ir-reċta tas-Salmi tibda dejjem bil-Salm 118.

**23 Fra**
**24 Ġun**
**24 Ott**

**12** Waqt l-Għasar jitkantaw kuljum erba' Salmi, **13** mil-109 sal-147, iżda, **14** jitħallew barra dawk li diġà ngħadu waqt it-Talb ta' Nofs il-Jum, jiġifieri: mil-117 sal-127, il-133 u l-142. **15** Dawk li baqa', jingħadu waqt l-Għasar. **16** Peress li jkun għad jonqos tliet Salmi, jinqasmu f'darbtejn l-itwal fosthom: il-138, il-143 u l-144; **17** filwaqt li s-Salm 116, peress li huwa qasir, jingħaqad mal-115. **18** B'hekk qassamna l-ordni tas-Salmi għal waqt il-Għasar. Il-bqija: il-Qari, ir-Responsorju, l-Innu, il-Versett u l-Kantiku, isir kollox bħalma ġie stabbilit.

**19** Waqt it-Talb ta' Għeluq il-Jum, is-Salmi huma kuljum l-istess: 4, 90 u 133.

**24 Fra**
**25 Ġun**
**25 Ott**

**20** Skont dan l-ordni jitkantaw is-Salmi waqt it-Talb ta' matul il-Jum. Is-Salmi l-oħra jitqassmu indaqs bejn is-seba' Uffiċċji tal-Qari, **2**1 bl-itwal jinqasmu fi tnejn, tnax-il Salm kull lejl.
**22** Inħossu li għandna ngħidu li, jekk dan it-tqassim ma jintgħoġobx, l-Abbati huwa ħieles li jqassam hu kif jidhirlu l-aħjar, **23** sakemm jara li f'ġimgħa jkun ntqalu l-150 Salmi kollha u b'hekk, nhar ta' Ħadd, jerġa dejjem jibda mill-bidu fl-Uffiċċju tal-Qari. **24** Fil-fatt juru nuqqas serju fil-qadi ta' dmirijiethom dawk il-Monaċi li f'ġimgħa ma jgħidux il-150 Salm flimkien mal-Kantiċi tas-soltu, **25** meta naqraw li l-Missirijiet Qaddisa tagħna, f'jum wieħed biss, kienu bil-ħerqa kollha jgħidu, dak li aħna, bil-bruda tagħna, qajla jirnexxilna ngħidu f'ġimgħa sħiħa (*Ħajja tal-Padri* 5,4).

KAPITLU 19

# L-IMĠIBA WAQT L-UFFIĊĊJU DIVIN

**25 Fra**
**26 Ġun**
**26 Ott**

**1** Aħna nemmnu li Alla jinsab kullimkien u li "Kullimkien iħarsu għajnejn il-Mulej, igħassu fuq il-ħżiena u fuq it-tajbin." (*Prov* 15,3). **2** Fuq kollox, imma, nemmnu, bla dubju ta' xejn, fil-preżenza ta' Alla meta nieħdu sehem fit-Talb ta' Nofs il-Jum. **3** Għaldaqstant m'għandna ninsew qatt kliem il-Profeta: "Aqdu lill-Mulej bil-biża'" (*S* 2,11), **4** jew "għannulu bis-sengħa għanja sabiħa" (*S* 47,8) **5** inkella "Quddiem l-allat irrid ngħannilek" (*S* 138,1).

**6** Inqisu tajjeb, mela, kif jenħtiġilna nġibu ruħna quddiem il-preżenza t'Alla u tal-Anġli tiegħu, **7** u nieħdu sehem fit-Talb ta' Nofs il-Jum b'mod li moħħna u kliemna jkunu ħaġa waħda.

KAPITLU 20

# ID-DEVOZZJONI FIT-TALB

**26 Fra**
**27 Ġun**
**27 Ott**

**1** Meta nitolbu xi ħaġa mingħand xi personalità, nagħmlu dan b'umiltà u rispett; **2** mela b'kemm umiltà akbar u qima safja għandna nitolbu 'l Alla, Sid tal-ħlejjaq kollha! **3** Nafu li, mhux għal ħafna kliem li ngħidu, inkunu mismugħa, imma jekk ikollna qalbna safja u sogħba sinċiera. **4** Għaldaqstant, it-talba tagħna għandha tkun qasira u safja, sakemm ma jkollhiex titwal bħala effett tal-ispirazzjoni tal-grazzja ta' Alla.

**5** Madankollu, it-talb, meta jsir flimkien, għandu jkun assolutament qasir u mas-sinjal tal-Abbati, kulħadd iqum minnufih, flimkien.

KAPITLU 21

# ID-DEKANI TAL-MONASTERJU

**27 Fra**
**28 Ġun**
**28 Ott**

**1** Meta l-Komunità tkun kbira, minn fost il-Monaċi jintgħażlu wħud li jgawdu l-ġieħ u ta' ħajja qaddisa, u jinħatru Dekani.[17] **2** Xogħolhom hu li jieħdu ħsieb id-Dekaniji tagħhom, f'kollox, skont il-liġi t'Alla u l-ordnijiet tal-Abbati. **3** Bħala Dekani jinħatru biss dawk il-Monaċi li magħhom l-Abbati jista' jaqsam bil-kwiet ir-responsabbiltajiet tiegħu. **4** Għaldaqstant il-ħatra tagħhom m'għandhiex issir skont l-anzjanità, iżda tkun ibbażata fuq ix-xhieda tal-ħajja u tal-formazzjoni spiritwali soda tagħhom.

**5** F'każ li xi Dekan irabbi, forsi, ċerta suppervja u tistħoqqlu ċanifira, jitwissa għal darba, darbtejn, tlieta. **6** Jekk jibqa' ma jinbidilx, ħa jitneħħa u minfloku jinħatar Monaku ieħor li jkun jistħoqqlu aktar. **7** L-istess igħodd għall-Pirjol.

[17] Għalkemm, fil-bidu, speċjalment fi żmien San Pakomju, din il-ħatra kienet popolari ferm, sfat fix-xejn bir-riforma ta' Cluny. Ara ukoll **DEKAN.**

KAPITLU 22

# KIF JORQDU L-MONAĊI

**28 Fra**
**29 Ġun**
**29 Ott**

**1** Kull Monaku jorqod f'sodda għalih. **2** Il-bżonnijiet għas-sodda jingħataw skont il-ħtieġa u kif jiddeċiedi l-Abbati.[18]

**3** Kemm jista' jkun jorqdu lkoll f'lokal wieħed,[19] iżda, jekk minħabba l-għadd tal-Monaċi dan ma jkunx possibbli, allura jorqdu għaxra għaxra jew għoxrin għoxrin taħt il-ħarsien tal-anzjani. **4** Fejn jorqdu, matul il-lejl, għandu jkun hemm musbieħ jixgħel il-hin kollu.

**5** Il-Monaċi jorqdu lebsin u mħażżmin b'xi ċinturin jew ħabel u ma' qaddhom, ma jkollhomx skieken li bihom jistgħu jindarbru aċċidentalment waqt l-irqad. **6** B'hekk ikunu dejjem għal-lest, u dlonk mas-sinjal iqumu u bla dewmien, b'serjetà u ġabra, imorru jirreċtaw l-Uffiċċju Divin.

**7** Is-sodod tal-Monaċi żgħażagħ ma għandomx ikunu qrib xulxin, imma alternati ma' dawk tal-Monaċi iktar anzjani. 8 Meta mbagħad iqumu biex imorru jirreċtaw l-Uffiċċju Divin, għandhom iħeġġu lil xulxin, bil-għaqal, biex dawk li jkunu għadhom bin-ngħas ma jġibux skuzi.

---

[18] Ara Kap. 55
[19] San Benedittu, ried li l-Monaċi jorqdu f'kamra waħda id-*Dormitorju*, minħabba esiġenzi ta' ħajja komuni. Illum kulħadd jorqod f'kamra (li għad hawn min isejħilha ċella), għalih waħdu. Ara wkoll **DORMITORJU**.

KAPITLU 23
# L-ISKOMUNIKA GĦALL-ĦTIJIET

**29 Fra**
**30 Ġun**
**30 Ott**

**1** Il-Monaku li jkun reċidiv, ma jobdix, supperv, gemgumi, jew iżeblaħ ir-Regola Mqaddsa u l-ordnijiet tal-anzjani, **2** għandu jiġi mwissi, għal darba, darbtejn, waħdu, skont ma titlob il-liġi tal-Mulej. **3** Jekk ma jinbidilx, jiċċanfar quddiem kulħadd. **4** Jekk lanqas hekk ma jinbidel, ħa jiġi skumnikat, dment li jfhem is-sens sħiħ ta' dan il-kastig. **5** Jekk le, jingħata s-swat.

KAPITLU 24

# IL-GRADI TAL-ISKOMUNIKA

**01 Mar**
**01 Lul**
**31 Ott**

**1** L-iskomunika jew il-kastig iridu jkunu proporzjonati skont il-gravità tal-ħtija, **2** u l-grad tal-ħtija jista' jitqies biss mill-Abbati.

**3** Ngħidu aħna, meta l-Monaku jonqos f'xi ħaġa żgħira, m'għandux jitħalla jiekol mal-oħrajn.
**4** F'dan il-każ m'għandux jithalla wkoll: jintona s-Salm jew l-Antifona fil-Kor u lanqas jaqra sa ma jkun patta għall-ħtijietu. **5** Jiekol waħdu wara li jkunu kielu l-Monaċi l-oħrajn kollha;
**6** jiġifieri: jekk huma jieklu f'nofsinhar, huwa jiekol għall-ħabta tat-tlieta; jekk fit-tlieta ta' wara nofsinhar, huwa jiekol għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija. **7** U hekk sakemm ikun patta b'mod xieraq għall-ħtija, tant li tkun tisħoqqlu l-maħfra.

KAPITLU 25

# IL-ĦTIJIET IL-KBAR

**02 Mar**
**02 Lul**
**01 Nov**

**1** Il-Monaku, ħati ta' xi ħaġa kbira, m'għandux jitħalla la jiekol u lanqas jitlob mal-oħrajn. **2** Ħadd mill-Monaċi m'għandu jissieħeb miegħu jew jersaq fuqu biex ikellmu. **3** Ix-xogħol li jingħatalu, għandu jagħmlu għalih waħdu, u filwaqt li jibqa' sogħbien, jiftakar fil-kliem iebes tal-Appostlu San Pawl: **4** "Itilqu lil dan il-bniedem f'idejn ix-Xitan għall-qerda ta' ġismu, biex ruħu tkun salva f'Jum il-Mulej" (*1 Kor* 5,5).

**5** Għandu jiekol waħdu, skont il-qies u fil-ħin stabbiliti mill-Abbati. **6** Ħadd minn dawk li jgħaddu minn ħdejh, m'għandhom iberkuh u lanqas l-ikel li jingħata m'għandu jitbierek.

KAPITLU 26

# SĦUBIJA MHUX AWTORIZZATA MAL-ISKOMUNIKATI

**03 Mar**
**03 Lul**
**02 Nov**

**1** Il-Monaku li mingħajr l-ordni tal-Abbati, bil-wiċċ tost kollu, jissieħeb, ikellem lill-Monaku skumnikat jew b'xi mod jikkomunika miegħu, **2** ħa jiġi skumnikat huwa wkoll.

KAPITLU 27

# L-IMĠIBA TAL-ABBATI MAL-ISKOMUNIKATI

**04 Mar**
**04 Lul**
**03 Nov**

**1** L-Abbati għandu, b'ħerqa kbira, jieħu ħsieb il-Monaċi ħatjin, għaliex: "It-tabib ma jenħtiġuhx dawk li huma f'saħħithom, iżda l-morda" *(Mt* 9,12). **2** Għandu jġib ruħu għal kollox bħala tabib ta' esperjenza, u jibgħat Monaċi anzjani u għaqlin **3** li kważi bil-moħbi jsabbru lill-Monaku li jinsab bejn ħaltejn, u filwaqt li jġegħluh jindem umilment minn ħtijietu, jagħmlulu kuraġġ "li ma jmurx jaqta' jiesu taħt it-toqol tan-niket" *(2 Kor* 2,7). **4** Iżda bħalma jgħid l-Appostlu: "nitlobkom turuh imħabbitkom" *(2 Kor* 2,8) u kulħadd għandu jitlob għalih.

**5** L-Abbati, għalhekk, irid juri tabilħaqq attenzjoni kbira lejn il-Monaċi ħatjin, u b'kull mezz u għaqal irid jara li ma' jitlifx xi waħda min-nagħaġ li ġew fdati lilu. **6** L-Abbati, jaf tajjeb, li daħal responsabbli tal-fejqan tal-erwieħ morda, u mhux biex jimponi setgħatu fuq dawk f'saħħithom. **7** Għalhekk, għandha twerwru t-tħeddida tal-Profeta, li permezz tal-Mulej igħid: "Toqtlu n-nagħaġ imsemmna u l-merħla d-dgħajfa ma saħħaħtuhiex, u l-marid ma fejjaqtuhiex" *(Eżek* 34,3-4). **8** Minflok għandu jimxi fuq l-eżempju tar-Ragħaj it-Tajjeb, li ħalla d-disa' u disgħin nagħġa fuq il-muntanja, u mar ifittex il-mitlufa *(Ġw* 10,11). **9** Tant ħass għad-dgħufija tagħha, li għoġbu jerfagħha fuq l-ispallejn imbierka tiegħu biex jeħodha lura lejn il-maqjel.

KAPITLU 28

# IL-MONAĊI LI MA JRIDUX JOBDU

**05 Mar**
**05 Lul**
**04 Nov**

**1** Meta minħabba xi nuqqas, il-Monaku, minkejja li ġie mwiddeb iktar minn darba, u sa l-iskomunika wkoll ma swiet għalxejn, jingħata kastig eħrex, jiġifieri s-swat.

**2** F'każ li jibqa' ma jindimx, jew inkella agħar, il-Monaku, mimli bih innifsu, jalla ma jkun qatt, jipprova jiddefendi għemilu, jeħtieġ allura li l-Abbati jaġixxi bħat-tabib ta' esperjenza.
**3** Jekk wara li jkun irrikorra għall-fumenti u d-duwa tat-twissijiet, jew il-mediċini tal-Kotba Mqaddsa, u fl-aħħar nett għall-ħadida tikwi tal-iskomunika inkella l-ġrieħi tas-swat, **4** jintebaħ li l-attenzjoni tiegħu tkun sefgħet fix-xejn, għandu jirrikorri għar-rimedju ieħor żgur iktar effikaċi, billi jitlob hu u jġiegħel lill-oħrajn jitolbu, **5** ħalli l-Mulej, li jista' kollox, ifejjaq lill-Monaku marid.

**6** Iżda jekk lanqas wara dan kollu, il-Monaku jibqa' ma jindimx, l-Abbati għandu jkeċċih, imsaħħah minn dak li jgħid l-Appostlu San Pawl: "Neħħu l-bniedem il-ħażin minn ġo nofskom" (*1 Kor* 5,13), **7** u iktar: "Jekk mbaghad min mit-tnejn ma jemminx, ħa jitlaq, jitlaq" (*1 Kor* 7,15) **8** biex nagħġa waħda ma tniġġisx il-merħla kollha.

KAPITLU 29

# ID-DĦUL MILL-ĠDID FIL-MONASTERJU TAL-MONAĊI MKEĊĊIJA

**06 Mar**
**06 Lul**
**05 Nov**

**1** Il-Monaku li minn jeddu jkun telaq mill-Monasterju u jkun irid jerġa' jidħol, l-ewwel m'għandu jagħmel hu li jimpenja ruħu li ma jerġax jaqa' fl-istess difetti li wassluh biex jitlaq mill-Monasaterju. **2** Biss, għalkemm jiġi milqugħ lura, jingħata l-aħħar post, ħalli b'hekk tkun ippruvata l-umilità tiegħu.

**3** F'każ li jerġa' jitlaq mill-Monasterju, jista' jintlaqa' lura, bl-istess kundizzjonijiet, sa tliet darbiet.[20] Għandu jkun jaf, iżda, li wara, tiġi miċħuda lilu kull talba li eventwalment jagħmel biex jidħol lura fil-Monasterju.

[20] Interessanti ħafna li San Benedittu, għalkemm jisħaq fuq il-Kodiċi tad-dixxiplina, jagħmel minn kollox, sal-aħħar biex jikkoreġi u jirrijabilita lill-ħati.

KAPITLU 30

# KORREZZJONI TAT-TFAL

**07 Mar**
**07 Lul**
**06 Nov**

**1** Il-mezzi u l-miżuri ta' dixxiplina jridu jkun xierqa għall-età u l-livell ta' l-intelliġenza ta' dak li jkun. **2** Għalhekk, it-tfal u l-adolexxenti jew dawk li ma jifhmux is-sinifikat tal-iskomunika, meta jonqsu, **3** għandhom jiġu mġiegħla jsumu fit-tul jew jingħataw is-swat, biex jikkoreġu ruħhom.

KAPITLU 31

# IL-MAĦŻNIER TAL-MONASTERJU

**08 Mar**
**08 Lul**
**07 Nov**

**1** Il-Maħżnier,[21] li jintgħażel minn fost il-membri tal-Komunità, irid ikun għaqli, serju, meqjus, u mhux wikkiel, supperv, ġellied, xħiħ, jew ħali, **2** iżda mimli bil-biża' t'Alla, ikun għall-Komunità kollha bħala l-missier **3** li jieħu ħsieb kollox. **4** Xejn m'għandu jagħmel mingħajr il-permess tal-Abbati **5** u jagħmel biss dak li ġie ordnat lilu.

**6** Ma jnikkitx lill-Monaċi **7** u meta xi ħadd jitolbu oġġett mingħajr ma jkollu dritt, ara li ma jbaxxihx u minflok, bil-kalma kollha u bil-kelma t-tajba jġiegħlu jifhem għaliex qed jiċħadlu dak li talab.

**8** Jara li jieħu ħsieb ruħu u qatt m'għandu jinsa dak li jgħid l-Appostlu "għax dawk li jaqdu dmirhom sewwa, jiksbu ġieħ għoli" (*1 Tim* 8,13).

**9** Jieħu ħsieb speċjalment il-morda, it-tfal, il-mistednin, il-fqar għaliex jaf li għalihom irid iwieġeb fil-jum tal-ġudizzju.

**10** Iqis l-oġġetti u l-ġid materjali tal-Monsaterju daqs li kieku oġġetti sagri ta' fuq l-altar **11** u xejn m'għandu jqis ta' bla kont. **12** M'għandux ikun xħiħ imma lanqas jaħli u jberbaq il-ġid tal-Monasterju, għandu jqis kollox u skont l-ordnijiet tal-Abbati.
12 M'għandux ikun xħiħ imma lanqas jaħli u jberbaq il-gid tal-Monasterju, għandu jqis kollox u skont l-ordnijiet tal-Abbati.

**09 Mar**
**09 Lul**
**08 Nov**

**13** Ha jkun, fuq kollox, umli u jekk ma jkunx jista' jagħti l-oġġett mitlub, iwieġeb almenu bil-kelma t-tajba **14** bħalma jingħad fl-Iskrittura "Il-kelma mhijiex aħjar minn għotja tajba?" (*Sir* 18,17).

**15** Filwaqt li jagħmel biss dak kollu li jordnalu l-Abbati, m'għandux jippretendi li jindaħal fi ħwejjeġ li l-Abbati eskludieh minnhom. **16** Lill-Monaċi, għandu jqassmilhom l-ammont ta' ikel stabbilit, mingħajr kburija jew dewmien biex ma jiskandalizżawx ruħhom, filwaqt li jiftakar x'hemm lest skont il-kelma t'Alla għal min "jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin" (*Mt* 18,6).

**17** F'każ li l-Komunità tkun numeruża, il-Maħżnier għandu jingħata l-għajnuna, biex ikun jista' jaqdi dmirijietu bil-kwiet.

---

[21] Din hija l-kelma Maltija għal **ĊELLERARJU**. Ara **MAĦŻNIER**.

**18** It-tqassim jew it-talba għall-oġġetti ta' ħtieġa għandhom isiru f'ħinijiet komdi, **19** għaliex fid-dar tal-Mulej ħadd m'għandu għalfejn jitħawwad jew jitnikket.

## KAPITLU 32
## IL-WIRT TAL-MONASTERJU

**10 Mar**
**10 Lul**
**09 Nov**

**1** Il-wirt tal-Monasterju bħal għodod, ħwejjeġ u oġġetti oħra, l-Abbati **2** għandu jagħtihom f'idejn Monaċi li jgawdu l-istima tiegħu, skont kif jaħseb li hu l-aħjar. Jara li huma jżommuhom tajjeb u jerġgħu jiġbruhom. **3** L-Abbati għandu jżomm inventarju ta' kollox biex meta dmirijiet il-Monaċi jinbidlu jkun jaf x'qed jagħti u x'qed jirċievi.

**4** Min ma jżommx indaf jew jittraskura l-oġġetti tal-Monasterju, l-ewwel jiġi mwissi **5** u jekk jibqa' ma jikkoreġix ruħu, ħa jiġi kkastigat skont kif stabbilit fir-Regola.

KAPITLU 33

# JISTGĦU L-MONAĊI JKOLLHOM XI ĦAĠA TAGĦHOM?

**11 Mar**
**11 Lul**
**10 Nov**

**1** Qabel xejn dan il-vizzju għandu jitqaċċat min għeruqu. **2** Ħadd fil-Monsaterju m'għandu qatt jażżarda jagħti jew jirċievi xi ħaġa mingħajr il-permess tal-Abbati, **3** jew ikollu xi ħaġa tiegħu personali. Il-Monaku m'għandu assolutament ikollu xejn tiegħu personali, la ktieb, la karta u lanqas pinna:[22] proprju xejn! **4** Għaliex il-Monaku lanqas għandu dritt jiddisponi la mill-ġisem u tant anqas mir-rieda tiegħu.

**5** Kull ma jeħtieġ għandu jistennieh mill-Abbati. Ma jistax iżomm oġġetti jekk ma jkunux ġew mogħtija lilu bil-permess tal-Abbati. **6** Kollox għandu jkun ta' kulħadd, proprju kif hemm miktub "Ħadd minnhom ma kien igħid li l-ġid li kellu kien tiegħu" (*Atti* 4,32). **7** Min jinstab li għandu dan il-vizzju ikraħ, jiċċanfar għal darba darbtejn **8** u jekk ma jikkoreġix ruħu, jinagħata l-kastig li ħaqqu.

[22] Ara **OĠĠETTI PERSONALI**

KAPITLU 34

# IL-MONAĊI GĦANDHOM JINGĦATAW DAK KOLLU MEĦTIEĠ INDAQS?

**12 Mar**
**12 Lul**
**11 Nov**

**1** Ħa jsir kif hemm fl-Iskrittura: "Mbagħad kien jitqassam kollox skont il-ħtieġa ta' kull wieħed" *(Atti* 4,35). **2** Dan ma jfissirx li, Alla jħares qatt, isiru preferenzi, iżda jrid jingħata kas tad-dgħajfin. **3** Għaldaqstant, min jenħtieġ inqas ħa jrodd ħajr 'l Alla u m'ghandux għalfejn jitnikket. **4** Min mill-banda l-oħra jenħtieġ aktar, ħa jitbaxxa minħabba fid-dgħufija tiegħu u m'għandux għalfejn jitkabbar għall-ħniena li ntweriet miegħu. **5** B'hekk il-Monaċi lkoll igħixu fil-paċi.

**6** Fuq kollox, għall-ebda raġuni, m'għandu qatt jinbet, la bil-kliem u lanqas bl-għemil, il-vizzju tat-tgergir. **7** Min jinstab ħati ħa jingħata kastig aħrax.

KAPITLU 35

# DAWK LI JMISSHOM ISERVU FIL-KĊINA

**13 Mar**
**13 Lul**
**12 Nov**

**1** Il-Monaċi għandhom iservu lil xulxin u ħadd m'għandu jinħeles mis-servizz tal-kċina, dment li ma jkunx marid jew li qed jaqdi dmirijiet ta' ħtieġa akbar għall-Monasterju. **2** B'dan is-servizz reċiproku, fil-fatt, jinkisbu iktar merti filwaqt li titkattar il-karità nisranija. **3** Għandha tingħata l-għajnuna lil dawk li jenħtiġuha, biex ma jaħdmux bid-dieqa. **4** Madankollu, kulħadd għandu jingħata l-għajnuna skont l-esiġenzi tal-Komunità u l-kundizzjonijiet tal-post.

**5** Meta l-Komunità tkun numeruża, anki l-Maħżnier għandu jiġi eżentat mis-servizz tal-kċina kif ukoll dawk li bħalma diġà semmejna iktar 'il fuq ikollhom dmirijiet iktar ta' ħtieġa x'jaqdu. **6** L-oħrajn iservu lil xulxin b'sinjal ta' mħabba.

**7** Nhar ta' Sibt, min itemm il-ġimgħa tiegħu fil-kċina, għandu jara li jħalli kollox nadif, **8** u li jinħaslu l-biċċiet[23] li bihom il-Monaċi jimsħu jdejhom u riġlejhom. **9** Kemm dawk li jkunu temmew kif wkoll dawk li jkunu se jibdew il-ġimgħa għandhom jaħslu riġlejn kulħadd.[24]

**10** Min jispiċċa għandu jrodd lura l-oġġetti tal-kċina, nodfa u fi stat tajjeb lill-Maħżnier, **11** li minn naħa tiegħu jgħaddihom lil min ikun se jibda l-ġimgħa, u b'hekk ikun jaf dak li jagħti u dak li jirċievi.

**14 Mar**
**14 Lul**
**13 Nov**

**12** Meta ssir ikla waħda, dawk li f'dik il-ġimgħa jkun imisshom fil-kċina, għandhom jingħataw tazza nbid u biċċa ħobż barra mir-razzjon stabbilit, **13** biex waqt l-ikel iservi lill-Monaċi l-oħra mingħajr tgergir jew tbatija żejda. **14** Fil-ġranet ta' festa iżda, jistennew sa wara l-Quddiesa.

**15** Nhar ta' Ħadd, immedjatament wara t-talb ta' Sbiħ il-Jum, kemm dawk li jkunu spiċċaw kif ukoll dawk li jkunu se jibdew il-ġimgħa tagħhom fil-kċina, jinżlu għarkubbtejhom fil-Knisja, u jħeġġu lil kulħadd biex jitolbu għalihom.

**16** Dawk li jkunu għadhom kif temmew il-ġimgħa tagħhom igħidu għal tliet darbiet "Mbierek int, Mulej", (*Dan* 3,52) "għax int tgħinni u tfarraġni" (*S* 86,17) u jingħataw il-barka. **17** Dawk li jkunu se jibdew il-ġimgħa jgħidu "O Alla, ejja eħlisni! Mulej, fittex għinni!" (*S*

---

[23] Il-biċċiet li jixxuttaw bihom (xugamani u/jew srievet)

[24] Il-ħasil tar-riġlejn lill-pellegrini jew mistednin kienet drawwa komuni (ara wkoll KAP. 53,13). Imma San Benedittu ried li fil-bidu tal-ġimgħa, fuq l-eżempju ta' Ġesù, l-aħwa jaħslu riġlejn xulxin bħala sinjal ta' mħabba u umiltà. Naturalment fil-ġranet l-oħra kulħadd kien jaħsel riġlejh u l-biċċiet hu.

70,2). **18** Anki dan il-Versett għandu jingħad għal tliet darbiet, mbagħad jingħataw il-barka u jibdew ħidmiethom.

## KAPITLU 36
## IL-MONAĊI MORDA

**15 Mar**
**15 Lul**
**14 Nov**

**1** Il-kura tal-morda tiġi l-ewwel u qabel kollox u tisboq kull ħaġa oħra. Huma jridu jiġu moqdija bħalli kieku Kristu nnifsu, **2** għaliex huwa stess qal: "Kont marid u ġejtu tarawni" (*Mt* 25,36) **3** u: "Kull m'għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħu" (*Mt* 25,40).

**4** Il-morda, minn naħa tagħhom, iridu jifhmu li qed jiġu moqdija għall-imħabba ta' Kristu u għalhekk m'għandhomx għalfejn idejqu lill-Monaċi li qed jieħdu ħsiebhom bi pretensjonijiet żejda. **5** Madankollu, il-morda jeħtieġu mogħdrija għaliex permezz tagħhom jinkiseb ħlas akbar. **6** Għaldaqstant l-Abbati huwa fid-dmir li jara li l-morda ma jkunu neqsin minn xejn.

**7** Il-Monaċi morda jitqiegħdu għalihom f'kamra separata, u jkollhom Monaku mimli bil-biża' t'Alla, attent u ħabrieki, biex idur bihom. **8** Il-morda jieħdu banju[25] kull meta jkun meħtieġ, iżda għal min hu b'saħħtu, l-aktar iż-żgħażagħ, ma jkunx daqshekk spiss. **9** Il-morda debboli ħafna għandhom jitħallew jieklu l-laħam biex jiksbu saħħithom mill-ġdid. Iżda, meta jistejqru, jieqfu milli jieklu l-laħam, bħas-soltu.

**10** Imsomma, l-Abbati jrid jara li kemm il-Maħżnier kif wkoll il-Monaku li jdur bil-morda ma jħalluhom neqsin minn xejn għaliex hu jrid iwieġeb għan-nuqqasijiet ta' dawk li jiddependu minnu.

[25] San Benedittu juri kemm għandu mentalità miftuħa għaliex, fit-tradizzjoni monastika, li tieħu *banju* kien meqjus bħala kura żejda tal-ġisem u kien jingħata biss lill-morda għall-għanijiet terawpetiċi.

KAPITLU 37

# IX-XJUĦ U T-TFAL

**16 Mar**
**16 Lul**
**15 Nov**

**1** Għalkemm in-natura umana nnifisha tnissel ħniena lejn dawn iż-żewġ etajiet, ix-xjuħ u t-tfal, madankollu tajjeb li anki r-Regola tipprovdi għalihom ukoll. **2** Għandha titqies dejjem id-dgħufija tagħhom u dwar l-ikel m'għandhomx jiġi mposti fuqhom ir-restrizzjonijiet stabbiliti fir-Regola, **3** aktarx, anzi, jitfissdu xi ftit u jitħallew jieklu anki qabel il-ħinijiet tas-soltu.

KAPITLU 38

# IL-QARREJ TAL-ĠIMGĦA

**17 Mar**
**17 Lul**
**16 Nov**

**1** Waqt l-ikel, il-qari, m'għandu jonqos qatt. B'daqshekk ma jfissirx li kemm wieħed jaqbad ktieb bl-addoċċ u jibda jaqra, iżda għandu jkun hemm qarrej li jiġi stabbilit kull ġimgħa u jibda mill-Ħadd. **2** Min ikun imissu, wara l-Quddiesa u t-Tqarbin[26] jitlob lill-oħrajn jiftakru fih fit-talb tagħhom, biex Alla jbiegħdu mill-ftaħir fieragħ. **3** Fil-Knisja, il-qarrej jibda, u kulħadd ikompli jgħid miegħu għal tliet darbiet, dan il-Versett: "Mulej, iftaħli xofftejja, u fommi jxandar it-tifħir tiegħek" (*S* 51,17). **4** B'hekk wara li jkun ingħata l-barka, jibda l-ġimgħa tiegħu tal-qari.

**5** Waqt l-ikel jinżamm skiet perfett u ma jinstema' xejn għajr leħen il-qarrej. **6** Il-Monaċi għandhom inewlu lil xulxin, minn jeddhom, l-ikel u x-xorb, biex ħadd ma joqgħod jitlob. **7** F'każ ta' ħtieġa, oġġett huwa preferibbli jintalab b'ħoss ċkejken iktar milli bil-kliem. **8** Ħadd ma jissogra jagħmel mistoqsijiet fuq il-qari jew argumenti oħra biex żgur ma jkunx hemm lok għad-diskors, **9** sakemm l-Abbati jkun irid, fil-qosor, igħid kelma għall-ġid.

**10** Il-qarrej tal-ġimgħa, qabel ma jibda jaqra, jixrob ftit inbid imħallat bl-ilma, kemm minħabba t-Tqarbina kif ukoll biex jissaporti l-ġuħ, mbagħad, wara, **11** jiekol ma' dawk li jkun imisshom fil-kċina u li jservu waqt l-ikel dik il-ġimgħa.

**12** Mhux il-Monaċi kollha għandhom jaqraw u jkantaw skont kif imisshom, iżda dawk biss li jkollhom il-ħila u jpaxxu lil dawk li jisimugħhom.

[26] Jekk jitqies il-vers **10**, jidher ċar li l-Monaċi ta' San Benedittu kontra oħrajn ta' żmienu, kienu jitqarbnu matul il-ġimgħa wkoll.

KAPITLU 39
# IL-QIES FL-IKEL

**18 Mar**
**18 Lul**
**17 Nov**

**1** Fl-opinjoni tagħna, anki meta jitqies il-mard, waqt l-ikla ewlenija, sew jekk f'nofsinhar kemm jekk fit-tlieta ta' wara nofsinhar, f'kull staġun, żewġ platti sħan huma biżżejjed. **2** B'hekk min ma jkunx jista' jiekol minn wieħed jiekol mill-ieħor. **3** Għaldaqstant, żewġ platti sħan, għandhom inkunu biżżejjed għal kulħadd. Jekk mbagħad, ikun hemm il-possibilità ta' ħaxix frisk jew frott, ħa jiżdied platt ieħor.

**4** Ħobż, biżżejjed ftit aktar minn libbra[27] r-ras kuljum, kemm jekk ssir ikla waħda kif wkoll meta jkun hemm ikla f'nofsinhar u oħra filgħaxija. **5** Meta jkun hemm l-ikla ta' filgħaxija, il-Maħżnier, iżomm terz mill-ħobża u jqassamha filgħaxija.

**6** Wara li jkun sar xi xogħol tqil, l-Abbati għandu kull dritt, jekk iħoss li huwa xieraq, iżid xi ħaga oħra. **7** Irid, iżda, jiġi evitat l-ikel iżżejjed u l-Monaku m'għandu jħalli qatt taqbdu ndiġestjoni. **8** Fil-fatt, xejn ma jixraqx lin-nisrani, daqs l-ikel bla xaba', **9** bħalma jgħid il-Mulej: "Oqgħodu attenti, u qisu li l-ikel u x-xorb żejjed u s-sokor ma jmewtulkomx qalbkom" (*Lq* 21,34).

**10** Lit-tfal iż-żgħar m'għandux jingħatalhom l-istess ammont ta' ikel daqs l-adulti, biex f'kollox jinżamm il-qies. **11** Ħadd, barra l-morda u dawk inqas b'saħħithom, m'għandu jiekol laħam ta' annimali b'erba' saqajn.[28]

[27] Kejl tradizzjonali monastiku fil-qasam tal-ikel. Skont is-sistema deċimali bejn 350gr u 500gr.
[28] Il-projbizzjoni tidher limitata biss għaċ-ċanga, majjal eċċ. Għaldaqstant, wieħed jassumi li kienu jistgħu jieklu tjur u ħut.

KAPITLU 40

# IL-QIES FIX-XORB

**19 Mar**
**19 Lul**
**18 Nov**

**1** "Kull wieħed għandu d-don tiegħu mingħand Alla: min ħaġa u min oħra" (*1 Kor* 7,7). **2** Għalhekk, anki jekk bejn ħaltejn, qed nistabbilixxu il-qies tal-ikel għal kulħadd. **3** Madankollu, meta titqies saħħet id-dgħajfin, *emina*[29] nbid kuljum għal kull Monaku, biżżejjed. **4** Dawk, iżda, li għall-grazzja t'Alla għandhom il-ħila jevitaw li jixorbuh, għandhom ikunu jafu li se jiksbu ħlas speċjali. **5** Meta mbagħad minħabba l-klima, ix-xogħol jew is-sħana tas-sajf ikun jenħtieġ daqsxejn iktar, jiddeċiedi l-Abbati filwaqt li jara li ħadd ma jixrob iżżejjed jew jisker.

**6** Huwa minnu li naqraw li "l-inbid ma jixraqx lill-Monaċi" (*Ħajja tal-Padri* 4) imma, peress li l-Monaċi tal-lum mhux faċli ġġegħelhom jifhmu dan, ejjew naraw almenu, li ma nixorbux bix-xaba' iżda bil-qies **7** għax "L-inbid iħarbat 'l min għandu s-sens" (*Sir* 19, 2).

**8** Fejn minħabba fil-faqar tal-post ma jkunx possibbli li jiġi provdut lanqas il-qies stabbilit ta' nbid, imma jkun inqas jew xejn għal kollox, il-Monaċi, għandhom ibierku l-Mulej minflok igorru. **9** Dwar dan, fuq kollox, inwissuhom, li ma jgorrux!

[29] Kejl ruman li huwa n-nofs tas-sestarju (għalhekk l-isem *emina*). Skont is-sistema deċimali bejn 0.25 u 0.75 ta' litru. Is-soltu nofs litru. Għall-ewwel, kien permess biss lill-morda, iżda, sa mill-bidu tas-seklu VI, anki jekk bil-qies stabbilit, daħal fil-Monasterji kollha. San Benedittu, ippermettih proprju fid-dawl ta' dan. Fatt kurjuż li fl-Irlanda l-inbid kienu jixorbuh is-Sorijiet filwaqt li l-Monaċi kienu jixorbu l-birra.

## KAPITLU 41
# ĦIN L-IKEL

**20 Mar**
**20 Lul**
**19 Nov**

**1** Fil-ġranet bejn l-Għid il-Kbir u l-Għid il-Ħamsin, il-Monaċi jieklu f'nofsinhar u filgħaxija għall-ħabta ta' nżul ix-xemx.

**2** Minn wara l-Għid il-Ħamsin u tul is-sajf kollu, meta l-Monaċi ma jkollhomx ħafna xogħol x'jagħmlu fl-egħlieqi u l-qilla tax-xemx mhijiex daqshekk qawwija, nhar t'Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa jagħmlu ikla waħda għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar; **3** fil-ġranet l-oħra jieklu għall-ħabta ta' nofsinhar.[30] **4** Minħabba xogħol fl-għelieqi jew is-sħana zejda, l-ikla f'nofsinhar issir anki fil-jumejn imsemmija, skont ma jiddeċiedi l-Abbati. **5** Hu jrid iqis u jagħmel kollox bil-prudenza, moħħu biss fil-ħelsien tal-erwieħ u li dak kollu li jagħmlu l-Monaċi isir mingħajr tgergir.

**6** Mit-13 ta' Settembru sal-bidu tar-Randan, il-Monaċi jagħmlu ikla waħda, għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar.

**7** Tul ir-Randan sal-Għid il-Kbir, jieklu darba kuljum, għall-ħabta ta' nżul ix-xemx. **8** Għalhekk, l-Għasar għandu jsir f'ħin, li waqt l-ikel ma jkunx jenħtieġ id-dawl tal-imsiebaħ, u kollox isir mad-dawl tax-xemx.

**9** Fl-aħħar mill-aħħar, anki fiż-żminijiet l-oħra tas-sena, il-ħin tal-ikla ta' filgħaxija kif ukoll meta ssir ikla waħda, għandu jkun regolat mod li kollox isir mad-dawl tax-xemx.

---

[30] Ħin l-ikel jiġi stabbilit skont id-dawl tax-xemx. Iżda, ta' min jinnota wkoll li San Benedittu, filwaqt li jevita li għaddi ħin twil żejjed bejn il-bidu tal-jum u l-ikla ewlenija, ried fl-istess ħin jistabilixxi ħin fiss għal kulħadd.

## KAPITLU 42
# IS-SKIET WARA T-TALB TA' GĦELUQ IL-JUM

**21 Mar**
**21 Lul**
**20 Nov**

**1** Il-Monaċi jridu jżommu s-skiet f'kull ħin, speċjalment matul il-lejl. **2** Għalhekk, fil-ġranet kollha, kemm ta' sawm kif wkoll le, għandu jsir kif ġej: **3** fil-ġranet li jsiru żewġt ikliet, il-Monaċi, malli jtemmu l-ikla ta' filgħaxija, joqogħdu bilqiegħda flimkien jisimgħu siltiet mill-Konferenzi[31] jew ħajjet il-Padri,[32] inkella xi qari ieħor[33] li jqanqal spiritwalment. **4** M'għandhomx jinqraw siltiet mill-ewwel seba' Kotba tal-Bibbja u lanqas il-Kotba tas-Slaten, għax f'dak il-ħin, ċertu qari mhuwiex floku minħabba li l-imħuħ ikunu għajjenin. Jistgħu iżda jinqraw f'ħin ieħor.

**5** Fil-ġranet meta issir ikla waħda, wara l-Għasar jitħalla jgħaddi ftit tal-ħin, mbagħad imorru u flimkien jisimgħu siltiet mill-Konferenzi, kif diġa' għedna. **6** Jinqraw bejn erba' u ħames paġni, skont il-ħin. **7** Sadattant ikun inġabar kulħadd, anki dawk li forsi jkunu qed jaqdu dmirijiet li ġew mogħtija lilhom.

**8** Miġburin flimkien igħidu t-Talba ta' Għeluq il-Jum; u kif joħorġu ħadd ma jkun jista' iktar ilissen kelma. **9** Min jikser din ir-regola tas-silenzju, jingħata kastig aħrax. **10** Is-silenzju jista' jinkiser biss f'każi ta' ħtieġa bħal meta jaslu xi mistednin jew biex titwettaq ordni tal-Abbati. **11** Kollox iżda, għandu jsir b'serjetà kbira u bis-satra.

---

[31] Ara **KASSJANU**
[32] Ara **PADRI** [**IL-ĦAJJA TAL-**]
[33] Żgur li San Benedittu qed jirreferi għall-Kotba Mqaddsa. Interessanti ħafna li San Benedittu ma jeskludi xejn, anzi (ara vers **4**) iħeġġeġ biex jinqraw il-Kotba Mqaddsa kollha – kemm tat-Testment il-Qadim kif ukoll tat-Testment il-Ġdid, naturalment f'ħinijiet adattati.

KAPITLU 43

# MIN JASAL TARD GĦALL-UFFIĊĊJU DIVIN U GĦALL-IKEL

**22 Mar**
**22 Lul**
**21 Nov**

**1** Hekk kif ikun sar il-ħin għat-talb, mas-sinjal, kulħadd iħalli minn idejh u jmur bil-ħeffa, **2** dejjem, iżda b'serjetà kbira u ġabra, **3** għaliex, xejn m'għandu jieħu post it-talb.

**4** Meta xi ħadd jasal tard għall-Uffiċċju tal-Qari, jiġifieri wara l-*Glorj*a... tas-Salm 94, Salm li għalhekk nixtiequ li jitkanta bil-mod, ma jmurx f'postu fil-kor, **5** imma fl-aħħar post, jew fejn l-Abbati jkun stabilixxa li joqogħdu dawk li jaslu tard, biex jarahom kemm hu u kemm l-oħrajn. **6** U hemm jibqa' sa tmiem l-Uffiċċju tal-Qari, u jkun patta quddiem kulħadd.

**7** Ridna nqiegħdu dawk li jaslu tard għalihom jew fl-aħħar post, biex filwaqt li jħosshom osservati minn kulħadd, jindmu, jekk xejn għall-mistħija. **8** Li kieku kellhom jitħallaw barra mill-Knisja, aktarx li jew xi ħadd minnhom jerġa' jmur jorqod, inkella joqogħdu bilqiegħda komdi jew jaqbdu jpaċpċu u jagħtu b'hekk okkażjoni lix-xitan. **9** Għalhekk, għandhom jidħlu, biex filwaqt li ma jitilfux kollox, jindmu għall-ġejjieni.

**10** Waqt l-Uffiċċji ta' matul il-Jum, min jasal tard wara l-Versett u l-*Glorja*... tal-ewwel Salm, joqgħod fl-aħħar post. **11** Ma jissograx, jissieħeb mal-oħrajn fil-kant tas-Salmi, sakemm jagħmel penitenza jew dment li l-Abbati jiddeċiedi mod ieħor. **12** F'dan il-każ ukoll, min naqas irid jitlob maħfra.

**23 Mar**
**23 Lul**
**22 Nov**

**13** Min ma jasalx għall-ikel qabel il-Versett, ħalli kulħadd flimkien igħid il-Versett u t-Talba, u flimkien joqogħdu bilqiegħda jieklu, **14** u jkun wasal tard bi traskuraġni jew għal xi raġuni oħra, jiġi mwissi għal darba darbtejn. **15** Jekk jerġa', ma jitħalliex jingħaqad mal-oħrajn, **16** jiekol waħdu, jittieħedlu sehmu tal-inbid, sakemm ipatti u jindem. **17** L-istess igħodd għal min ma jkunx preżenti għall-Versett li jingħad fi tmiem l-ikel.

**18** Ħadd m'għandu jiekol jew jixrob barra l-ħin tal-ikel. **19** Jekk xi Monaku jirrifjuta oġġett li jkun offrielu l-Abbati, meta jkun jixtiequ ma jingħatalux, sakemm juri li tabilħaqq ikun nidem minn għemilu.

KAPITLU 44

# IT-TPATTIJA TAL-ISKOMUNIKATI

**24 Mar**
**24 Lul**
**23 Nov**

**1** Min għall-ħtijiet kbar ikun ġie skumnikat u ma tħalliex jitlob u jiekol mal-oħrajn, fi tmiem l-Uffiċċju Divin, għandu jinxteħet minn tulu fl-art quddiem il-bieb tal-Knisja, bla ma jlissen kelma, u jibqa' **2** b'wiċċu mal-art, f'riġlejn il-Monaċi li jkunu ħerġin. **3** U hekk jibqa' sakemm l-Abbati jiddeċiedi li jkun patta biżżejjed.

**4** Meta l-Abbati jsejjaħlu, jinxteħet qabel xejn għarkobbtejh quddiemu mbagħad quddiem l-oħrajn, biex jitolbu għalih. **5** Jekk l-Abbati jħoss li huwa xieraq jerġa' jmur f'postu jew joqgħod fil-post stabbilit mill-Abbati. **6** Mingħajr il-permess, ma jkunx jista' jintona la Salmi u lanqas qari, xejn.

**7** Fi tmiem kull waħda mill-Talb ta' matul il-Jum, jinxteħet minn tulu fl-art fejn ikun. **8** Dan sakemm l-Abbati jiddeċiedi mod ieħor.

**9** Min għal xi ħtijiet żgħar ikun ġie skumnikat mill-ikel biss, ipatti għall-ħtijietu fil-Knisja, sakemm l-Abbati jbierku u għidlu: Biżżejjed.

KAPITLU 45

# MIN JIEĦU ŻBALL FIL-KNISJA

**25 Mar**
**25 Lul**
**24 Nov**

**1** Il-Monaku li waqt ir-reċita tas-Salmi, ta' xi Responsorju jew Antifona inkella waqt il-Qari, jieħu xi żball, u ma jindimx minnufih billi jpatti quddiem kulħadd, jingħata kastig akbar, **2** talli ma pattiex, umilment, għall-iżball li għamel minħabba traskuraġni.

**3** It-tfal, għall-ħtijiet bħal dawn, jingħataw is-swat.[34]

[34] Il-Liġi tal-Knisja ta' dak iż-żmien kienet tagħmel l-istess distinzjoni u kienet tapplika l-istess miżuri dixxiplinarji. Dan l-aġir illum mhux biss m'għadux fis-seħħ iżda huwa inammissibbli.

KAPITLU 46

# NUQQASIJIET OĦRA

**26 Mar**
**26 Lul**
**25 Nov**

**1** Il-Monaku li fuq xogħlu fil-kċina, fil-maħżna,[35] waqt li jservi l-ikel, fil-mitħna, fil-ġnien, f'kull xogħol ieħor jew ikun fejn ikun, jagħmel xi żball, **2** ikisser jew jitlef xi oġġett inkella jonqos b'xi mod, **3** u ma jersaqx minnufih quddiem l-Abbati u l-Komunità u jistqarr minn jeddu ħtijietu, **4** jekk dan isir magħruf permezz ta' ħaddieħor, jingħata kastig eħrex.

**5** Jekk hija kwistjoni ta' xi ħtija sigrieta f'qalbu, jtgħarrafha biss lill-Abbati jew lid-Direttur Spiritwali, **6** li jkunu jafu jieħdu ħsieb il-problemi tagħhom u tal-oħrajn bla ma juru u mingħajr ma jxandruhom.

[35] Bil-Malti tintuża l-kelma DISPENSA, meta fl-istess kamra minbarra li jinħażnu prodotti tal-ikel, jinżammu wkoll tvalji, srievet u oġġetti oħra konnessi mal-kcina.

KAPITLU 47

# IS-SINJAL GĦAL ĦIN IL-LITURĠIJA

**27 Mar**
**27 Lul**
**26 Nov**

**1** Huwa dmir l-Abbati jsejjaħ għal-Liturġija kemm ta' bil-lejl kif ukoll ta' bin-nhar. Hu jrid jagħti s-sinjal, jew jiddelega Monaku ħabrieki biex kollox isir f'ħinu u f'waqtu.

**2** Is-Salmi jew l-Antifoni, wara l-Abbati, jinbdew biss minn dawk li ġie imqabbda u skont kif imisshom. **3** Ħadd m'għandu jkanta jew jaqra, jekk m'għandux il-ħila jgħolli spiritwalment lil min qed jisma'. **4** Dan għandu jsir b'umiltà, serjetà u ġieħ minn dawk biss li jkunu tqabbdu mill-Abbati.

KAPITLU 48

# IX-XOGĦOL TA' KULJUM

**28 Mar**
**28 Lul**
**27 Nov**

**1** L-għażż huwa l-għadu tar-ruħ: u għalhekk, l-aħwa, f'ċerti ħinijiet għandhom jagħmlu xi xogħol tal-idejn, u f'oħrajn, stabbiliti wkoll, jagħtu ruħhom għall-qari spiritwali. **2** Inħossu li dawn iż-żewġ attivitajiet għandhom jitqassmu kif se ngħidu.

**3** Mill-Għid il-Kbir sal-ewwel ta' Otturbu,[36] filgħodu, mitmum l-Uffiċċju ta' Prima, jistgħu jaħdmu kważi sal-għaxra ta' filgħodu, **4** imbagħad, sa nofsinhar jagħtu ruħhom għall-qari.[37] **5** Wara t-Talb ta' Nofsinhar, u malli jispiċċaw mill-ikel, imorru jistrieħu f'soddithom fi skiet perfett; f'każ li xi ħadd ikun irid jaqra, ħa jaqra, basta ma jfixkilx lill-oħrajn. **6** It-Talba tat-Tlieta ta' wara nofsinhar, tingħad aktar kmieni għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar. Wara, mill-ġdid, ikomplu bil-qari jew jagħmlu xi xogħol, sakemm isir ħin l-Għasar.

**7** Jekk minħabba s-sitwazzjoni tal-post jew raġunijiet ta' faqar, l-aħwa, ikollhom jiġbru huma stess il-prodotti mill-għalqa, ma jitnikktux, **8** għax hekk ikuni Monaċi tassew, meta jgħixu bil-ħidma ta'jdejhom, kif għamlu missirijietna u l-Appostli. **9** Iżda, kollox għandu jsir bil-qies minħabba li mhux kulħadd ikun jiflaħ.

**29 Mar**
**29 Lul**
**28 Nov**

**10** Mill-ewwel ta' Ottubru, mbagħad, sal-bidu tar-Randan jagħtu ruħhom għall-qari sa xi d-disa' ta' filgħodu; **11** tingħad it-Talba tad-Disgħa ta' filgħodu, u sat-tlieta ta' wara nofsinhar kull wieħed jagħmel ix-xogħol li ġie mogħti lilu. **12** Mal-ewwel sinjal ta' ħin it-Talb tat-Tlieta ta' wara nofsinhar, kulħadd jieqaf mix-xogħol, u jkun lest għat tieni sinjal.[38] **13** Wara l-ikel, isir qari jew studju tas-Salmi.

**14** Fil-ġranet tar-Randan, minn kmieni sad-disa' ta' filgħodu, u anki iżjed, isir qari; u sa xi l-erba' ta wara nofsinhar jintefgħu fuq xogħolhom. **15** Fil-bidu tar-Randan, **16** lil kull wieħed jingħatalu ktieb mil-Librerija biex jaqrah mill-bidu sat-tmiem. **17** F'ħin il-qari, tajjeb li xi wieħed jew tnejn mill-anzjani jingħataw l-inkarigu biex iduru mal-Monasterju **18** u jaraw isibux lil xi għażżien li ma jkun qed jagħmel xejn jew jpaċpaċ u filwaqt li jkun ta' ħsara għalih innifsu jtellef ukoll lill-oħrajn. **19** Min jinqabad, jiċċanfar darba, darbtejn, **20** iżda

[36] Jiġifieri tmien is-sajf. Iżda, fil-KAP. 41,6, San Benedittu, jirreferi għall-istess ħaġa b'mod differenti u jgħid li mill-*idi ta' Settembru* (13 ta' Settembru) sar-Randan issir ikla waħda fit-tlieta ta' wara nofsinhar. Hemm min isostni li fil-fatt kienu jibdew mill-14 ta' Settembru.
[37] Fix-xitwa huma previsti seba' sigħat xogħol manwali. Fis-sajf, inqas u filgħodu kmieni, b'iktar ħin għall-qari kif ukoll ftit tal-mistrieħ wara nofsinhar.
[38] L-iskop taż-żewġ sinjali hu biex jiġi żgurat li l-Komunità tinġabar flimkien peress li wara t-Talb tat-Tlieta ta' wara nofsinhar kienu jibqgħu sejrin għall-ikel. Jista' jkun wkoll, imma, li dak iż-żmien x'wħud kienu jkunu 'l bogħod.

jekk ma jindimx jingħatalu l-kastig stabbilit, b'mod li fl-oħrajn titnissel il-biża'. **21** Ħadd m'għandu jissieħeb ma' ħadd fil-ħinijiet mhux permessi.

**30 Mar**
**30 Lul**
**29 Nov**

**22** Nhar ta' Ħadd, mbagħad, kulħadd jagħtiha għall-qari, għajr dawk li jkunu ngħataw xogħlijiet partikulari x'jagħmlu. **23** Jekk xi ħadd huwa tant bla kont u għażżien li ma jkunx irid jew ma jkunx jista' jimmedita jew jaqra, ħa jitqabbad jagħmel xi xogħol ħalli ma jibqax fil-għażż.

**24** Lill-aħwa morda jew li ma jifilħux għandu jingħatalhom xi ħaġa x' jagħmlu biex filwaqt li ma jibqgħux fil-għażż, il-piż tax-xogħol ma jtaqqalhomx iżżejjed u jew jaqtgħu qalbhom. **25** L-Abbati fid-dmir li jqis id-dgħufija ta' saħħithom.

KAPITLU 49

# IR-RANDAN

**31 Mar**
**31 Lul**
**30 Nov**

**1** Bla dubju, il-ħajja tal-Monaku għandha titqies bħallikieku Randan is-sena kollha, **2** madankollu, peress li ftit għandhom dan il-kuraġġ, inħeġġu biex f'dawn il-ġranet tar-Randan kulħadd igħix ħajja mill-iktar safja, **3** u fl-istess ħin, f'dawn il-ġranet qaddisa, ipatti għall-ħtijiet imgħoddija.

**4** Dan kollu jsir kif inhu xieraq, jekk inżommu 'l bogħod mid-dnub u nimpenjaw ruħna bid-dmugħ f'għajnejna fit-talb, fil-qari, bis-sogħba tal-qalb, u biċ-ċaħda.

**5** Għalhekk f'dawn il-ġranet, ejjew inżidu xi ħaġa mal-impenn tagħna ta' kuljum bħal talb speċjali, ċaħda mill-ikel u mix-xorb, u kulħadd, bil-ferħ tal-Ispirtu s-Santu, minbarra l-qies stabbilit **6** joffri minn jeddu lil-Alla, xi ħaġa aktar **7** u jiċċaħħad ftit mill-ikel, mix-xorb, mill-irqad, mill-kliem, mill-aġir fieragħ u bil-ferħ ta' ħerqa soprannaturali jistenna l-Għid il-Kbir.

**8** Kull wieħed, iżda, għandu jgħid lill-Abbati b'dak kollu li lest jagħmel, u jagħmlu biss bit-talb u bil-permess tiegħu. **9** Fil-fatt dak kollu li jsir mingħajr il-permess tal-Abbati, jitqies frugħa u mhux mertu. **10** Kollox, għalhekk irid isir, bil-permess tal-Abbati.

KAPITLU 50

# XOGHOL 'IL BOGĦOD MILL-KNISJA

**01 Apr**
**01 Awi**
**01 Diċ**

**1** Il-Monaċi li jaħdmu 'l bogħod ħafna u ma jistgħux imorru l-Knisja fil-ħin stabbilit, **2** u l-Abbati jagħraf li hu hekk, **3** igħidu l-Uffiċċju Divin fuq il-post tax-xogħol u meta meħtieġ jinżlu għarkobbtejhom b'qima kbira.

**4** L-istess igħodd għall-Monaċi li jkunu ntbagħtu xi mkien, m'għandhomx jonqsu li jgħidu l-Uffiċċju Divin fil-ħinijiet stabbiliti, jgħiduh għalihom waħedhom mill-aħjar li jistgħu, mingħajr ma jwarrbu dmirijiethom.

KAPITLU 51

# IL-MONAĊI LI JMORRU F’INĦAWI TAL-QRIB

**02 Apr**
**02 Awi**
**02 Diċ**

**1** Il-Monaku li jintbgħat xi mkien bil-ħsieb li jkun jista’ jerġa’ lura fil-Monasterju dak in-nhar stess, m’għandux jiekol barra, anki jekk xi ħadd, hu min hu, jistiednu u jinsisti miegħu, **2** ħlief jekk iħallih l-Abbati.[39] **3** Min iġib ruħu mod ieħor, jiġi skumnikat.

[39] San Benedittu ma jammettix skużi u ma jridx assolutament li l-Monaċi jitħalltu jew ikollhom kuntatti ma’ barranin, mingħajr permess speċifiku.

KAPITLU 52

# IL-KNISJA TAL-MONASTERJU

**03 Apr**
**03 Awi**
**03 Diċ**

**1** Il-Knisja trid tkun dak li tfisser: għalhekk xejn m'għandu jsir jew jitqiegħed li m'għandux x'jaqsam.

**2** Kif jintemm l-Uffiċċju Divin, kulħadd joħroġ fis-skiet b'qima kbira lejn il-preżenza t'Alla,
**3** ħalli jekk xi ħadd jixtieq jibqa' jitlob għalih waħdu ma jkunx imfixkel mil-leħħa tal-oħrajn.
**4** Min mbagħad ikun jixtieq jinġabar u jitlob għalih waħdu, kulma għandu li jidħol fil-Knisja u jitlob, mhux b'leħen għoli, iżda bid-dmugħ f'għajnejh u bil-ħrara kollha.

**5** Għalhekk min ma jibqax jitlob, m'għandux għalfejn jibqa' fil-Knisja wara li jkun intemm l-Uffiċċju Divin, biex bħalma għedna diġà, ma jfixkilx lill-oħrajn.

## KAPITLU 53
# IL-MISTEDNIN FIL-MONASTERJU

**04 Apr**
**04 Awi**
**04 Diċ**

**1** Dawk kollha li, anki bla mistenni, iħabbtu l-bieb tal-Monasterju, jingħataw laqgħa bħal tal-ħbieb, bħallikieku Kristu stess;[40] għaliex hu għad igħidilna: "kont barrani, u lqajtuni" (*Mt* 25,35). **2** Kulħadd jingħata stima xierqa, speċjalment lill-aħwa fil-fidi u lill-pellegrini.

**3** Malli jasal, il-mistieden, jingħata merħba mill-Abbati jew mill-Monaċi, bl-akbar sens ta' mħabba nisranija. **4** L-ewwel, jagħmlu talba flimkien, mbagħad jagħtu l-bewsa tal-paċi lil xulxin. **5** Din, iżda, tingħata wara t-talba flimkien biex jixxejjen kull qerq tax-Xitan.[41] Anki f'din it-tislima, **6** il-Monaċi għandhom juru umiltà kbira, kemm jekk il-mistednin ikunu għadhom kif waslu kif wkoll meta jkunu se jitilqu. **7** Il-Monaċi għandhom jew ibaxxu rashom inkella jinxteħtu minn tulhom fl-art u jaduraw fihom lil Kristu, għaliex bihom ikun qed jilqgħu lil Kristu.

**8** Il-mistednin jittieħdu fil-Knisja u ħdejhom joqgħod bilqiegħda l-Abbati jew il-Monaku mqabbad minnu. **9** Tinqara silta mill-Kotba Mqaddsa, biex l-ispirtu tal-mistieden jintrefa' 'l fuq. Wara jħabirku u jġibu ruħhom miegħu mill-aħjar li jistgħu.

**10** B'rispett lejn il-mistieden, l-Abbati jista' jikser is-sawm, sakemm ma jkunx xi jum partikulari li fih irid isum bilfors. **11** Il-Monaċi imma, isumu bħas-soltu.
**12** L-Abbati, isawwab l-ilma biex il-mistieden jaħsel idejh, iżda **13** riġlejn il-mistednin jaħsluhom kemm l-Abbati kif ukoll il-Monaċi.

**14** Wara l-ħasil tar-riġlejn, ilkoll flimkien igħidu: "Naħsbu, o Alla, fuq it-tjieba tiegħek, f'nofs it-tempju tiegħek" (*S* 48,8).
**15** Il-fqar u l-pellegrini għandhom jingħataw merħba b'ħeġġa u attenzjoni liema bħala, għaliex huwa fihom, l-aktar, li jidher Kristu. Lill-għonja, l-istess pożizzjoni tagħhom iġġegħelek iġġibilhom rispett.

**05 Apr**
**05 Awi**
**05 Diċ**

**16** Il-kċina għall-Abbati u għall-mistednin tkun għaliha, biex jaslu fi x'ħin jaslu, il-mistednin, li fil-Monasterju ma jonqsu qatt, ma jfixklux il-ħajja tal-Komunità. **17** Biex jieħdu ħsieb din il-kċina, jintgħażlu kull sena żewġ Monaċi ta' ħila. **18** Jekk jinħass il-bżonn, jingħataw l-għajnuna, biex jwettqu dmirhom bla tgergir. Meta ma jkollhomx x'jagħmlu, jitqabbdu jagħmlu xi xogħol. **19** Dan ma jgħoddx biss għalihom, iżda wkoll għal dawk kollha li

---

[40] Kun minn iħabbat il-bieb għandu jiġi milqugħ mingħajr distinzjoni u fuq kollox kulħadd jingħata l-istess trattament.
[41] It-talb u l-prudenza madankollu huma mportanti. San Benedittu jaf minn xiex għadda huwa stess u sal-lum ħafna jitolbu l-interċessjoni tiegħu kontra x-Xitan (ara **DOMNA TA' SAN BENEDITTU**).

għandhom xi ħatra fil-Monasterju. **20** Kull meta jenħtieġu ħa jingħataw l-għajnuna, u meta ma jkollhomx x'jagħmlu, jingħataw xogħol ieħor.

**21** L-istess, biex jieħu ħsieb il-post fejn jgħammru l-mistednin,[42] jintgħażel Monaku mogħni bil-biża t'Alla. **22** Għandu jkun hemm sodod biżżejjed u mifruxa bil-lest. Id-Dar t'Alla trid tkun immexxija bil-għaqal u minn nies responsabbli.

**23** Ħadd, jekk mhux min ikun imqabbad, m'għandu jkellem jew jissieħeb mal-mistednin. **24** F'każ li jiġi wiċċ imb'wiċċ magħhom, bir-rispett kollu jsellmilhom, jitlob il-barka tagħhom u jibqa' sejjer filwaqt li jistqarr li m'għandux permess ikellem lill-mistednin.[43]

[42] Fl-Abbaziji/Monasterji kollha ssib parti maqtugħa għaliha fejn jgħammru l-mistednin biex il-ħajja monastika u l-klawsura jibqgħu bla mittiefsa.

[43] San Benedittu huwa iktar kategoriku milli fil-KAP. 51, u jisħaq li ħadd m'għandu jkellem lill-mistednin mingħajr permess. Forsi biex jevita li xi mistednin jagħtu eżempju ħażin lill-Monaċi.

KAPITLU 54

# JISTA' L-MONAKU JIRĊIEVI ITTRI JEW JINGĦATA AFFARIJIET OĦRA?

**06 Apr**
**06 Awi**
**06 Diċ**

**1** Il-Monaku, ma jistax jirċievi ittri la mingħand niesu jew persuni oħra u lanqas jagħti oġġetti ta' devozzjoni jew anki l-iċken oġġett, mingħajr il-permess tal-Abbati.[44] Dan jgħodd ukoll għall-Monaċi bejniethom.[45] **2** Anki jekk ikunu l-istess ġenituri tiegħu li bagħtulu xi ħaġa, ma jeħodhiex qabel ma jkun għarraf lill-Abbati **3** li għalkemm jista jagħti l-permess xorta waħda jibqalu l-jedd li jagħtiha lil min irid hu. **4** B'daqshekk, il-Monaku li jkun intbagħatlu l-oġġett, m'għandux għalfejn jiddejjaq, biex ma jaqax fit-tentazzjoni. **5** Min jissogra jġib ruħu mod ieħor, jingħata l-kastig kif titlob ir-Regola.

---

[44] Itenni li m'għandu jkun hemm l-ebda kuntatt ma' barra lanqas ma' tal-familja. Jispeċifika li lanqas oġġetti (bħall-ħobż) imbierka ma' jistgħu jingħataw jew jintbagħatu.
[45] Dan jgħodd ukoll għall-Monaċi bejniethom. Din il-miżura għadha fis-seħħ sal-lum, imsaħħa wkoll mil-Liġi tal-Knisja.

KAPITLU 55

# ILBIES U BŻONNIJIET OĦRA TAL-MONAĊI

**07 Apr**
**07 Awi**
**07 Diċ**

**1** L-ilbies tal-Monaċi irid jkun adattat għall-ambjent u l-klima ta' fejn jgħixu. **2** Fl-inħawi kesħin jenħtieġu lbiesi aktar, f'dawk sħan inqas. **3** Dwar dan jiddeċiedi l-Abbati.

**4** Fl-opinjoni tagħna, naħsbu li fejn il-klima huwa moderat il-Monaku biżżejjed ikollu ċoqqa, kukulla, **5** waħda sufija għax-xitwa u oħra ħafifa jew li tħerriet bl-użu, għas-sajf, **6** u l-iskapular għax-xogħol. Jilbsu wkoll il-kalzetti u ż-żarben.[46]

**7** Il-Monaċi m'għandhomx għalfejn jagħtu wisq kas tal-kulur u tal-materjal ta' lbieshom; jikkuntentaw billi jsibu u b'li jistgħu, jixtru bl-orħos prezz. **8** L-Abbati, għandu jara li l-ilbiesi ma jkunux qosra, imma adattati, u tal-qies.

**9** Il-Monaċi, meta jingħataw ilbiesi ġodda għandhom dejjem iroddu lura l-qodma, li jitqiegħdu mal-ħwejjeġ għall-fqar. **10** Il-Monaku m'għandux għalfejn ikollu iktar minn żewġ ċoqoq u żewġ kukulli biex ikollu xi jbiddel għal bil-lejl jew għal meta jaħsel. **11** Iktar minn hekk kollu żejjed u jrid jitneħħa. **12** Anki l-kalzetti u kull oġġett użat jintradd lura hekk kif jingħata l-ġdid.

**13** Kull min jivvjaġġa, jieħu mill-gwardarobba qalziet ta' taħt, u kif jirritorna jroddu lura maħsul u lest. **14** Iċ-ċoqqa u l-kukulla ta' min jivvjaġġa għandhom ikunu xi ftit aħjar minn dawk li jintlibsu s-soltu; dawn jittieħdu mat-tluq u jintraddu meta jerġgħu lura.

**08 Apr**
**08 Awi**
**08 Diċ**

**15** Għas-sodda biżżejjed saqqu tat-tiben, liżar, kutra u mħadda.[47] **16** L-Abbati għandu jispezzjona spiss is-sodod u jara jsibx oġġetti personali moħbija. **17** Il-Monaku li jinstabulu oġġetti mingħajr il-permess tal-Abbati jingħata kastiġ aħrax.

**18** Biex il-vizzju tal-pussess ta' oġġetti personali jitqaċċat minn għeruqu, l-Abbati jqis li jipprovdi dak kollu meħtieġ, **19** jiġifieri: il-kukulla, iċ-ċoqqa, il-kalzetti, iż-żraben, iċ-ċinturin,[48] is-sikkina, il-labar, l-imkatar, il-pinna, il-karti għall-kitba;[49] b'ħekk tinqata' kull

---

[46] Kalzetti u żraben, mhijiex it-traduzzjoni eżatta tal-kliem bil-Latin *pedule*s u *caligas*. Għall-istess raġuni anki l-isem tal-Kapitlu li bil-Latin huwa: *DE VESTIARIO VEL CALCIARIO FRATRUM*, kelli nadattah, peress li bil-Malti m'hemmx kelma għal dik Latina *calciario* (Schuster: *CALCIARUM*), bl-ingliż (footwear). Għalkemm, it-traduzzjoni mhijiex litterali iżda, hija fidila u tfisser eżattament dak li rrefera għalih San Benedittu. Ara **ILBIE**S.

[47] Ara **DORMITORJU**

[48] Ara **ĊINTURIN**

skuża li jinżammu oġġetti għall-bżonn bla ma jkun meħtieġ. **20** L-Abbati, iżda, għandu dejjem iżomm quddiem għajnejh dak li hemm miktub fl-Atti tal-Appostli: "Kien jitqassam kollox skont il-ħtieġa ta' kull wieħed" (*Atti* 4,35) **21** filwaqt li jagħraf id-dgħufija ta' min hu fil-bżonn u mhux ir-rieda ħażina tal-għajjurin. **22** Jiftakar ukoll li jrid jagħti rendikont lil Alla tad-deċiżjonijiet tiegħu.

[49] Użajt pinna (għal *graphium*) u karti (għal *tabulas*) biex niftiehem. Iżda, mhijiex it-traduzzjoni eżatta. Ara **OĠĠETTI PERSONALI**.

KAPITLU 56

# IL-MEJDA TAL-ABBATI

**09 Apr**
**09 Awi**
**09 Diċ**

**1** L-Abbati jiekol dejjem mal-mistednin u mal-pellegrini.[50] **2** Iżda, meta jkunu ftit, jista' jistieden uħud mill-Monaċi li jagħżel hu biex jieklu miegħu. **3** Madankollu jara li mal-Komunità jibqgħu dejjem wieħed jew tnejn mill-anzjani biex tinżamm id-dixxiplina.

[50] L-impressjoni hi, li l-mejda tal-Abbati mhijiex fir-refettorju, fejn jieklu l-Monaċi. Fil-fatt, ir-Regola tipprovdi għall-sajran u ikel differenti għalih u għall-mistednin/pellegrini; kif ukoll, ħlief għal xi ġranet, l-Abbati, jista' wkoll ma jsumx biex ikompli magħhom (ara KAP. 53, 10, 16-18). Iżda, żgur li fi ġranet partikulari, kien jiekol flimkien mal-Monaċi, fir-refettorju (ara KAP. 38,9).

KAPITLU 57

# L-IMGĦALLMIN FIL-MONASTERJU

**10 Apr**
**10 Awi**
**10 Diċ**

**1** Jekk fil-Monasterju hemm Monaċi li jafu xi sengħa, bil-permess tal-Abbati għandhom japplikaw ruħhom fiha bl-akbar umiltà. **2** Imma jekk xi ħadd jimtela bih innifsu b'senegħtu, u jiftaħar li qed jgħin finanzjarjament lill-Monasterju, **3** l-Abbati ma jħallihx iktar fuq senegħtu, sakemm wara li jumilja ruħu u l-Abbati, jippermettilu jaħdem mill-ġdid fis-sengħa tiegħu.

**4** Meta jiġu biex jinbiegħu xi prodotti tal-artiġjanat, dawk li jitqabbdu[51] jinneguzjaw għandhom jaraw li ma jqarrqux, **5** u jġibu quddiem għajnejhom il-ġrajja ta' Ananija u Saffira biex il-mewta li dawn ġarrbu fil-ġisem, **6** huma, u dawk responsabbli mill-frodi li wettqu għad-dannu tal-Monasterju, iġarrbuha f'ruħhom.

**7** Fil-prezzijiet m'għandux jitnissel il-vizzju tar-regħba, **8** anzi l-bejgħ isir bi prezzijiet orħos minn tal-oħrajn **9** "u hekk f'kollox ikun igglorifikat Alla" (*1 Pt* 4,11).

---

[51] San Benedittu, mhux biss ma jeskludix ix-xogħol, iżda, lanqas l-eventwalità ta' xi forma ta' organizzazzjoni kummerċjali, li mhux bilfors titmexxa mill-Monaċi, minħabba li l-Monasterji kienu għadhom imwarbin u 'l bogħod mis-swieq.

KAPITLU 58

# PROĊEDURA GĦAD-DĦUL FIL-MONASTERJU

**11 Apr**
**11 Awi**
**11 Diċ**

**1** Min jitlob biex jissieħeb fil-ħajja monastika, m'għandux jiġi aċċettat mill-ewwel, **2** imma bħalma jgħid l-Appostlu: "L-ispirti stħarrġuhom, biex taraw ikunux ġejjin minn Alla" (*1 Ġw* 4,1). **3** Jekk mbagħad min ġie jinsisti jħabbat u wara erbgħa jew ħamest ijiem juri li ġarrab bil-paċenzja kollha l-provi u minkejja d-diffikultajiet li saru jibqa' jisħaq fit-talba tiegħu, **4** jitħalla jidħol, u jgħammar għal ftit jiem fil-post riservat għall-mistednin.

**5** Mbagħad jidħol fin-Novizzjat il-post fejn in-Novizzi jimmeditaw, jieklu u jorqdu. **6** Jitqiegħed taħt ir-responsabilità ta' Monaku anzjan kapaċi jikseb il-fiduċja ta' dawk fdati lilu. **7** Dan għandu jixtarr bir-reqqa lin-Novizz u jara jekk hux tassew qed ifittex lil Alla, jekk hux dispost għat-talb komunitarju, għall-ubbidjenza, kemm hu lest iċekken lilu nnifsu. **8** Għandu jgħarrfu minnufih kemm hi iebsa u ħarxa t-triq li twassal għand il-Mulej.

**9** Jekk iwiegħed perseveranza fl-iStabbilità, wara xaħrejn tinqralu sħiħa din ir-Regola, **10** filwaqt li jingħad lilu: "Din hi l-liġi li trid tosserva, jekk tħoss li tista' tħarisha, idħol, jekk le, int ħieles li titlaq". **11** Jekk fehmtu tibqa' soda, jittieħed lura fin-Novizzjat u tiġi ppruvata bis-sħiħ il-ħila tas-sottomissjoni tiegħu. **12** Wara sitt xhur terġa tinqralu sħiħa ir-Regola, biex ikun jaf sew għal xiex dieħel. **13** Jekk jippersevera, wara erbgħa xhur, tinqralu mill-ġdid l-istess Regola.

**14** Jekk wara li jkun ħaseb u xtarr sew, iwiegħed li jobdi u jħares sal-iċken ordni, jingħata merħba fil-Komunità. **15** Għandu jkun jaf li skont kif stabbilit fir-Regola, minn dakinhar 'l hemm ma jkunx jista' jitlaq iżjed mill-Monasterju, **16** u lanqas jeħles mill-piżijiet tar-Regola, li huwa kellu żmien biżżejjed biex liberament jaċċetta jew jirrifjuta.

**12 Apr**
**12 Awi**
**12 Diċ**

**17** In-Novizz, fil-Knisja tal-Monasterju, quddiem il-Komunità, kif ukoll quddiem Alla u l-Qaddisin tiegħu, jagħmel vot ta' Stabbilità, Bidla tad-drawwiet u ta' Ubbidjenza **18** u f'każ li 'l quddiem iġib ruħu mod ieħor, għandu jkun jaf li jiġbed fuqu l-kundanna ta' Dak li bih ikun iddieħek. **19** Ta' din il-wegħda jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub f'isem il-Qaddisin kollha li tagħhom jinżammu r-relikwi f'dik il-Knisja u f'isem l-Abbati preżenti. **20** Jiktibha b'idejh u jekk ma jkunx jaf jiktibhielu ħaddieħor u wara, huwa kemm iħażżeż is-sinjal u jpoġġiha fuq l-altar. **21** Minnufih in-Novizz jintona dan il-Versett "Żommni skont il-wegħda tiegħek, biex nibqa' ħaj; tħallix bla temma t-tama tiegħi" (*S* 119,116). **22** Il-Komunità tirrepeti għal tliet darbiet il-Versett u fl-aħħar iżżid il-*Glorja lill-Missier*. **23** In-Novizz, jinxteħet minn tulu fl-

art f'riġlejn l-oħrajn u jgħidilhom biex jitolbu għalih. Minn dak il-ħin huwa jitqies bħala membru tal-Komunità.

**24** In-Novizz li jkollu xi ġid, jista' jew iqassmu minn qabel lill-fqar, inkella b'Att ta' donazzjoni legali jħalli kollox lill-Monasterju, bla ma jżomm xejn għalih, **25** peress li jaf tajjeb li minn dak in-nhar huwa mhu se jkollu jedd lanqas fuq il-ġisem tiegħu.
**26** Immedjatament wara, fil-Knisja stess, jitneżża minn ħwejġu u jilbes il-libsa monastika. **27** Ħwejġu iżda, jinżammu fil-gwardarobba, **28** biex jekk xi darba, jalla ma jkun qatt, iċedi għat-tentazzjoni li jitlaq mill-Monasterju, jitneżżza' mill-ilbiesi monastiċi qabel ma jintbagħat 'il barra. **29** Id-dikjarazzjoni li huwa kien għamel u li l-Abbati jkun ħa minn fuq l-altar, ma tingħatalux lura, u tinżamm merfugħa fl-Arkivju tal-Monasterju.

KAPITLU 59

# OBLAZZJONI TA' WLIED IN-NOBBLI U TA' WLIED IL-FQAR

**13 Apr**
**13 Awi**
**13 Diċ**

**1** F'każ li nobbli jiddeċiedi li joffri lil Alla wieħed minn uliedu fil-Monasterju, u dan it-tifel għadu taħt l-età, il-ġenituri jagħmlu dikjarazzjoni, li dwarha diġà għedna, f'ismu, **2** u joffruh, billi flimkien mal-offerti tal-Quddiesa, igeżwru d-dikjarazzjoni u id binhom fit-tvalja tal-altar.

**3** Dwar dak li għandu x'jaqsam ma' ġid, fl-istess dikjarazzjoni, il-ġenituri jaħilfu li, bl-ebda mod, mhu se jagħtuh qatt xejn u lanqas okkażjoni li jkollu xi ħaġa tiegħu, la direttament, u la permezz ta' persuni oħra.

**4** Iżda, jekk ma jridux jiddisponu hekk u minflok iridu jħallu xi ħaġa għall-Monasterju, **5** jispeċifikaw l-għotja tagħhom, u jekk iridu jirriservaw għalihom l-użufrutt. **6** B'hekk, lit-tifel ma tibqalu ebda okkażjoni, u dan ksibnieh mill-esperjenza, li biha jista' jitqarraq, jew allaħares qatt, jitlef ruħu.

**7** L-istess jgħodd għall-fqar. **8** Dawk li m'għandhom proprju xejn, iżda, kulma għandhom jagħmlu, id-dikjarazzjoni f'isem binhom u joffruh flimkien mal-offerti tal-Quddiesa fil-preżenza tax-xhieda.[52]

[52] San Benedittu ma jagħmilx distinzjoni bejn is-sinjur u l-fqir, għaldaqstant jesiġi l-preżenza tax-xhieda anki għal min m'għandu xejn.

KAPITLU 60

# SAĊERDOTI LI JRIDU JSIRU MONAĊI

**14 Apr**
**14 Awi**
**14 Diċ**

**1** Meta Saċerdot jitlob biex jidħol u jgħammar fil-Monasterju, m'għandux jiġi aċċettat mill-ewwel. **2** Jekk jibqa' jinsisti, għandu jkun jaf li jrid iħares ir-Regola sħiħa, **3** u mhi se ssirlu ebda konċessjoni, għaliex jgħodd għalih ukoll dak li hemm miktub: "Ħabib, għalhekk ġejt int?" (*Mt* 26,50).

**4** Postu jkun wara l-Abbati u jista' wkoll ibierek u jqaddes dment li jħallih l-Abbati.[53] **5** Mill-bqija, m'għandu jippretendi assolutament xejn, u jaf li għandu d-dmir li jobdi r-Regola; anzi, jrid jagħti lil kulħadd eżempju ta' umiltà. **6** F'każ ta' xi ħatra, jew xi mpenn ieħor fil-Monasterju, **7** titqies l-anzjanità tad-dħul tiegħu fil-Monasterju, u mhux skont il-post li ngħata b'rispett lejn id-dinjità Saċerdotali tiegħu.[54]

**8** Il-Kjeriċi, imqanqla mill-istess xewqa, li jkunu jridu jidħlu u jgħammru fil-Monasterju, jingħataw post la għoli u lanqas lura ħafna, **9** bil-kundizzjoni li huma wkoll iħarsu bis-sħiħ ir-Regola u jwiegħdu Stabbilità fil-Monasterju.

[53] San Benedittu jifhem l-importanza ta' Saċerdot fil-Monasterju, jekk xejn ikun hemm awtonomija anki fl-amministrazzjoni tas-Sagramenti. Interessanti li jqis ukoll dħul ta' Kjeriċi fil-Monasterju.
[54] L-anzjanità titqies biss mid-data tad-dħul fil-Monasterju. Illum, titqies id-data tal-Professjoni.

KAPITLU 61

# KIF JINTLAQGĦU L-MONAĊI BARRANIN

**15 Apr**
**15 Awi**
**15 Diċ**

**1** Meta Monaku barrani, li jkun ġej mill-bogħod, ikun jixtieq igħammar fil-Monasterju, **2** ħa jdum kemm irid, basta jkun kuntent mill-ambjent u l-ħajja li jsib, u ma jfixkilx lill-Kommunità **3** bi pretensjonijiet żejda. **4** Jekk mbagħad bil-prudenza u b'sens ta' umiltà jagħmel xi osservazzjoni jew jiġbed l-attenzjoni fuq xi ħaġa, l-Abbati għandu jikkunsidra bir-reqqa, jekk, eventwalment, dak ntbagħatx apposta mill-Mulej.

**5** F'każ li 'l quddiem, juri x-xewqa li jgħammar għal kollox fil-Monasterju, it-talba tiegħu m'għandhiex tiġi miċħuda, aktar u aktar, meta tul iż-żmien li dam jgħix fil-Monasterju imġibtu setgħet saret magħrufa biżżejjed.

**16 Apr**
**16 Awi**
**16 Diċ**

**6** Jekk bil-kontra, kellu ħafna pretensjonijiet u vizzji, mhux biss ma jitħalliex iħaddan il-ħajja monastika, iżda, **7** bil-galbu kollu jintalab jitlaq, biex nuqqasijietu ma jeffettwawx ħażin il-bqija tal-Komunità.

**8** Mill-banda l-oħra, jekk ma ħaqqux li jitkeċċa, mhux talli, jekk jitlob, għandu jingħata merħba fi ħdan il-Komunità, **9** talli jiġi imġiegħel jibqa' ħalli l-oħrajn jimxu fuq l-eżempju tiegħu.

**10** Fl-aħħar mill-aħħar kullimkien inservu lill-istess Alla u nissieltu ghall-istess Sultan. **11** Anzi, jekk iħoss li jixraqlu, l-Abbati, jista' jagħtih pożizzjoni għola milli għandu. **12** L-Abbati, jista' ma jimxix skont l-anzjanità tad-dħul fil-Monasterju, u jqiegħed fi grad għola mhux biss xi Monaku iżda wkoll Saċerdoti u Kjeriċi li dwarhom għedna qabel, jekk jara li jkun ħaqqhom għall-imġibthom.

**13** L-Abbati, għandu jara li ma jilqax għal kollox xi Monaku ta' Monasterju magħruf ieħor, mingħajr il-kunsens tal-Abbati tiegħu u mingħajr ittra ta' rakkomandazzjoni.[55] **14** Għaliex hemm miktub: "Dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom" (*Mt* 7,12).

[55] Prattika li għadha fis-seħħ sal-lum u msaħħa mil-Liġi tal-Knisja.

KAPITLU 62

# IS-SAĊERDOTI FIL-MONASTERJU

**17 Apr**
**17 Awi**
**17 Diċ**

**1** Jekk l-Abbati jrid li jiġi ordnat Saċerdot jew Djaknu, jagħżel minn fost il-Monaċi min l-aktar jixraqlu li jsir Saċerdot.[56]

**2** Il-Monaku li ġie ordnat Saċerdot m'għandux ikun arroganti jew jimtela bih innifsu **3** u m'għandu qatt jagħmel xejn mingħajr il-permess tal-Abbati; jiftakar li huwa marbut li josserva r-Regola aktar mill-oħrajn. **4** Bl-iskuża tas-Saċerdozju m'għandux jittraskura ir-Regola jew id-dixxiplina, anzi għandu jħabrek biex jersaq dejjem lejn Alla.

**5** Postu jibqa' dak skont d-data ta' meta daħal fil-Monasterju, **6** għajr għal waqt il-funzjonijiet sagri, jew għax minħabba f'imġibtu b'għażla tal-Komunità inkella għaliex l-Abbati ried hekk, jingħata grad ogħla. **7** Madankollu, irid xorta waħda jħares l-ordnijiet tal-Anzjani u tal-Pirjol. **8** Jekk iġib ruħu mod ieħor, jiġi ġġudikat mhux bħala Saċerdot iżda bħala xewwiex. **9** F'każ li, minkejja t-twissijiet, ma jindimx jittella' bħala xhud anki l-Isqof. **10** U jekk jibqa' ma jindimx u nuqqasijietu joħorġu fid-dieher, jitkeċċa mill-Monasterju, **11** dment li baqa' jwebbes tant rasu u jirrifjuta li jħares ir-Regola.

[56] Ara KAP. 60 n.1. Madankollu San Benedittu, għaraf ukoll li l-preżenza ta' Saċerdot, fil-Komunità setgħet tqanqal disgwid u forsi wkoll tħarbat il-ħajja monastika. Għalhekk, qal li kellu jgħid bla tlaqliq!

KAPITLU 63

# IL-GRADI FIL-KOMUNITÀ

**18 Apr**
**18 Awi**
**18 Diċ**

**1** Fil-Monasterju kulhadd iżomm postu skont id-data tad-dħul jew minħabba xi merti partikulari inkella skont ir-rieda tal-Abbati. **2** Dan iżda m'għandux joħloq konfużjoni fost il-Monaċi, u jiddeċiedi kontra l-ġustizzja, bħallikieku għandu xi setgħat bla qies; **3** jiftakar dejjem li jrid jagħti rendikont 'l Alla ta' għemilu u tad-deċiżjonijiet li jieħu.

**4** Għalhekk, meta jagħtu l-bewsa tal-paċi, meta jersqu għat-Tqarbin, meta jintonaw is-Salmi jew fil-Kor, il-Monaċi jżommu l-post mogħti lilhom mill-Abbati jew skont id-data tad-dħul fil-Monasterju. **5** L-età qatt m'għandha tiddetermina l-ordni tal-postijiet, **6** għaliex Samwel u Danjel, għalkemm ċkejknin iġġudikaw lill-Anzjani.[57] **7** Għaldaqstant, minbarra dawk li l-Abbati, kif diġà għedna, ikun mexxa 'l quddiem jew tefa' lura għar-raġunijiet validi, l-oħrajn iżommu posthom skont id-data tad-dħul fil-Monasterju. **8** Hekk, ngħidu aħna, min ikun daħal l-aħħar, postu se jkun wara dak li jkun daħal qabel, ikunu xi jkunu l-età jew l-istat soċjali tiegħu. **9** Mat-tfal tinżamm dejjem u f'kollox dixxiplina stretta minn kulħadd.

**19 Apr**
**19 Awi**
**19 Diċ**

**10** Mela, iż-żgħażagħ iqimu lil min hu akbar minnhom u dawn iħobbu liż-żgħażagħ. **11** Meta jsejħu lil xulxin m'għandhom qatt jagħmlu dan bl-isem biss **12** imma l-anzjani jsejħu lil dawk iżgħar aħwa filwaqt li ż-żgħażagħ isejħu nanniet lil min hu akbar minnhom, li turi l-istima li tistħoqq lill-missier. **13** L-Abbati, li nemmnu li fil-Monasterju qiegħed flok Kristu, jissejjaħ Abbati jew Missier, mhux għalih bħala tali, iżda bħala sinjal ta' qima u mħabba lil Kristu. **14** Minn naħa tiegħu, l-Abbati, irid jiftakar f'dan u jkun denn ta' ħatritu.

**15** Kull darba li l-Monaċi jiltaqgħu ma' xulxin, iż-żgħar jitolbu l-barka mingħand min hu akbar minnhom. **16** Jekk jgħaddi xi anzjan, l-iżgħar iqum minn bilqiegħda u joffrilu postu, u ma joqgħodx bilqiegħda qabel ma jgħidlu l-anzjan, **17** biex iseħħ bħalma hemm miktub: "fittxu li tistmaw lil xulxin" (*Rum* 12,10).

**18** It-tfal ċkejknin u l-adolexxenti, iżommu posthom kemm fil-Knisja kif ukoll madwar il-mejda waqt l-ikel; **19** barra u fil-postijiet l-oħra jkunu taħt il-ħarsien u d-dixxiplina ta' xi ħadd, sakemm jilħqu l-età tagħhom.

---

[57] Skont it-tradizzjoni ċenobitika minbarra d-data tad-dħul fil-Monasterju, jitqiesu wkoll il-kwalitajiet (il-merti) personali. M'hemmx relazzjoni bejn dak li jingħad f'dan il-Kapitlu u l-ħatra tal-Abbati (ara KAP. 64)

KAPITLU 64

# IL-ĦATRA TAL- ABBATI

**20 Apr**
**20 Awi**
**20 Diċ**

**1** Fil-ħatra tal-Abbati, jinzamm dejjem il-prinċipju, li jinħatar min jiġi elett mill-Komunità sħiħa miġbura fil-biża' t'Alla, jew minn parti minnha, li għalkemm żgħira, tagħmel għażla aktar bil-għaqal. **2** Fil-ħatra tal-Abbati għandhom jitqiesu l-qdusija u l-kultura spiritwali, anki jekk dak li jkun issieħeb l-aħħar wieħed mal-Komunità.[58]

**3** Jekk, allaħares qatt, il-Komunità sħiħa taħtar persuna li lesta tħalli in-nuqqasijiet għaddejjin, **4** u b'dan isiru jafu l-Isqof tad-Djoċesi fejn hemm il-Monasterju, l-Abbatijiet u l-insara tal-qrib, **5** dawn huma fid-dmir li jfixklu l-ħsieb tal-ħżiena u jaħtru mexxej li jixraq lid-Dar t'Alla. **6** Għandhom ikunu jafu li jkun jistħoqqilhom ħlas kbir, jekk jagħmlu hekk bi ħsieb tajjeb u biex jagħtu ġieħ lil Alla. Bil-kontra, jonqsu quddiem Alla, jekk ma jindaħlux.

**21 Apr**
**21 Awi**
**21 Diċ**

**7** Ladarba nħatar, l-Abbati, għandu dejjem iżomm quddiem għajnejh, il-piż li daħal għalih u lil min irid jagħti rendikont tat-tmexxija tiegħu; **8** għalhekk iktar jeħtieġ li jgħin milli jikkmanda. **9** Jenħtieġ li jkun jaf sew il-Liġi t'Alla, ħalli jagħraf minn fejn għandu jikseb it-tagħlim meħtieġ. Jenħtieġ li jkun safi, meqjus, ħanin, u **10** jara li l-ħniena tisboq il-ġustizzja, biex huwa wkoll isib il-ħniena.

**11** Filwaqt li jobgħod il-vizzji għandu jħobb lill-ħutu. **12** Meta jikkoreġi lil xi ħadd, juża l-prudenza, ma jeżaġerax, għaliex il-fittaġni żejda ma twassal imkien. **13** Iqis kontinwament dgħufitu u li m'għandux jikser il-qasba mxaqqa. **14** B'daqshekk ma jfissirx li għandu jħalli joktru l-vizzji, imma li jeqridhom bil-għaqal u bl-imħabba, filwaqt li jqis il-karattru ta' dak li jkun, bħalma għedna aktar 'il fuq: **15** għandu jfittex li jkun aktar maħbub milli jbeżża'.

**16** M'għandux iqanqal l-inkwiet, jitħasseb jew jippretendi żżejjed, rasu iebsa, għajjur, suspettuż, għaliex qatt mhu se jkun kwiet. **17** Jaħsibha u jqis sew qabel ma jagħti ordni, u jagħraf ikun għaqli sew jekk fi ħwejjeġ spiritwali kemm jekk temporali, **18** filwaqt li jiftakar fid-dehen tal-Qaddis Patrijarka Ġakobb: "u jekk jinkeddu għal jum wieħed biss, imutu l-imrieħel kollha" (*Ġen* 33,13). **19** B'dawn u b'eżempji oħra tal-prudenza, omm il-virtujiet kollha, għandu jmexxi b'mod li min diġà huwa qawwi jkollu lejn xiex jixxennaq aktar u d-dgħajfin ma jaħarbux mis-sitwazzjonijiet.

---

[58] Jidher ċar li San Benedittu jqiegħed il-kwalitajiet (il-merti) ta' dak li jkun, bħala l-kriterju ewlieni fil-ħatra tal-Abbati. Indipendentement mill-anzjanità jew x'ħatriet oħra li kellu.

**20** Fuq kollox għandu jimxi u jġiegħel lill-ħaddiehor jimxi skont din ir-Regola. **21** B'hekk, fi tmiem il-mandat tajjeb tiegħu ikun jista' jisma' leħen il-Mulej itenni l-istess kliem li kien qal lill-qaddej fidil li kien qassam lil sħabu il-qamħ f'waqtu: **22** "Tassew, ngħidilkom, li jafdalu ġidu kollu f'idejh" (*Mt* 24,47).

## KAPITLU 65
## IL-PIRJOL TAL-MONASTERJU

**22 Apr**
**22 Awi**
**22 Diċ**

**1** Spiss jiġri li l-ħatra tal-Pirjol,[59] tagħti lok għal skandli kbar fil-Monasterji. **2** Fil-fatt uħud minnhom mimlijin bihom infushom, iqisu lilhom infushom bħala xi Abbati ieħor u jassumu awtorità sħiħa, u b'hekk joħolqu skandli u jnisslu l-firda fi ħdan il-Komunità. **3** Dan jiġri l-aktar meta l-Pirjol jinħatar mill-istess Isqof jew mill-istess Abbatijiet li jkunu ħatru l-Abbati tal-Monasterju. **4** Faċli wieħed jintebaħ kemm din il-proċedura hija bla sens għaliex sa mill-bidu tal-ħatra tingħatalu l-opportunità biex jimtela bih innifsu. **5** Effettivament jista' jaħseb li huwa ma jiddependix mill-Abbati, **6** minħabba li nħatar minn dawk stess li ħatru lill-Abbati.

**7** Dan kollu jagħti lok għall-għira, ġlied, taqsis, rivalità, firda u taħwid. **8** U meta l-Abbati u l-Pirjol ma jaqblux ma' xulxin, bilfors li anki ruħhom tinsab fil-periklu **9** u dawk li jiddependu minnhom, filwaqt li jżommu ma' wieħed jew mal-ieħor iħejju huma wkoll it-triq għat-telfien ta' ruħhom. **10** Ir-responsabbilità sħiħa ta' din il-qagħda perikoluża, hija fuq kollox ta' dawk li ħolqu dan it-taħwid.

**23 Apr**
**23 Awi**
**23 Diċ**

**11** Għaldaqstant nifhmu, li biex jinżammu l-paċi u l-imħabba, jenħtieġ li l-organizzazzjoni sħiħa tal-Monasterju titmexxa mill-Abbati. **12** U fejn hu possibbli, kif diġà għedna, it-tmexxija nterna tal-Monasterju tkun f'idejn l-anzjani skont kif jiddisponi l-Abbati. **13** Għaliex, bil-qsim tar-responsabbilitajiet, ħadd ma jkun jista' jimtela bih innifsu.

**14** Iżda, kemm jekk minħabba l-ħtieġa tal-post jew minħabba r-rieda umli u f'waqtha tal-Komunità, u l-Abbati jidhirlu xieraq, **15** jagħżel u jaħtar huwa stess il-Pirjol, wara li jkun ħa l-parir tal-Monaċi mimlijin bil-biża' t'Alla.

**16** Il-Pirjol, minn naħa tiegħu, jagħmel, b'rispett kbir, kulma jgħidlu l-Abbati u xejn kontra r-rieda u d-deċiżjonijiet tiegħu, **17** għaliex daqs kemm hu ġie mgħolli fuq l-oħrajn, daqshekk ieħor irid iħabrek fil-ħarsien tar-Regola.

**18** Meta l-Pirjol juri li huwa mimli bill-vizzji, jew mimli bih innifsu tikbirlu rasu, inkella jkasbar fid-dieher ir-Regola Mqaddsa jigi mwissi sa erba' darbiet. **19** Jekk ma jindimx jingħata l-kastig li ħaqqu skont ir-Regola. **20** F'każ li jibqa' ma jikkoreġix ruħu, jitneħħa

[59] Fit-tradizzjoni monastika, il-ħatra ta' Pirjol, ħadet xejriet varji skont iż-żmien u ċ-ċirkustanzi, speċjalment f'każ ta' Komunità kbira. Ara **PIRJOL**.

mill-ħatra u minfloku jinħatar ieħor li jkun jistħoqqlu. **21** U jekk lanqas wara dan kollu ma joqgħodx kwiet u ma jobdix, jitkeċċa mill-Monasterju.[60] **22** Madankollu l-Abbati ma jinsix li jrid jagħti rendikont tad-deċiżjonijiet tiegħu lil Alla. Qatt ma għandu jħalli l-għira u l-invidja jtellfulu ruħu.

KAPITLU 66

## IL-PURTINARA TAL-MONASTERJU

**24 Apr**
**24 Awi**
**24 Diċ**

**1** Fil-bieb tal-Monasterju, jitqiegħed Monaku mdaħħal fiż-żmien, għaqli u li jkollu l-ħila jieħu u jwassal messaġġi u li proprju minħabba fl-età avanzata, ma jkunx jista' jiġġera 'l hinn u 'l hawn.

**2** Kamartu trid tkun ħdejn il-bieb, biex min jiġi jsib dejjem lil xi ħadd. **3** Hekk kif xi ħadd iħabbat il-bieb, jew xi fqajjar isejjaħ, il-bewwieb igħid "Irroddu ħajr 'l Alla" jew "Berikini". **4** Fis, bl-edukazzjoni kollha u bil-biża' t'Alla, iwieġeb u jaqdih bil-ħerqa u bl-imħabba kollha. **5** F'każ li l-bewwieb tenħtieġlu l-għajnuna jingħatalu Monaku iktar żagħżugħ.

**6** Meta jkun possibbli, il-Monasterju jrid jinbena b'mod li ġo fih ikun hemm dak kollu meħtieġ bħall-ilma, il-mitħna, il-ġnien u anki x-xogħol tal-artiġjanat isir fil-Monasterju, **7** biex il-Monaċi ma jkollhomx għalfejn joħorġu barra, ħaġa li ma tagħmilhomx ġid għal ruħhom.

**8** Irridu wkoll li din ir-Regola[61] tinqara spiss fil-Komunità, biex ħadd mill-Monaċi jġib skuża li ma jafhiex.

---

[60] San Benedittu filwaqt li jrid irażżan kull abbuż, jidher ċar li, fuq kollox għandu għall-qalbu l-kwiet fil-Komunità u l-imħabba bejn l-aħwa.
[61] Ħafna huma tal-fehma li San Benedittu temm ir-Regola tiegħu b'dan il-Kapitlu.

KAPITLU 67

# IL-MONAĊI LI JINTBAGĦTU GĦALL-MAWRA XI MKIEN

**25 Apr**
**25 Awi**
**25 Diċ**

**1** Il-Monaċi li jkunu sejrin xi mkien għandhom jitolbu lill-Abbati u lill-Komunità biex jitolbu għalihom u **2** fit-talb tal-aħħar tal-Uffiċċju Divin għandhom jiġu mfakkra dawk kollha li mhumiex preżenti.

**3** Dak in-nhar stess li jerġgħu lura, fi tmiem it-Talb ta' matul il-Jum kollu, jinxteħtu minn tulhom fl-art fil-Knisja u **4** jitolbu biex kulħadd jitlob għalihom biex jiksbu l-maħfra tad-dnubiet li eventwalment setgħu għamlu waqt il-vjaġġ billi raw jew semgħu xi ħaġa ta' min jikkundannaha inkella qalu kliem fieragħ. **5** Ħadd m'għandu jgħid lil ħaddieħor fuq dak li ra jew sema' barra mill-Monasterju għaliex jista' jagħmel ħsara kbira. **6** Min jagħmel hekk jingħata l-kastig li ħaqqu.

**7** L-istess isir ma' min jażżarda joħroġ mill-Monasterju biex imur xi mkien, jew jagħmel xi ħaġa, anki jekk mhux daqstant importanti, mingħajr il-permess tal-Abbati.

KAPITLU 68

# DIFFIKULTAJIET FIT-TWETTIQ TAL-UBBIDJENZA

**26 Apr**
**26 Awi**
**26 Diċ**

**1** Meta jintalab jagħmel xi ħaġa diffiċli jew li ma tistax issir, il-Monaku għandu jilqa' l-ordni tas-Superjur tiegħu b'sens kbir ta' umiltà u ubbidjenza.

**2** Malli jintebaħ li tassew ma jiflaħx għall-ordni li ngħata, bil-paċenzja u bir-rispett kollu lejn is-Superjur tiegħu, jagħti r-raġunijiet għaliex ma jistax jwettaq dik l-ordni. **3** Dan għandu jagħmlu mingħajr suppervja, mingħajr ma jwebbes rasu, u mingħajr ma jmieri.

**4** Iżda, jekk wara li jkun wera d-diffikultajiet tiegħu, is-Superjur jibqa' jisħaq, **5** imħeġġeġ mill-imħabba u tama kbira fl-għajnuna t'Alla, il-Monaku, ikun jaqbillu jobdi.

KAPITLU 69

# FIL-MONASTERJU ĦADD M'GĦANDU JIDDEFENDI LILL-IEĦOR

**27 Apr**
**27 Awi**
**27 Diċ**

**1** Jenħtieġ li fil-Monasterju, ħadd,[62] għall-ebda raġuni, m'għandu jiddefendi lil xi ħadd jew iqiegħdu taħt il-ħarsien tiegħu, **2** ukoll jekk tnejn jiġu minn xulxin. Bl-ebda mod il-Monaċi m'għandhom jagħmlu dan **3** għaliex jistgħu jinħolqu okkażżjonijiet serji ta' skandli. **4** Min jonqos għandu jiġi kkastigat bl-aħrax.

[62] L-Abbati biss għandu s-setgħa jikkoreġi jew lil min iqabbad minfloku.

KAPITLU 70

# ĦADD M'GĦANDU JSAWWAT LIL ĦADDIEHOR MINN RAJH

**28 Apr**
**28 Awi**
**28 Diċ**

**1** Fil-Monasterju ħadd m'għandu jippretendi[63] li jagħmel xi ħaġa minn rajh. **2** Għaldaqstant nisħqu li ħadd ma jista' jiskomunika jew isawwat lill-Monaku ieħor jekk ma jingħatax is-setgħa mill-Abbati. **3** "Lil dawk li jiżbaljaw wissihom quddiem kulħadd, biex l-oħrajn jibżgħu" (*1Tim* 5,20).

**4** It-tfal taħt il-15 il-sena, iridu jitħarsu u jinżammu taħt dixxiplina stretta minn kulħadd. **5** Dejjem, iżda, bil-għaqal u bil-qies.

**6** Kull min jissogra jaġixxi mod ieħor ma' xi Monaku, mingħajr il-permess tal-Abbati, jew ikun iebes iżżejjed mat-tfal, jiġi kkastigat skont kif stabbilit fir-Regola, **7** għaliex hemm miktub: "Dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom" (*Mt* 7,12).

[63] San Benedittu issa huwa kategoriku tant li lanqas biss jammetti li xi ħadd, anki biss jippretendi, li jagħmel xi ħaġa minn rajh.

KAPITLU 71

# IL-MONAĊI GĦANDHOM JOBDU WIEĦED LILL-IEĦOR

**29 Apr**
**29 Awi**
**29 Diċ**

**1** Il-Monaċi m'għandhomx jobdu biss lill-Abbati, iżda wkoll lil xulxin, **2** konvinti li t-triq tal-ubbidjenza biss twassal quddiem Alla. **3** Għaldaqstant, apparti li l-ubbidjenza lejn l-Abbati u s-Superjuri magħżula minnu tisboq kull forma ta' ubbidjenza oħra, **4** dawk li daħlu l-aħħar fil-Monasterju iridu jobdu lil dawk aktar anzjani minnhom, bl-akbar attenzjoni u mħabba. **5** Min ma jaqbilx, jiġi mċanfar.

**6** Min b'xi mod jew ieħor anki għall-iċken ħaġa jiċċanfar mill-Abbati jew mill-anzjani, **7** inkella jintebaħ li xi anzjan għandu għalih jew forsi inkwetat minħabba fih, **8** bla telf ta' żmien għandu jinxteħet minn tulu fl-art quddiemu u ma jqumx sakemm kollox jerġa' lura għan-normal bil-barka tal-ieħor.

**9** Min bi sfida ma jagħmilx hekk, jew jingħata s-swat, inkella jekk jibqa' jwebbes rasu, jitkeċċa mill-Monasterju.

KAPITLU 72
# IL-MONAĊI GĦANDHOM IKUNU MĦEĠĠIN GĦAT-TAJJEB

**30 Apr**
**30 Awi**
**30 Diċ**

**1** Bħalma hemm ħeġġa għall-ħażen li tbiegħed minn Alla u twassal fl-infern, **2** daqshekk ieħor hemm ħeġġa għat-tajjeb li filwaqt li tbiegħed mill-vizzji twassal quddiem Alla u l-ħajja ta' dejjem.

**3** Hija din il-ħeġġa, li b'sens ta' mħabba kbira, iridu jrawmu fihom il-Monaċi. **4** Jiġifieri: "Fittxu li tistmaw lil xulxin" (*Rum* 12,10); **5** iġerrgħu b'sabar kbir il-mard, ta' xulxin, kemm tal-ġisem kif ukoll tar-ruħ; **6** jaraw min l-iktar bejniethom jobdi lil xulxin; **7** ma jiġbdux lejhom iżda l-ewwel dak li jaqbel lil ħaddieħor; **8** jinħabbu bħall-aħwa bi mħabba safja; **9** jibżgħu minn Alla billi juru mħabbithom lejh; **10** jirrispettaw lill-Abbati tagħhom bi mħabba umli u sinċiera; **11** xejn m'għandhom jqiegħdu qabel Kristu, **12** li ħa jwassalna lkoll fil-ħajja ta' dejjem.

## KAPITLU 73
# F'DIN IR-REGOLA M'ĦAWX IL-PRINĊIPJI KOLLHA TAL-PERFEZZJONI

**01 Mej**
**31 Awi**
**31 Diċ**

**1** Fassalna din ir-Regola,[64] biex filwaqt li tiġi mħarsa fil-Monasterji, nagħtu xiehda tad-drawwiet tajba u bidu ta' ħajja monastika.[65]

**2** Iżda, min irid iħabrek fit-triq tal-perfezzjoni tal-ħajja monastika, hemm it-tagħlim tas-Santi Padri, li min jgħixu dlonk jilħaq il-quċċata tal-perfezzjoni. **3** Liema paġna, fil-fatt, jew liema kelma mnebbħa mit-Testment il-Qadim jew mit-Testment il-Ġdid, mhijiex prinċipju tajjeb li fuqu l-bniedem għandu jfassal ħajtu? **4** jew liema ktieb tas-Santi Padri nsara ma jurix it-triq tas-sewwa li twassal għand il-Ħallieq?

**5** Anki l-"Konferenzi", l-"Istituzzjonijiet",[66] u l-"Ħajja tal-Padri",[67] kif ukoll ir-Regola tal-Qaddis Missier tagħna San Bażilju[68] **6** m'huma xejn għajr eżempji tajbin għall-Monaċi mimlijin ħeġġa u ubbidjenti. **7** Mill-banda l-oħra, fina, li aħna bla ħeġġa, bierda u traskurati, inisslu biss sentimenti ta' għajb u mistħija.

**8** Għalhekk, int min int, li qed tħabrek fit-triq li twassal fis-sema pajjiżna, ħares, bil-għajnuna ta' Kristu, din ir-Regola elementari u mfassla għal min għadu fil-bidu. **9** B'hekk, taħt il-ħarisen t'Alla, tkun tista' ġurnata tilħaq il-quċċata tat-tagħlim u tal-virtujiet li tgħarrafna dwarhom iktar 'il fuq. Ammen!

---

[64] Hemm min isostni (Penco, Picasso, Pricoco) li San Benedittu żied il-KAP. 67-73, iktar tard.
[65] Dan il-vers qisu jaqbad ma dak li hemm fil-PROLOGU (vv. 48-49) fejn issir referenza għall-bidu ta' ħajja monastika.
[66] Ara **KASSJANU.**
[67] Ara **PADRI** [**IL-HAJJA TAL-**].
[68] Ara **SAN BAŻILJU.**

# TIFSIR IL-KLIEM TAR-REGOLA U KLIEM IEĦOR KONNESS MAL-ORDNI BENEDITTIN

**ABBATI**: Il-Monaku li jinħatar biex imexxi Komunità monastika benedittina. Kelma sirjaka, *aba* li tfisser "Missier". Iktar milli lill-awtorità kienet ingħata lill-persuna li kellha kariżma spiritwali mhux tas-soltu. Ġieli kienu jissejħu hekk personalitajiet tal-Knisja jew li kellhom xi ħatra ċivili. Madankollu, l-użu frekwenti ta' dan l-isem iktar kien fost l-ekkleżjastiċi.

Fil-bidu tal-Monakiżmu, kien hemm min oppona li min imexxi Komunità jingħata dan l-isem, għaliex fit-Testment il-Ġdid il-kelma "Missier" għandha rabta sħiħa ma' Kristu. Iżda, maż-żmien indrat, speċjalment wara li ngħatat tifsira definita, ċara u speċifika, fir-Regola ta' San Benedittu. Hemm ħjiel li d-dinjità tal-Abbati, tista' titqies daqs jew titqabbel ma' tal-Isqof "*...nemmnu li fil-Monasterju qiegħed flok Kristu...*" (KAP. 63,13). Mis-seklu XI 'l quddiem, l-Abbati, ingħata wkoll l-ilbies pontifikali għal waqt il-Liturġija u privileġġi oħra. Dan kompla jsaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu mhux biss fl-ambjent monastiku u sar għalhekk l-isem esklużiv li bih tiġi msejjħa l-persuna li tmexxi Abbazija/Monasterju, fuq bażi istituzzjonali, imma fuq kollox bħala gwida spiritwali.

Għalkemm ma jinżilx f'dettalji ta' proċeduri (limiti ta' età, tul tal-ħatra) San Benedittu jeżiġi li l-Abbati jinħatar mill-Komunità u li jkollu ċerti kwalitajiet. L-Abbati, fl-Abbazija/Monasterju huwa l-ogħla awtorità u għandu l-jedd għad-deċizjoni aħħarija.

Sa ftit snin ilu, min jinħatar Abbati kien jibqa' għal għomru, ma jfissirx, iżda, li minn dejjem hekk kien. Anzi, ċerti Kongregazzjonijiet, bħaċ-Ċelestini, qatt ma riedu jagħtu dan l-isem lis-Superjuri tagħhom. Il-Kongregazzjoni Olivetana, damet ma kkonformat ruħha ma din id-drawwa.

Skont il-Liġi l-Ġdida tal-Knisja, l-Abbati jinħatar għal żmien definit. Kull Kongregazzjoni, jew Komunità monastika għandhom regolamenti ċari u definiti, stipulati fil-Kostituzzjonijiet dwar min jinħatar, kif jiġi elett u sakemm jista' jerġa' jiġi elett. Min jispiċċa mill-ħatra jerġa' jieħu postu fil-Komunità monastika.

Tul is-sekli, l-isem ta' Abbati, ingħata bħala titlu, anki onorarju, kemm lill-membri tal-Kleru kif ukoll lill-lajċi, li mhux bilfors kienu ta' nisel nobbli. Żgur li t-tielu ta' Abbati, dejjem kellu marbutin miegħu benefiċċji, anki ekkleżjatiċi.

Ara KUNSILL

**ABBATI(ARĊI-)**: Hekk jissejħu l-Abbati tal-Abbazija ta' Montecassino u ta' xi Abbaziji benedittini u/jew ta' Komunitajiet tal-Kanonċi Regolari ta' Santu Wistin l-aktar fl-Abbaziji/Monasterji tal-Ewropa tal-Lvant.

**ABBATI EMERITU**: Sa ftit snin ilu l-Abbati kien jinħatar għal għomru. Bir-riforma fil-Liġi tal-Knisja (1983) dawk li kienu diġà maħtura kellhom jadekwaw ruħhom. Uħud irriżenjaw minnufih filwaqt li oħrajn stennew iż-żmien tal-ħatra jiskadi. Xorta waħda, iżda, baqgħu jżommu t-titlu, kif ukoll uħud mill-privileġġi li kellhom, l-aktar fiċ-ċerimonji liturġiċi. Dan minħabba li l-ħatra tagħhom kienet għal għomorhom.

**ABBATI ĠENERAL**: L-ogħla awtorità u r-responsabbli ewlieni ta' Kongregazzjoni Benedittina. Hemm min isejjaħlu ABBATI PRESIDENT jew ABBATI VIŻITATUR inkellha PIRJOL ĠENERALI. Jinħatar għal żmien definit u l-ħatra tista' terġa' tiġġedded għall-istess żmien jew iqsar, darba biss. Il-ħatra ssir waqt Kunsill Ġenerali li għalih jattendu bi dritt l-Abbatijiet fil-ħatra, Monaku delegat minn kull Abbazija/Monasterju. F'xi Kongregazzjoni, jieħdu sehem ukoll il-Badessi fil-ħatra u Soru delegata minn kull Abbazija/Monasterju tal-Kongregazzjoni rispettiva.

**ABBATIPRIMAT**: L-ogħla awtorità tal-Konfederazzjoni tal-Benedittini. Jinħatar għal 8 snin u jista' jerġa' jiġi elett għal erba' snin oħra, mill-Kungress tal-Abbatijiet. M'għandux setgħat jew ġurisdizzjoni fuq ebda Kongregazzjoni, Abbazija/Monasterju, kemm ta' Monaċi kif ukoll ta' Sorijiet. Ħidmietu hija mmirata biex isaħħaħ l-għaqda, jikkoordina l-ħidma u jkattar l-ispirtu monastiku fost il-Kongregazzjonijiet imsieħba, u l-bqija tal-Ordni Benedittin in ġenerali. Jaġixxi biss meta msejjaħ u f'każi estremi. Huwa residenti fl-Abbazija Primazjali jew kif inhu iktar magħruf, il-Kulleġġ San Anselmu, f'Ruma.

Ara KONFEDERAZZJONI

**ABBAZIJA**: Isem d-dar fejn tgħammar Komunità monastika benedittina kemm ta' Monaċi kif ukoll ta' Sorijiet. L-għadd ta' Monaċi kif ukoll ta' Sorijiet. L-għadd ta' Monaċi professi jew Sorijiet benedittini professi irid ikun tal-inqas, 12. L-Abbazija titmexxa minn Abbati, li bħala responsabbli minn dik il-Komunità għandu l-istess privileġġi ta' Isqof fid-Djoċesi. Abbazija tista' tissejjaħ hekk ukoll għaliex tkun kisbet dan it-titlu bi dritt fl-imgħoddi inkellha għaliex ingħatat dan l-*istatus* b'dispożizzjoni tal-Knisja.

Abbazija tista' tiddependi direttament mis-Santa Sede; f'dan il-każ tissejjaħ "*ABBATIA NULLIUS*". L-Abbati jkollu setgħat ta' Ordinarju (Isqof) tat-territorju konness mal-Abbazija.

**ADOLEXXENTI**: Fl-imgħoddi kienet xi ħaġa komuni li fl-Abbaziji/Monasterji ssib min kien għad kellu biss bejn 13 u 19 -il sena. L-aktar minħabba li għar-raġunijiet mhux dejjem ovvji kienu jħaddnu l-ħajja monastika.

Anki fi żminijietna għad hawn min iħeġġeġ biex adoloxxenti jissieħbu ma' xi Komunità monastika iżda kemm il-Liġi tal-Knisja kif ukoll il-Kostituzzjonijiet monastiċi saru iktar favur sħubija responsabbli u matura. Dan mingħajr ma tiġi esklużа l-possibilità li jitħejjew u jitrawmu tfal permezz ta' Skejjel u Seminarji fl-ispirtu monastiku.

**AGGREGATI**: Meta Komunità monastika benedittina tingħaqad ma' Abbazija/Monasterju, mingħajr ma titlef l-awtonomija tagħha.

Ara ASSOĊJAZZJONI
AWTONOMIJA
FEDERAZZJONI
IŻOLAT
KONGREGAZZJONI

**ANAKORETA**: Il-Monaku li jgħix ħajja għalih waħdu u jkun iżolat, f'għaqda sħiħa ma' Alla u jfittex li jservi biss Lilu. San Benedittu jqis lill-Anakoreta bħala wieħed mill-aqwa tipi ta' Monaċi wara ċ-Ċenobita.

Ara MONAKU

**ANZJAN**: Il-Monaku li jkollu ċerta età kif ukoll esperjenza fil-ħajja monastika. Fir-Regola b'sens ta' affezzjoni jissejjaħ ukoll *nannu*.

**ANZJANA**: Soru benedittina (tista' tkun tal-Klawsura) li jkollha ċerta età u esperjenza fil-ħajja monastika.

**ASSOĊJAZZJONI**: Meta Komunità monastika benedittina, filwaqt li tibqa' zzom l-awtonomija sħiħa tagħha tingħaqad ma' Kongregazzjoni jew Abbazija/Monasterju benedittini. Mhux neċessarjament trid taċċetta l-Kostituzzjonijiet ta' dik il-Kongregazzjoni jew id-Direttorju tal-Abbazija/Monasterju.

Tgħodd l-aktar għall-Komunitajiet tas-Sorijiet benedittini, inklużi dawk tal-Klawsura.

**AWTONOMIJA**: Id-dritt li Abbazija/Monasterju benedittin għandhom għall-indipendenza u għat-tmexxija minn rajhom. Illum, fil-prinċipju, dan id-dritt għadu fis-seħħ, anki jekk bħala kunċett mhux l-istess għall-Kongregazzjonijiet jew Abbaziji/Monasterji benedittini kollha.

L-Abbaziji/Monasterji benedittini kollha huma awtonomi, anki dawk IŻOLATI.

Ara IŻOLAT

**BADESSA**: Isem li jingħata biss, lis-Soru li tinħatar biex tmexxi Komunità ta' Sorijiet benedittini, inklużi s-Sorijiet benedittni tal-Klawsura. Fl-imgħoddi, f'ċerti Abbaziji/Monasterji, il-Badessa kienet tinħatar għal għomorha iżda fil-parti l-kbira dejjem inħatru għal żmien definit.

Ġieli tintuża l-kelma *ABBATISSA* li huwa l-isem oriġinali bil-Latin.

Ara ABBATI

**BAŻILJU (SAN) IL-KBIR**: Magħruf hekk għax kien wieħed mill-akbar għedewwa ta' Arju li kien isostni li Kristu ma kienx tal-istess natura tal-Missier iżda li kien ġie mgħolli minnu għall-grad ta' Iben t'Alla. Arju u t-teżi eretika tiegħu (=*Arjaniżmu*) ġew kundannati mill-Konċilju Ekumeniku ta' Niċea.

San Bażilju (†379) huwa meqjus bħala l-Fundatur tal-Monakiżmu ta' Lvant li kellu l-bidu tiegħu f'Kappadoċja fis-seklu IV. Imwieled minn familja nobbli u sinjura, imżejna b'ħafna wlied, Bażilju, studja f'Ċesarea, Kostantinopli, u Ateni fejn dam għal 15 -il sena flimkien mal-ħabib kbir tiegħu San Girgor Nazjanzenu (†389) tejolgu kbir u poeta sagru. Mbagħad mar iżur il-Monasterji fis-Sirja, fil-Palestina u fl-Eġittu fejn għamel ukoll esperjenza monastika li għenitu biex jgħaqqad flimkien il-ħajja eremitika mal-ħajja fil-Monasterju (ċenobitika). Fil-prattika San Bażilju ta sura aħjar lill-ħajja monastika ta' dak iż-żmien, b'Komunitajiet iżgħar fin-numru u daqs u taħt Superjur wieħed.

Miet bħala Isqof ta' Ċesarea. Huwa wkoll wieħed mid-Dutturi tal-Knisja.

Dawk li jħaddnu r-Regola ta' San Bażilju jissejħu BAŻILJANI.

**BENEDITTIN**: Huwa dak li hu msieħeb u/jew dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Ordni Benedittin (tal-Ordni ta' San Benedittu). Il-Monaċi u s-Sorijiet benedittini jinsabu mifruxin mal-ħames kontinenti.

Forom ta' Monakiżmu kienu diġà jeżistu, anki fl-Ewropa, b'persuni qaddisin u nfluwenti bħal San Martin, Isqof ta' Tours u San Ċesarju ta' Arles fi Franza; San Kongallu fl-Irlanda (Abbazija ta' Bangor). Id-dixxipli tagħhom mbagħad ħaddnu u mxew mar-Regola ta' San Benedittu. Wieħed mill-pijunieri tal-Ordni Benedittin ċertament kien San Kolumbanu, li beda fl-Iskozja, kompla ħidmietu fil-Belġju, fl-Olanda, fil-Lussemburgu; mbagħad fl-Italja (fejn kien hemm diġà l-Abbazija ta' Farfa) bl-Abbaziji ta' Bobbio, Novalesa, Pomposa u iktar tard Nonantola.

Ftit biss wara l-mewt ta' San Benedittu, il-Papa San Girgor il-Kbir beda dik li tista' tissejjaħ il-ħidma missjunarja Benedittina fid-dinja. Fis-sena 597 bagħat lill-Monaku Wistin

fl-Ingilterra flimkien ma’ 40 Monaku ieħor u waqqfu Abbaziji f’Canterbury, Westminster, Rochester u York qabel ma komplew jinfirxu.

Kien l-istess Papa li fis-sena 599 ħatar lill-Monaku Trajanu bħala Isqof ta’ Malta li talab u ngħata permess li jġib xi Monaċi. F’Malta diġà kien hawn forom ta’ ħajja monastika (Bażiljani?) iżda s’issa m’hemm l-ebda ħjiel ċert dwar Komunitajiet benedittini. Huwa fatt, iżda li l-Abbazija ta’ San Nicola l’Arena ta’ Katanja kellha artijiet u proprjetà f’Malta sa mill-1362. Fis-seklu XV infetħu żewġ Monasterji tas-Sorijiet li ntalbu u aċċettaw li jgħixu ħajja ta’ Klawsura u josservaw ir-Regola ta’ San Benedittu: l-Abbazija ta’ San Pietru u San Benedittu (1430 c.) magħrufa iktar bħala l-**Monasterju ta’ San Pietru**, fl-Imdina; u l-**Monasterju ta’ Santa Skolastika** li twaqqaf fl-Imdina (1497 c.) u ġie trasferit lejn il-Birgu (1604) fejn għadu sal-lum. Bejn l-1881–1883, fiż-Żurrieq il-Kongregazzjoni Sublaċensi waqqfet il-**Monasterju ta’ Santa Marija tan-Nigret**, l-uniku Monasterju ta’ Benedittini rġiel f’Malta sa fejn hu magħruf s’issa.

Monaċi qaddisin oħra marru jevanġelizzaw iktar pajjiżi fl-Ewropa bħal Greenland u lil hemm minnha. San Bonifaċju fil-Ġermanja; San Willibrordu fl-Olanda; San Anskarju fil-pajjiżi Skandinavi; San Adalbertu fil-pajjiżi żlavi tal-Moravja, Boemja, Ungerija; San Pirminu fil-Bavarja u l-Isvizzera. Iktar tard il-Monaċi marru fil-Polonja, fl-Awstrija, fid-Dalmazja, fi Spanja, fil-Brażil. Wara r-Rivoluzzjoni Franċiża għadd kbir ta’ Monaċi sabu kenn fl-Istati Uniti fejn waqqfu diversi Abbaziji u Monasterji. Kompliet il-firxa tal-Monakiżmu benedittin, fl-Argentina, fiċ-Ċilì, fil-Venezwela, fil-Messiku, fil-Gwatemala, fl-Awstralja, fil-Filippini, fin-Niġerja, fil-Kamerun u pajjiżi oħra afrikani.

Kull fejn marru, il-Benedittini qegħdu dejjem fil-prattika il-mottu mogħti lilhom minn San Benedittu: ORA ET LABORA (Itlob u aħdem). Apparti s-sehem kbir fl-oqsma artistiċi u kulturali, tal-biedja u tal-artiġjanat, il-Benedittini kellhom sehem kbir fil-Knisja u t-tmexxija tagħha: mhux inqas minn 23 Papa; 5 Dutturi tal-Knisja.

Ara MONAKU
ORA ET LABORA

**BENEDITTINA**: L-istess.

**BENEDITTU** (**SAN**): Twieled f’Norcia, fir-reġjun tal-Umbria fl-Italja tan-nofs, fis-sena 480. Ta’ 18-il sena, mar jistudja Ruma, iżda, tant iddisgusta ruħu mill-ħajja f’din il-belt li mar jgħix għalih waħdu f’għar fl-inħawi ta’ Subiaco. Madwaru nġabru diversi eremiti u żgħażagħ oħra li huwa organizza u beda jmexxi f’Komunitajiet. Fis-sena 529 mar Montecassino fejn bena 12-il Monasterju u fuq l-għolja bena Abbazija li sal-lum għadha meqjusa bħala l-benniena tal-Ordni Benedittin. Skont it-tradizzjoni San Benedittu miet f’Montescassino fil-21 ta’ Marzu tas-sena 547. Kien għadu kif tqarben. Indifen fil-Kappella ta’ San Ġwann, maġenb oħtu Santa Skolastika li kienet mietet tliet ijiem qabel. Mill-1 ta’ Diċembru, 1955 il-fdalijiet taż-żewġt aħwa tewmin Qaddisin, jinsabu f’żewġ kaxxi tal-fidda separati, iżda, f’urna waħda, taħt l-altar maġġur tal-Knisja Bażilka ta’ Montecassino.

Ta’ min jgħid li minn studji riċenti (ara PICASSO pp. 25-26 u PRICOCO p. XXX) tqanqlu dubji fuq id-dati tat-twelid, u l-mewt ta’ San Benedittu. Għalhekk, jista’ jkun li twieled fis-sena 490 u miet, forsi, 5 snin qabel -il 547. Picasso ma jeskludix li San Benedittu għex sas-sena 560 u jibbaza fuq l-influwenzi biżantini ta’ xejra liturġika li hemm fir-Regola. Indikazzjonijiet oħra jistgħu jkunu ċerti deċiżjonijiet jew proċeduri (bħal fil-każ tal-ħatra tal-Abbati) li jinsabu fl-istess Regola.

**BIDLA TAD-DRAWWIET**: Il-vot (sempliċi jew solenni) li l-Monaku jew is-Soru benedittina anki tal-Klawsura jagħmlu u filwaqt li jimpenjaw ruħhom li jiċċaħdu mid-drawwiet tad-dinja, iħarsu ’l fuq għalenija lejn Alla u jfittxu li jimxu bl-akbar

determinazzjoni fuq it-triq infassla fuq il-Vanġelu u r-Regola Mqaddsa. Teknikament tfisser li min jidħol fil-Monasterju irid jibdel radikalment ħajtu, il-mentalità u l-imġiba, jiġifieri determinazzjoni sħiħa li jiddedika lilu nnifsu lil Alla fil-ħajja monastika.

**BREVJAR**: Il-ktieb li jiġbor l-Uffiċċju tal-Qari; it-Talb ta' Sbiħ il-Jum; it-Talb ta' Nofs il-Jum: tad-Disgħa ta' filgħodu, ta' Nofsinhar u tat-Tlieta ta' wara nofsinhar; l-Għasar; it-Talb ta' Għeluq il-Jum. Fil-Brevjar kollox huwa mqassam skont iż-żmien tas-sena, il-ġranet u l-ħinijiet. Il-ktieb ewlieni tat-Talb tal-Monaku u tas-Soru Benedittina.
Ara UFFIĊĊJU DIVIN

**ĊELLERARJU**: Il-Monaku nkarigat mill-amministrazzjoni tal-Monasterju/Abbazija. Kelma li aktarx tiftiehem biss mill-Monaċi u s-Sorijiet benedittini u/jew minn min hu midħla ta' Abbazija/Monasterju benedittin.
Ara MAĦŻNIER

**ĊELLERARJA**: L-istess.

**ĊENOBITA**: Il-Monaku li ma' oħrajn jgħix ħajja komunitarja jiġifieri flimkien.

Iċ-Ċenobiti jafu l-bidu tagħhom lil San PAKOMJU (†346), wieħed mill-Fundaturi tal-Monakizmu ta' Lvant. Huwa sar nisrani fis-sena 313 meta kien suldat u wara ngħaqad mal-eremita Palemoni. Maż-żmien ingħaqdu oħrajn u twaqqfet Komunità fuq waħda mix-xtut tax-xmara Nil, fl-Eġittu. Kien hawn li San Pakomju ddetta r-Regola tiegħu li għalkemm iebsa ħafna tħaddnet minn mijiet ta' eremiti oħrajn. Dawn, ma baqgħux jgħixu iktar għar-rashom iżda taħt saqaf wieħed u bdew jagħżlu wieħed minnhom bħala mexxej. Meta miet, dawk li kienu għażlu li jgħixu l-ħajja monastika tiegħu kienu iktar minn 7000.

Din il-forma ta' Monakiżmu nfirxet fil-Palestina, fis-Sirja u qabdet għeruqha fl-Ażja Minuri (inħawi mit-Turkija). Iktar tard, permezz ta' ATANAŻJU L-KBIR, li kien eżiljat, infirxet anki fil-Punent, tant li malajr saret l-iktar tip ta ħajja monastika komuni.

Il-karatteristiċi ewlenin fil-ħajja taċ-Ċenobita, huma: il-preżenza ta' Mexxej spiritwali u l-ħarsien ta' Regola.
Ara MONAKU

**ĊENOBJU**: Fejn tgħammar Komunità (grupp) ta' Monaċi flimkien. Ilkoll iħarsu l-istess Regola u jiddependu mill-istess Abbati.
Ara MONASTERJU

**ĊINTURIN**: Tal-ġild jew tad-drapp, li l-Monaċi u s-Sorijiet benedittini kollha jaħżmu ma' qaddhom. Normalment ikun dejjaq u tal-istess lewn tal-libsa. Meta jkun ta' għamla wiesa', ikun tad-drapp u iktar jixbah lit-terħa.

Jien użajt ĊINTURIN wkoll għall-kelma Latina *bracile* (KAP. 55,19) biex niftiehem. Fil-fatt iktar jixbaħ lill-ħżiem wiesa' u tal-ġild. Il-Monaċi kienu jorbtuħ ma' qaddhom waqt ix-xogħol, kemm għas-saħħa ta' daharhom kif ukoll biex iqegħdu l-għodod. San Benedittu (KAP. 22,5) jirrikmanda lill Monaċi biex ma jorqdux biħ, imma jdendluh ħdejn il-friex, biex, waqt l-irqad ma jweġġgħux, speċjalment bis-sikkina li huma dejjem iġorru magħhom u li kienu jużaw kemm għax-xogħol kif ukoll għal waqt l-ikel.
Ara ILBIES

**ĊOQQA**: Il-libsa li normalment jilbsu l-Monaċi u s-Sorijiet benedittini. Bil-Latin *tunica*. Hija twila mill-għonq sal-pali tas-saqajn u tintrabat mill-qadd, b'qafla, ħabel jew ċinturin.

Xi Eremiti, tad-deżert, kienu jużaw ġlud tal-mogħoż jew tal-iġmla. Is-soltu, iżda ċ-ċoqqa kienet tkun tad-drapp komuni, u aktarx bla kmiem. Kien hemm ukoll min jipprefriha bil-kmiem qosra. An Benedittu, ma jgħid xejn fuq il-kwalità għajr li ma jkunx għali jew dwar l-ilwien tad-drapp, iżda, jesiġi li jkun adattat, u tal-qies.

Ara ILBIES

**DEKAN**: Il-Monaku magħżul mill-Abbati, kemm minħabba l-età, kif ukoll l-anzjanità, skont id-data tad-dħul fil-Monasterju/Abbazija, biex ikun responabbli minn grupp ta' Monaċi, speċjalment, jekk l-Abbazija/Monasterju jkunu kbar. Normalment, huma kienu jkunu responsabbli minn għaxar Monaċi (*Dekania*).

San Benedittu mhux ċar f'dan ir-rigward: kemm f'dak li huwa numru, d-drawwa kienet li jinħatru tnejn, kif wkoll min huma effettivament. Ġieli, "l-anzjani" li jgħassu fid-Dormitorju, jew dawk li jitqabbdu jagħmlu xi twissijiet, jissejħu Dekani wkoll.

Illum, jissejħu Dekani, dawk responsabbli mill-formazzjoni spiritwali u monastika tal-Monaċi żgħażagħ, li qed iħejju biex isiru Saċerdoti.

**DEKANA**: L-istess. Tissejjaħ Dekana, is-Soru responsabbli mill-formazzjoni spiritwali u monastika tas-Sorijiet taż-żmien bejn in-Novizzjat u l-Professjoni Solenni.

**DOMNA TA' S. BENEDITTU**: San Girgor il-Kbir, fid-*Djalogi* tiegħu jisħaq kemm -il darba fuq il-fidi kbira li San Benedittu kellu lejn is-Salib. Mhux l-ewwel darba, jgħidilna San Girgor, li bir-radd tas-Salib kien ikeċċi x-Xjaten. Il-fama ta' San Benedittu tant kibret li bdew isiru l-ewwel Domni b'San Benedittu iżomm is-Salib f'idu l-leminija u r-Regola f'idu x-xellugija. Fuq il-wiċċ l-ieħor tad-Domna s-sinjal tas-Salib.

Tul is-snin saru verżjonijiet differenti tad-Domna, iżda l-iktar waħda magħrufa, anzi, nistgħu ngħidu uffiċjali, u mogħnija b'għadd ta' indulġenzi hija dik li kienet ġiet kummissjunata mill-Abbati ta' Montecassino fl-1880, fl-okkażjoni tal-XIV -il Ċentenarju mit-twelid ta' San Benedittu. Għalhekk ukoll l-isem ta' **DOMNA ĠUBILARI** (**tal-Ġublew**).

**Tifsira tad-Domna u tal-kliem bil-Latin.*

Fuq quddiem tad-Domna, baqgħet ix-Xbieha ta' San Benedittu bis-Salib f'idu l-leminija, kemm bħala sinjal ta' ħelsien ta' ruħna, kif ukoll biex titfakkar il-ħidma kbira u bla heda fid-diversi oqsma, l-Evanġelizzazzjoni u t-tixrid taċ-Ċiviltà fl-Ewropa u fid-Dinja mill-Monaċi u s-Sorijiet benedittini tul is-snin. F'idu x-xellugija bqagħet ir-Regola, il-bażi tal-ħidma monastika. Baqgħet ukoll mad-dawra tad-Domna, il-kitba: **Eius in obitu nostro praesentia muniamur** (Iħarisna bil-preżenza tiegħu waqt il-mewt tagħna), li kienet żdiedet maż-żmien. Fuq il-lemin, fuq pedistall, tazza li minnha ħierġa lifgħa b'tifkira tal-velenu li kienu tawħ x'jixrob xi Monaċi bla skrupli, iżda San Benedittu radd is-sinjal tas-Salib u t-tazza nkisret biċċiet. Dejjem fuq pedistall, iżda, fuq ix-xellug, iċ-ċawlun, ħabib tal-Qaddis li ubbidjenti qed iwarrab il-ħobża bil-velenu li Saċerdot għajjur, Fiorenzo, kien offra lil San Benedittu. Fuq iż-żewġ naħat tax-Xbieha ta' San Benedittu l-Kitba: **Crux Sacnti Patris Benedicti** (Salib tal-Qaddis Missier Benedittu). Taħt, il-kitba: **Ex S.M.Casino MDCCCLXXX** (Mill-għolja qaddisa ta' Montecassino).

Fuq il-wiċċ l-ieħor tad-Domna, baqa' is-Salib tal-bidu. Fuq is-Salib u mad-dawra tad-Domna hemm diversi ittri kbar. Mhux magħruf meta tnaqqxu dawn l-ittri u għal mijiet ta' snin it-tifsira tagħhom baqgħet mistura. Kien biss fl-1647 li nstab dokument manuskritt tal-1415, fl-Abbazija ta' Metten fil-Bavarja, u sar magħruf x'kienu jfissru dawk l-ittri. Ma kienux għajr l-ittri tal-bidu ta' talba bil-Latin li kienet tintuża waqt iċ-ċerimonja ta' eżorċiżmu.

Fil-vojt, fi ċrieki, erba' ittri kbar:

**C.S.P.B.** – **Crux Sancti Patris Benedicti** (Is-Salib tal-Qaddis Missier San Benedittu). Fuq il-lasta l-wieqfa tas-Salib hemm:

**C.S.S.M.L.** – **Crux Sacra Sit Mihi Lux** (Is-Salib Imqaddes ikun id-dawl tiegħi). Fuq il-lasta l-mimduda tas-Salib hemm:

**N.D.S.M.D.** – **Non Draco Sit Mihi Dux** (Li x-Xitan ma jkunx il-mexxej tiegħi). Madwar is-Salib hemm l-ittri:

**V.R.S.N.S.M.V.S.M.Q.L.I.V.B** – **Vade Retro, Satana, Numquam Suade Mihi Vana; Sunt Mala Quae Libas, Ipsa Venena Bibas**. (Lura, Satana, iġġiegħlnix nagħmel ħwejjeġ fiergħa; dak li qed toffri huwa ħażin; ixrob inti stess il-velenu tiegħek).

Fuq nett tas-Salib hemm miktub **PAX** (Paċi) barra li huwa l-mottu tal-Kongregazzjoni ta' Montecassino sar ukoll mottu ieħor tal-Ordni Benedittin kollu.

Bosta huma l-istudjużi li jsostnu li għajr għad-Domni tal-Madonna, ebda Domna oħra mhi popolari u mfittxija daqs dik ta' San Benedittu.

B'Digriet tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti (6 ta' Marzu 1959) il-Barka ta' San Mawru lill-morda tista' tingħata bid-Domna ta' San Benedittu. B'deċiżjoni din id-darba tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Reliġjużi (4 ta' Mejju 1965) id-Domna ta' San Benedittu bdiet tintlibes regolarment mill-Oblati.

**DORMITORJU**: Is-sala fejn kienu jorqdu l-Monaċi jew is-Sorijiet. L-ewwel Ċenobiti tad-deżert eġizzjani, kienu għadhom jorqdu, jitolbu u jimmeditaw għalihom f'għerien jew għerejjex. Kien San Pakomju, li għall-ewwel darba għamel referenza għall-kmamar jew ċellel (*cellulae*) bil-Latin, fejn forsi kien ikun hemm aktar minn Monaku wieħed, iżda, li kienu jinġabru flimkien għat-talb u għall-ikel. San Benedittu, mexa mal-iżvilupp li kien diġà fis-seħħ fil-Lvant u l-Punent, u għażel li l-Monaċi jorqdu f'dormitorji. Ovvjament minħabba l-esiġenzi prattiċi ta' għaqda, u spirtu monastiku akbar, kif wkoll sens komunitarju iktar ħaj. Mhux eskluż ukoll, li b'hekk seta' jkun hemm kontroll akbar u jiġu evitati ċerti abbużi fl-oqsma tal-proprjetà u l-imġiba morali.

San Benedittu, jitbiegħed ukoll mid-drawwiet ta' żmienu u jisħaq li kulħadd ikollu sodda għalih. Jelenka wkoll x'jeħtieġ il-Monaku għas-sodda jew friex: in-neċessarju u l-essenzjal. Fit-traduzzjoni ppruvajna nqarbu kemm jista' jkun, il-Malti mal-kelma Latina: *Matta* aktarx saqqu mimli bit-tiben, għalkemm setgħet ukoll kienet għamla ta' tapit tal-qanneb, maħdum daqxejn oħxon. *Sagum* użajt liżar, biex niftiehem. Fil-fatt kienet biċċa drapp oħxon, bħal tal-ixkejjer li kienet titqiegħed fuq is-saqqu. *Lena* bħal kutra, tad-drapp oħxon u sufi li fix-xitwa kienu jitgħattew biha. Forsi wkoll drapp mitwi fi tnejn u wara li jimtela bis-suf, jiġi meħjut dawra tond. *Capitale* l-imħadda jew mimlija bit-tiben, bis-suf tan-nagħaġ jew inkellha bir-rix tal-għasafar.

Illum, Monaċi u Sorijiet, anki tal-Klawsura, kulħadd jorqod f'kamra għalih/ha. Naturalment, is-sodod u dak kollu li hemm bżonn, huma skont iż-żminijiet tal-lum, anke jekk forsi jvarjaw minħabba d-drawwiet tal-lokalità jew il-bżonn ta' dak li jkun. Illum ukoll, fil-maġġuranza tal-Abbazijai/Monasterji, il-kmamar huma mgħammra bis-servizzi sanitarji essenzjali, ovvjament, mingħajr lussu, konformi mas-sempliċità tal-ħajja monastika.

**EBDOMADARJU**: Il-Monaku li għal sebat ijiem ikun imissu jagħmel xi ħaġa fil-Monasterju.

Aktarx li din id-drawwa bdiet fid-deżert eġizzjan u ġiet aċċettata kważi minn kulħadd tul is-snin. San Benedittu jista' jagħti l-impressjoni li hija konnessa biss mas-servizz fil-kċina jew mas-servizz waqt l-ikel. Iżda, fil-fatt jissejħu hekk dawk kollha impenjati għal sebat ijiem f'biċċa xogħol fosthom il-qari waqt l-ikel, it-tindif, daqq tal-qanpiena eċċ.

Fl-Abbaziji/Monasterji l-kbar dan kollu għandu jseħħ, iżda f'oħrajn, (it-tindif, is-sajran, is-sagristija u l-Knisja) jitqabbdu lajċi, anki bi ħlas. Dan, l-aktar, minħabba nuqqas ta'

vokazzjonijiet u l-età avanzata tal-Monaċi. Illum, għalhekk, jisssejjaħ biss hekk, il-Monaku li jkun imissu jibda t-talb jew il-kant fil-Kor, waqt l-Uffiċċju Divin. Hija drawwa li ġimgħa tmiss naħa u ġimgħa n-naħa l-oħra tal-Kor.

**EBDOMADARJA**: L-istess. F'ħafna Abbaziji/Monasterji benedittini tas-Sorijiet, l-impenji ta' kull ġimgħa, forsi għadhom iktar regolari milli fost il-Monaċi, għaliex jieħdu ħsieb kollox huma. Għalkemm, anki s-Sorijiet, għar-raġunijiet ta' nuqqas ta' vokazzjonijiet u età qed jadekwaw ruħhom.

**ENCHIRIDION**: Enkiridju, kelma griega li tfisser iġġorru b'idejk, jew jinġarr bl-idejn. Mhux għajr ktieb (=manwal) b'ġabra fil-qosor ta' suġġett partikulari inkellha ġabra ta' prinċipji ta' xi duttrina b'għadd ta' osservazzjonijiet. Is-sentenza jew aħjar il-qawl, jinsab imniżżel letteralment kif jirreferi għalih San Benedittu (KAP. 7,61), f'ġabra ta' qwiel ta' SISTU filosofu pitagoriku (=dawk il-filosofi li kienu jqisu n-numru bħala l-bażi ta' kull ħaġa fid-dinja). Din il-ġabra ta' qwiel hija attribwita wkoll lill-Papa San SISTU II (257-258).

**EREMIT**: Min jiddeċiedi li jħalli warajh id-dinja u ġidu kollu u jmur jgħix għalih waħdu, jitlob u jimmedita kif ukoll jagħmel penitenżi u sagrifiċċji kbar. Spiss, kienu jgħixu f'postijiet imwarba, bħad-deżert.

San Benedittu ma jagħmilx wisq distinzjoni bejn EREMIT u ANAKORETA, anki jekk jippreferi dan tal-aħħar, għaliex jemmen, forsi wkoll b'esperjenza personali, li l-ħajja solitarja, li mhux bilfors tissejjaħ monastika, ħija iebsa ferm, u tassew ftit huma dawk li jirnexxilhom jgħixuha kif jixraq u b'impenn spiritwali.

Tul is-snin, diversi kienu l-Monaċi, anki Benedittini, li ppruvaw jgħixu ħajja ta' iżolament u ta' Klawsura stretta, iżda, ma komplewx; l-aktar, proprju minħabba x-xejra u minħabba l-kariżma nnifsu tar-Regola ta' San Benedittu. Il-ħajja ta' Eremit tirrekjedi vokazzjoni u ħeġġa speċjali. Illum, anki l-Kongregazzjoni Benedittina ta' Camaldoli, imwaqqfa minn San Romualdo ftit li xejn, għandha Monaċi, waħdiet li jippreferu l-eremitaġġ għall-ħajja ċenobitika. L-eremitaġġi kamaldolesi, sa snin ilu kienu l-bażi tal-vokazzjoni ewlenija biex wieħed jissieħeb din il-Kongregazzjoni.

F'dawn l-aħħar snin qabbad għeruqu sew grupp ta' Monaċi li jissejħu Eremiti Camaldolesi di Montecorona, li għalkemm iħaddnu u jgħixu ħajja monastika u ta' talb u jħarsu r-Regola ta' San Benedittu m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-Kongregazzjoni ta' Camaldoli. Dawn ukoll, tul il-ġurnata jalternaw ħinijiet ta' ħajja komunitarja.

**FAQAR**: Il-vot (sempliċi jew solenni) li jagħmel l-Monaċi u s-Sorijiet benedittini, li jiċċaħdu volontarjament minn kull l-iċken oġġett u ġid temporali. Fl-istess ħin jimpenjaw ruħhom biex li jużaw u lanqas jiddisponu minn xi ħaġa mingħajr il-permess tal-Abbati/Badessa.

Forsi dan il-vot jista' joħloq kontradizzjoni, meta jitqies il-ġid kollu li akkumulaw tul is-sekli, l-Abbaziji/Monasterji Benedittini. Iżda, dan, inkiseb l-aktar bl-għaraq u bl-għaqal tal-Monaċi permezz ta' ħidmiethom fid-diversi oqsma tal-ħajja. Fl-imgħoddi, mill-ġid tal-Benedittini, gawdew popli sħaħ għaliex, dejjem tqies, mhux bħala proprjetà personali, hekk saħaq aktar minn darba San Benedittu fir-Regola, iżda bħala tal-Komunità, li fl-imgħoddi, appuntu, kienu jagħmlu minnha, dawk kollha li kienu jgħixu madwar l-Abbazija/Monasterju u jiddependu minnhom.

**FEDERAZZJONI**: Għaqda ta' Abbaziji/Monasterji ta' Sorijiet (inkużi tal-Klawsura) tal-Ordni ta' San Benedittu, kemm jekk huma KONGREGATI li jkunu organikament flimkien, inkella IŻOLATI. L-Abbaziji/Monasterji Federati jżommu l-

awtonomija ġuridika tagħhom u jitmexxew mill-Badessi/Prijuri tagħhom. Filwaqt li jiddependu mis-Santa Sede huma taħt il-ħarsien tal-Ordinarju Djoċesan.

Il-Federazzjoni titmexxa minn KUNSILL FEDERALI magħmul minn Badessa bħala President Federali u għadd ta' Sorijiet Kunsillieri.

** Din hija lista tal-Federazzjonijiet differenti tas-Sorijiet Benedittini tal-Klawsura:*

ADORAZZJONI PERPETWA –
Franċiża, Ġermaniża, Innoċenz XI, Olandiża, Pollakka, Taljana.
ANNUNZJAZZJONI (tal-)
ANNUNZJAZZJONI (tal-) REĠINA TAL-APPOSTLI
BAVARJANA (tal-Bavarja)
BEURON (ta')
BRAŻILJANA
ĊELESTINA (taċ-Ċelestini)
CONO-SUR
INGLIŻA
KALVARJU (Sidtna tal-)
KAMALDOLIŻA
OLANDIŻA
OLIVETANA
PAĊI (Sidtna tal-)
POLLAKKA
QALB IMMAKULAT TA' MARIJA
SOLESMES (ta')
SPANJOLA – Galizja/Leon, Kastellana, Katalana, Pirenajka.
SUBLAĊENSI (ta' Subiaco) – Flandrija, Franċiża, Ingliża, Subiaco.
TALJANA – Italja ta' fuq, Italja tan-nofs/sud, Piceno/Marche t'isfel, Toskana, Umbria/Marche.
VALLOMBROŻANA
VITA ET PAX

**GIRGOR (SAN) IL-KBIR**: Meqjus bħala wieħed mill-Papiet ewlenin tal-Knisja. Imwieled fis-sena 540, minn familja sinjura, issejjaħ il-Kbir għall-ħidma li wettaq bħala Predikatur, Missjunarju, Monaku, Avukat u Amministratur tul il-Pontifikat tiegħu. Ommu, Silvja, u żewġ zijietu saru Qaddisin. Ta' 34 sena, ħalla warajh karriera brillanti ssieħeb mal-Monaċi ta' Sant'Andrija al Celio, li darba kien il-Palazz tiegħu, u li kien tah lill-Monaċi meta ħarbu minn Montecassino minħabba l-attakki mill-Longobardi. Wara tliet snin iżda l-Papa Pelaġju II sejjaħlu, ordnah Djaknu u ħatru Mibgħut Speċjali tiegħu. San Girgor, ħa miegħu għadd ta' Monaċi biex ikompli jgħix il-ħajja monastika. Hekk kif reġa' lura fis-sena 586 inħatar Abbati tal-Monasterju ta' Sant'Andrija. Imma dwar dan hemm min isostni li ma nħatarx immedjatament.

Fis-sena 589, Ruma, inħakmet mill-pesta u mietu ħafna nies, fosthom l-istess Papa Pelaġju. L-għada, San Girgor, ġie dikjarat Papa, iżda, irrifjuta u sa kiteb lill-Imperatur. Dan wara seba' xhur irnexxielu jikkonvinċih u jaċċetta li jiġi konsagrat fit-3 ta' Settembru 590. Kellu 50 sena. Minkejja li sar Papa xorta ried jibqa' jgħix il-ħajja sempliċi ta' Monaku. Huwa jibqa' magħruf għall-Kant Gregorjan li bis-saħħa tiegħu sar il-Kant ewlieni tal-Knisja. Iżda wkoll kien kittieb prolifiku, fassal Reġistri Amministrattivi u Pastorali, kiteb bosta Ittri (uħud minnhom għandhom konnessjonijiet ma' Malta). Huwa l-awtur tad-**Djalogi**, erba' volumi li beda jikteb fis-sena 593. It-tieni volum jew ktieb tad-*Djalogi* huwa dedikat lil San Benedittu. Ħidma oħra kbira konnessa mal-Ordni Benedittin hija l-evanġelizzazzjoni tal-Ingilterra. Miet fit-12 ta' Marzu, 604. Dak in-nhar stess indifen f'San Pietru.

Ara BENEDITTIN

**ĠRANET FESTIVI**: Il-Ħdud u l-Festi.

**ĠRANET ORDINARJI**: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa (jew ferjali)

**ILBIES**: Il-Monaċi tal-bidu, speċjalment dawk fid-deżert ma tantx kienu jħabblu rashom wisq x'jilbsu. Iżda San Benedittu, ried li l-Monaċi jilbsu l-istess, mingħajr lussu żejjed, imma diċenti. Ried li mhux biss ikollhom tibdila, imma wkoll li jingħataw ħwejjeġ tajbin u aħjar minn dawk ta' kuljum meta jkollhom joħorġu barra mill-Monasterju.

Jinsisti li l-Monaċi m'għandhomx jivvjaġġaw mingħajr *femoralia*, li fit-traduzzjoni sejjaħnilhom qliezet ta' taħt. L-għan kien jew minħabba modestja reliġjuza u prudenza lejn il-barranin imma wkoll neċessità għaliex spiss kienu jivvjaġġaw biż-żwiemel. L-impressjoni li nieħdu anki mir-Regola hi li ma kienux jintuzaw dejjem. Fil-fatt l-użu tagħhom kien ivarja minn Monasterju għall-ieħor. F'Montecassino kien hemm min jippreferi jilbishom, f'oħrajn kienu pprojbiti, filwaqt li fi Cluny, kienu jintlibsu kważi minn kulħadd.

Ma kienx faċli tagħmel it-traduzzjoni ta' *pedules* u *caligas* li sejjaħt kalzetti u żraben biex niftiehem fi kliem tal-lum. *Pedules*: hemm min jgħid li kienu bħal biċċa drapp li biha kienu jgeżwru l-pali u l-għonq tas-saqajn; oħrajn tal-fehma li kienu forma ta' sandli. *Caligas*: l-istess imma b'qiegħ iebes u li kienu jintrabtu bi qfieli sa taħt l-ikoppa, tat-tip li kienu jużaw is-suldati. Jista' jkun li tal-ewwel kienu jintużaw għall-ġewwa filwaqt li tat-tieni għax-xogħol fl-għelieqi jew għall-ivvjaġġar. Mhux eskluż lanqas bħalma jsostnu oħrajn li għal San Benedittu *pedules* kienu jintlibsu bil-lejl u *caligas* għal bin-nhar jew għax-xogħol.

L-ilbies tal-Monaku baqa' kif deskritt fir-Regola: iċ-ċoqqa b'ċinturin tal-ġild jew tad-drapp, l-iskapular bil-barnuż, il-kukulla, kalzetti u żraben.

Ġeneralment, il-Monaċi jilbsu l-iswed; hemm min jilbes l-abjad biss, inkella jilbsu ċ-ċoqqa bajda u l-iskapular iswed bħaċ-Ċisterċensi, iċ-Ċertożini u t-Trappisti li fosthom hemm min jilbes il-griż. Kulħadd mbagħad jilbes ħwejjeġ ta' għamla u kulur differenti għax-xogħol jew għal xi attivitajiet oħra (illum, spiss jilbsu pajżan, speċjalment għax-xogħol). Il-ħxuna u l-irquqija tad-drapp, dan jgħodd ukoll għas-Sorijiet benedittini kollha, jiddependu mill-klima tal-pajjiż jew il-lokalità.

L-ilwien, kif rajna, jistgħu jkunu differenti, iżda l-għamla tal-ilbies, l-istess għajr xi affarijiet żgħar bħall-użu tal-kullar abjad, tad-drapp jew tat-tertuqa/tal-plastik. Il-Kongregazzjoni Nġliza baqgħet tuża l-barnuż tradizzjonali magħruf, popolarment, bħala *elephant ears*, għaliex għandu bħal żewġ pavri wiesgħin imdendlin fuq l-ispallejn. Kien hemm min juża l-mantar għax-xitwa u għad hawn min jilbes kowt iswed għal barra. Ovvjament, żdiedu l-hwejjeġ ta' taħt, il-qomos u l-flokkijiet u kull tip ta' kalzetti, żraben u sandlijiet li saru parti essenzjali mill-ħwejjeġ li għandu jkollu l-Monaku. Barra minn hekk, meta jivvjaġġjaw, anki l-Monaċi jilbsu l-*Clergyman*.

Ftit li xejn hu magħruf dwar l-ilbies tas-Sorijiet benedittini, speċjalment tal-bidu. Aktarx imma li d-differenza bejnhom u s-Sorijiet l-oħra, għajr forsi, għal dawk tal-Klawsura ma kinetx kbira wisq. L-għamla tal-ilbies iktar kienet tiddependi mil-livell jew l-importanza tal-Abbazija/Monasterju, u l-idejat tal-Protettur tagħhom jew mid-drawwiet tal-pajjiż, inkella mill-ispirtu tar-Regola.

Bir-riformi li saru, anki s-sorijiet benedittini, inklużi dawk tal-Klawsura naqqsu ħafna mill-ilbiesi li kellhom. Għalhekk, apparti s-*soggolo* u l-velu ma rashom, li llum ma tantx baqgħu jintlibsu mis-Sorijiet l-oħra, is-Sorijiet benedittini, kollha, jilbsu wkoll bħall-Monaċi: iċ-ċoqqa, l-iskapular u l-kukulla, li huma tal-istess għamla, għal kulħadd.

Dwar l-ilwien, is-Sorijiet benedittini, ma jidhirx li għandhom wisq differenzi. Il-parti l-kbira, jilbsu l-iswed u ftit huma dawk li jilbsu l-abjad bħall-Olivetani jew fejn il-klima huwa sħun ħafna, bħall-Afrika.

Ara ĊINTURIN
ĊOQQA
KUKULLA
SKAPULAR
SOGGOLO
VELU

**IŻOLAT**: Abbazija/Monasterju awtonomi taħt it-tmexxija ta' Abbati/Badessa li ma jiddependux minn Abbati/Badessa Ġenerali jew President u jkunu taħt il-ħarsien speċjali tal-Ordinarju Djoċesan (l-Isqof tal-post). Ta' min jgħid li l-Isqof tal-post dejjem għandu dritt u dmir li jħares u jara, kif stabbilit fil-Liġi l-Ġdida tal-Knisja, li l-Monaċi/jew is-Sorijiet qed jgħixu tassew il-ħajja spiritwali u monastika.

Il-parti l-kbira tal-Abbazija/Monasterju benedittini IŻOLATI, huma dawk tas-Sorijiet, fosthom il-**Monasterju ta' San Pietru – Mdina u ta' Santa Skolastika – Il-Birgu**. Kien għalhekk li, forsi, speċifikament l-Abbaziji/Monasterji tas-Sorijiet tqassmu fi tliet kategoriji:

1) KONGREGATI = organikament bħala grupp flimkien taħt forma kongregazzjonali.
2) ASSOĊJATI = isiru parti sħiħa minn Ordni jew Kongregazzjoni monastika jew Abbazija/Monasterju ta' Monaċi.
3) IŻOLATI = li jibqgħu għar-rasħom ukoll jekk jagħmlu parti minn Federazzjoni.

Dan l-aħħar tniedew studji profondi, u serji ħafna, għaliex għalkemm fl-imgħoddi seta' kien ta' vantaġġ u tajjeb, għas-sitwazzjoni u ċ-ċirkustanzi ta' dak iż-żmien illum, il-fatt li tkun IŻOLAT joħloq biss diffikultajiet. Assolutament mhux vijabbli anzi assurd li ma' jkun hemm ebda tip ta' komunikazzjoni bejn dawn l-Abbaziji/Monasterji IŻOLATI; ebda bdil ta' idejat, ta' persuni jew għajnuna mqar spiritwali; la qsim ta' ġid jew kollaborazzjoni f'xi attivitajiet; kulħadd jaħseb għar-rasu anki f'dawk li huma vokazzjonijiet. Għalhekk, spiss l-Abbażiji/Monasterji jisfaw iżolati fil-veru sens tal-kelma. B'hekk jisfaw fix-xejn u jispiċċaw biex jagħlqu.

Ara AWTONOMIJA
MONASTERJU

**KASSJANU ĠWANN**; (†432) kien fost l-iktar li ħadem biex il-ħajja u l-ispiritwalità monastika, jinfirxu kemm fil-Lvant kif ukoll fil-Punent. Żagħżugħ, issieħeb f'wieħed mill-Monasterji ta' Betlem u wara seba' snin jgħix ħajja fid-deżert, fl-Eġittu, ġie ordnat Djaknu minn San Ġwann Krisostomu. Imkeċċi minn Kostantinopli, mar Ruma, għal sentejn. Wara, mar Marsilja fejn waqqaf żewġ Monasterji fosthom dak ta' San Vitor.

San Benedittu, fir-Regola, iħeġġeġ diversi drabi, biex il-Monaci, jaqraw u jimmeditaw fuq il-kitbiet ta' Kassjanu. Dan il-Monaku, u Axxeta kbir, kiteb 24 *Conlationes* (Kontribuzzjonijiet jew kitbiet spiritwali jew Konferenzi) u fi 12-il ktieb ġabar dak li jista' jissejjaħ manwal ta' ħajja monastika, il *De Institutis Ceonobiorum* (Xejriet spiritwali monastiċi) magħrufa wkoll bħala *Institutiones* jew *Instituta* (Istituzzjonijiet).

San Benedittu stess għamel tiegħu mhux biss il-ħsieb iżda ġieli uża sentenzi jew kliem, ta' Kassjanu.

**KLAWSURA**: L-inħawi, fl-Abbazija/Monasterju fejn ma jistgħux jidħlu persuni tas-sess oppost. Illum, hija limitata għall-parti nterna tal-Abbazija/Monasterju fejn jabitaw il-Monaċi jew is-Sorijiet benedittini.

Il-Klawsura mhux għal kulħadd l-istess. Il-Monaċi benedittini, għajr għall-Eremiti, iċ-Ċertożini u t-Trappisti, iħarsu biss, Klawsura limitata.

Il-parti l-kbira tas-Sorijiet Benedittini jħarsu *Klawsura Papali* u ma jistgħu joħorġu mill-Abbazija/Monasterju tagħhom mingħajr raġunijiet speċifiċi u straordinarji. Daż-żmien, minħabba ċerti esiġenzi: qadi ta' dmirijiet pubbliċi, kura fi sptar, vista għand speċjalista, żjajjar għand tal-familja, u bżonnijiet partikulari oħra sar biżżejjed il-permess tal-Badessa. F'kaz ta' Monasterju IŻOLAT, anki biex persuna tidħol fil-Klawsura, il-Badessa trid tinforma lill-Ordinarju Djoċesan, jiġifieri lill-Isqof. Għall-bżonnijiet straordinarji jew fit-tul għadu meħtieġ il-permess tas-Santa Sede.

Ara SORU BENEDITTINA

**KNISJA**: Il-post fejn isir it-talb flimkien fl-Abbazija/Monasterju. Tista' tkun pubblika jew semi/pubblika u f'dan il-każ tiddependi mill-Isqof Djoċesan. Tista' tkun privata, għalkemm ġieli tkun frekwentata minn persuni oħra.

Fit-traduzzjoni użajt KNISJA minkejja li fir-Regola tintuża l-kelma *Oratorium* = ORATORJU (post għat-talb). Dan biex ma ssirx konfużjoni minħabba li bil-Malti b'*Oratorju* spiss nifhmu ħaġa oħra u ħafna drabi huwa post li jintuża għal kollox minbarra għat-talb. Stajt użajt KAPPELLA, imma din hija iktar ristretta u privata, filwaqt li llum anki s-Sorijiet tal-Klawsura qed joħorġu fil-Knisja biex jgħidu l-Uffiċċju Divin u jieħdu sehem fil-Liturġija.

Ara ORATORJU

**KONFEDERAZZJONI**: L-għaqda tal-parti l-kbira tal-Kongregazzjonijiet (fergħat), ta' Monaċi, tal-Ordni ta' San Benedittu. Din bdiet fl-1893, b'digriet tal-Papa Ljun XIII. Il-Konfederazzjoni titmexxa mill-Abbati Primat.

**Din hija lista tal-Kongregazzjonijiet Konfederati, illum. L-ordni huwa skont dak tas-sħubija. Fil-ġenb id-data tat-twaqqif tal-Kongregazzjoni.*

| | |
|---|---|
| CASSINESE (ta' Montecassino) | 1408 |
| INGLIŻA* | 1336 |
| UNGERIŻA | 1514 |
| SVIZZERA | 1602 |
| AWSTRIJAKA | 1625 |
| BAVARJANA | 1684 |
| BRAŻILJANA | 1835 |
| TA' SOLESMES | 1837 |
| CASSINESE AMERIKANA | 1855 |
| SUBLAĊENSI (ta' Subiaco) | 1851 |
| TA' BEURON | 1863 |
| SVIZZERU – AMERIKANA | 1881 |
| OTTILJENSI (ta' Sant' Ottilja) | 1884 |
| TAL-ANNUNZJAZZJONI | 1920 |
| SLAVONIKA | 1945 |
| OLIVETANA | 1344 |
| VALLOMBROŻANA | 1090 |
| KAMALDOLIŻA | 1074 |
| OLANDIŻA | 1969 |
| SILVESTRINA | 1247 |
| SUD AMERIKANA 'CONO-SUR' | 1976 |

*IL-KONGREGAZZJONI BENEDITTINA NGLIŻA hija l-eqdem waħda għaliex baqgħet fis-seħħ ċerta kontinwità Kanonika li tmur lura għas-seklu X. Ta' min iżid li l-ewwel Monasterji Benedittini fl-Ingilterra jmorru lura għas-seklu VII. Madankollu, il-preċedenza tingħata lill-KONGREGAZZJONI CASSINESE minħabba fir-rabta ta' Montecassino fejn San Benedittu bena l-ewwel Monasterji u ta bidu formali għall-ħajja monastika benedittina.

Imsieħba mal-Konfederazzjoni hemm ukoll ħames Monasterji ndipendenti.

Ara KONGREGAZZJONI

**KONGREGAZZJONI**: Fergħa tal-Ordni Benedittin iżda wkoll għadd ta' Abbaziji/Monasteri benedittini li jingħaqdu flimkien, iħarsu r-Regola ta' San Benedittu u jkollhom l-istess Kostituzzjonijiet.

Kongregazzjoni Benedittina tista' tħaddan fiha Monaċi biss jew Monaċi u Sorijiet inklużi dawk tal-Klawsura.

Fis-seklu XIII, il-Konċilju tal-Lateran IV (1215) kompla saħħaħ l-Ordni Benedittin bit-twaqqif ta' Kongregazzjonijiet jew fergħat nazzjonali tal-Ordni kif wkoll it-tnedija tal-ewwel Kapitli Provincjali.

Waħda mir-riformi l-kbar tal-Ordni Benedittin wara dik ta' Cluny (seklu X), seħħet fis-seklu XV permezz tal-Kongregazzjoni ta' Santa Ġustina (*Congregazione dell' Unita'* ossia *Osservanza di Santa Giustina*) li minnha żvilupat il-Kongregazzjoni Cassinese. L-evoluzzjoni monastika għamlet passi 'l quddiem speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mat-tmexxija u ordinament monastiku. Għalhekk il-Kapitlu Ġenerali beda jitqies bħala l-ogħla awtorità immexxi minn Abbati Ġeneral jew President b'setgħat fuq il-Kongregazzjoni.

L-isforzi kollha li saru kienu waslu biex kważi jispiċċaw fix-xejn minħabba t-taqlib reliġjuż li seħħ fl-Ewropa fis-seklu XVI. Il-Konċilju ta' Trento (1543–1563) kien determinanti biex l-Abbaziji/Monasterji jerġgħu jingħaqdu bejniethom u b'ħeġġa spiritwali mill-ġdid u dixxiplina jgħixu l-kariżma tal-Patrijarka San Benedittu. U b'hekk l-Ordni Benedittin reġa' beda jitqies bħala xempju u bażi essenzjali għall-perfezzjoni spiritwali. Mudell, insomma, għall-Istituzzjonijiet Reliġjużi l-oħra kollha.

Ta' min jgħid li tul is-snin nibtu u żviluppaw u taw kontribut kbir għall-Monakiżmu benedittin, Kongregazzjonijiet u Movimenti benedittini li llum m'għadhomx jeżistu. Sfortunatament, fost l-ewlenin il-magħruf Moviment riformist benedittin ta' Cluny li ferrex l-idejal tiegħu mal-Ewropa kollha; il-Kongregazzjoni Fruttwarjensi; ta' Sassovivo; ta' Pulsano (interessanti ħafna li l-Monaċi u s-Sorijiet pulsanensi kienu magħrufin bħala l-*iskalzi*); iċ-Ċelestini li baqgħu jissemmgħu wkoll għaliex il-fundatur tagħhom San Pietru ta' Morrone (Papa Ċelestinu V) iktar magħruf, forsi, għax kien l-ewwel Papa li rriżenja fl-istorja tal-Knisja; il-Kongregazzjoni ta' San Mawru jew Mawrini u dik ta' Meleda.

Mhux il-Kongregazzjonijiet, Abbaziji/Monasterji benedittini kollha huma msieħba mal-Konfederazzjoni.

Ara KONFEDERAZZJONI

**KONSTITUZZJONIJIET**: Sensiela ta' regolamenti, li jridu jiġu appruvati mis-Santa Sede, ibbażati fuq ir-Regola, il-Liġijiet tal-Ordni Benedittin u l-Liġi tal-Knisja li fuqhom titmexxa Abbazija/Monasterju jew Kongregazzjoni Benedittina. Fil-Kostituzzjonijiet hemm deskritti s-setgħat abbazjali, il-ħatiret, l-obbligi u d-drittijiet tal-Komunità, l-imġiba, kif ukoll regolamenti jew direttivi prattiċi oħra biex tissaħħaħ l-għaqda fi ħdan il-Komunità u titkattar il-ħajja spiritwali u monastika permezz tal-ħarsien tar-Regola.

Il-klawsoli tal-Kostituzzjonijiet jistgħu jitneħħew, jinbidlu jew jiġu aġġornati. Iżda, kull tibdil, iseħħ biss, bl-approvazzjoni tas-Santa Sede.

Xi Abbaziji/Monasterji jew Kongregazzjonijiet, minflok Kostituzzjonijiet jużaw il-kelma DIKJARAZZJONIJIET. Ġieli mbagħad, hemm min, minbarra l-Kostituzzjonijiet

ifassal ukoll ġabra ta' regolamenti prattiċi jew osservazzjonijiet li jgħinu fit-tmexxija aħjar tal-ħajja ta' kuljum u li jissejjaħ DIRETTORJU.

Ovvjament, il-ħarsien tar-Regola, permezz tal-Kostituzzjonijiet huwa biżżejjed biex Monaku jew Soru benedittina jgħixu l-milja tal-ħajja tagħhom f'għaqda sħiħa ma' Alla fi ħdan il-Klawsura tal-Abbazija/Monasterju tagħhom, u jissaħħu fit-triq li għad trid twassalhom għall-perfezzjoni.

**KUKULLA**: Libsa wiesa', bil-barnuż, bi kmiem wiesgħin ukoll u li tibqa' nieżla sal-għarqub. Aktarx tkun lixxa iżda ġieli jkollha wkoll xi pjiegi li jitilqu minn mal-għonq.

Ġejja mill-kelma Latina *cucullus,* dak il-barnuż li s-soltu kien jintlibes mill-bdiewa u mit-tfal. Mhux eskluż, għalhekk, li San Benedittu ried jirreferi għal xi forma ta' libsa bil-barnuż, u għalhekk *Cuculla*. Forsi, kienet diġà tintuża minn Monaċi oħrajn. Sfortunatament ma teżistix deskrizzjoni tagħha, u jista' ikun, forsi, li lanqas fl-għamla ma kienet xorta għal kulħadd. Skont l-istudjużi u l-esperti, aktarx li kienet wiesa', lixxa u magħluqa minn kullimkien u kienet tibqa' nieżla ħaġa waħda sal-irkobbtejn jew sal-għarqub. Maż-żmien, sarulha żewġt ixquq fil-ġnub biex l-idejn ikunu iktar liberi u iktar tard twaħħlulha żewġt ikmiem wiesgħin. L-għamla tal-barnuż ukoll, inbidlet kemm il-darba skont iż-żmien, iċ-ċirkustanzi u d-drawwiet. L-għamla tal-kukulla kif inhi llum tmur lura għar-riforma ta' Cluny fis-seklu X.

Il-kukulla, tintlibes fuq iċ-ċoqqa, fil-Kor, waqt l-Uffiċċju Divin, fis-solennitajiet u waqt il-funzjonijiet liturġiċi l-oħra, fosthom il-Quddiesa Konventwali: il-quddiesa li ssir kuljum f'ħin stabbilit mill-Abbati/Badessa, għall-Komunità kollha.

Fl-imgħoddi l-kukulla kienet il-libsa waħdanija tal-Monaku. Illum, iżda, għallkemm l-użu tagħha ġie limitat għall-Liturġija, xorta waħda, titqies bħala l-libsa karatteristika tal-Monaċi u tas-Sorijiet beneditini.

Kif titlob ukoll ir-Regola, is-soltu il-Monaku jkollu żewġ kukulli waħda għax-xitwa, tad-drapp oħxon u oħra għas-sajf, tad-drapp irqiq, għalkemm, bħalma jisħaq San Benedittu wkoll: *l-ilbies tal-Monaċi irid ikun adattat għall-ambjent u l-klima ta' fejn jgħixu*. (KAP. 55,1). Għalhekk, f'dawk il-pajjiżi fejn is-sħana hija kbira, l-Abbati/Badessa, jistgħu jagħtu permess biex ma tintlibisx. Bħal fil-każ taċ-ċoqqa, anki għall-vjaġġi San Benedittu jrid li l-Monaċi jkollhom kukulla tajba.

Il-lewn tal-kukulla huwa abjad jew iswed. Interessanti imma li dawk li jilbsu abjad u iswed kif ukoll bosta minn fost dawk li jilbsu l-iswed, il-kukulla tagħhom hija ta' lewn abjad.

Dan li għidna jgħodd għas-Sorijiet benedittini wkoll, għajr li l-kukulla tagħhom bla barnuz.

**KUNSILL**: L-Abbati kull meta jidhirlu u biex jiddiskuti jew jieħu deċiżjonijiet importanti jlaqqa' lill-Monaċi. Hekk hemm miktub fir-Regola, imma, llum hemm disposizzjonijiet oħrajn li tħaddnu mill-Benedittini kollha Monaċi u Sorijiet. Dan l-ezerċizzju, meta jitqies ukoll li l-livell ta' edukazzjoni kiber ħafna u l-esiġenzi nbidlu u l-problemi żdiedu, sar ferm aktar meħtieġ, biex kulħadd jagħti s-sehem sħiħ tiegħu fir-responsabbilità u t-tmexxija tal-Abbazija/Monasterju flimkien mal-Abbati/Badessa, anki jekk il-kelma tal-aħħar, f'ċertu sens għadha tal-Abbati/Badessa.

Kien hemm żmien, kemm fis-sekli bikrija tal-Monakiżmu Benedittin, kif ukoll wara li sfat fix-xejn ir-riforma ta' Cluny, li l-Kunsilli fl-Abbaziji/Monasterji kienu dominati mill-Imperaturi, Rejiet, Prinċpijiet, familji nobbli u sinjuri, kif ukoll minn Isqfijiet jew Abbatijiet/Badessi bla skrupli. Bit-tmiem tas-setgħa lajka fuq il-Knisja, kif ukoll bis-saħħa tar-riformi kbar fl-istess Knisja u fi ħdan il-Monakiżmu Benedittin, anki l-Kunsilli fl-Abbaziji/Monasterji nagħtaw dimensjoni u ordinament ieħor. Dan sar biex jiġu evitati ċerti

abbużi u aktar ma għaddew is-snin, f'xi ċirkustanzi, ġew limitati u qed tiżdied il-ħidma biex ikomplu jonqsu, sa fejn hu possibbli, u dejjem fir-rispett tar-Regola, is-setgħat abbazjali.

Skont ir-Regola u t-Tradizzjoni monastika hemm żewġ tipi ta' KUNSILLI: Il-Kunsill tal-Abbati/Badessa, u l-Kunsill tal-Monaċi/Sorijiet benedittini. Il-Kunsill tal-Abbati/Badessa huwa magħmul, ġeneralment, minn Monaċi/Sorijiet anzjani. L-għan hu biex jgħinu u jagħtu pariri lill-Abbati/Badessa dwar tmexxija u spiritwalità monastika kif wkoll fuq ħwejjeġ u problemi urġenti. Is-soltu jkun magħmul minn erba' Monaċi/Sorijiet: tnejn jinħatru mill-Abbati/Badessa u wieħed/waħda minnhom ikunu l-Pirjol/Prijura. It-tnejn l-oħra jinħatur mill-Komunità.

Fil-Komunitajiet iż-żgħar dan il-Kunsill ma jinħatarx.

Hemm mbagħad, il-Kunsill tal-Monaċi/Sorijiet, magħruf ukoll bħala *KAPITLU KONVENTWALI*, għaliex fih jieħdu sehem attiv il-Monaċi/Sorijiet benedittini li jkunu għamlu l-Professjoni Solenni. Fil-laqgħat ta' dan il-Kunsill li jiġi stabbilit mill-Kostituzzjonijiet kull meta għandhom isiru, jittieħdu d-deċiżjonijiet l-aktar importanti jew biex isir xi tibdil fi ħdan il-Komunità. Il-Kunsill tal-Monaċi/Sorijiet benedittini jissejjaħ mill-Abbati/Badessa u fil-Komunitajiet iż-żgħar mill-Pirjol/Prijura jew Superjur/a. Primarjament, l-għan tal-Kunsill huwa *KONSULTIV* (=jintalab parir).

Għar-raġunijiet, iżda, li semmejna aktar 'l fuq u bis-saħħa tal-Liġi tal-Knisja u l-Ordinament Monastiku, f'ċertu każi partikulari u determinati, speċifikati fil-Kostituzzjonijiet il-vot tal-Monaċi/Sorijiet benedittini, jieħu xejra oħra u jissarraf f'wieħed *DELIBERATTIV* (=li jorbot) anki lill-Abbati/Badessa, mingħajr ma jxekkel, iżda, l-awtorità sħiħa tagħhom, prevista fir-Regola.

Fil-Komunità jista jitnieda KUNSILL ĠENERALI għall-ħatra tal-Abbati/Badessa. Għal ċirkustanzi gravi u ta' mportanza kbira, jitnieda KUNSILL STRAORDINARJU. F'dawn iż-żewġ każi, fil-Monasterji Iżolati, jippresjedi l-Ordinarju Djoċesan (l-Isqof).

Ara ABBATI<br>BADESSA

**LECTIO DIVINA**: Il- qari komunitarju (=fil-preżenza ta' kulħadd) aktarx fil-Knisja, ta' silta mill-Kotba Mqaddsa. Il-qari jsir bil-mod b'mumenti ta' skiet għall-meditazzjoni, kważi taħt forma ta' talb.

**MAĦŻNIER**: Fit-traduzzjoni ippreferejna nużaw din il-kelma maltija biex infissru dak li hu effettivament iċ-ĊELLERARJU u nikkwalifikaw xogħolu.

Fl-istruttura ċenobitika kif proposta minn San Benedittu, il-MAĦŻNIER, għandu ħafna mportanza. Il-ħatra tiegħu m'għandhiex x'taqsam mal-ħatriet l-oħrajn anzi tista' tixxebbaħ mal-ħatra Abbażjali fir-relazzjoni mal-Komunità monastika. Il-MAĦŻNIER, bħall-Abbati, għandu għadd ta' obbligi x'jaqdi bid-differenza forsi li jrid iħares iktar il-ħwejjeġ materjali tal-Komunità. Pero', fir-Regola, huwa ċar li jrid jagħmel kollox fi spirtu ta' karità.

IL-MAĦŻNIER, huwa l-Monaku li bis-saħħa tal-ħatra tiegħu jista' jixtri u jaħżen affarijjiet tal-ikel, kif wkoll ħwejjeġ u oġġetti essenzjali oħra għall-ħajja ta' kuljum u anki oġġetti għall-bżonnijiet mhux tas-soltu. Hemm min isejjaħlu Dispensier jew Ekonomu. Prattikament huwa dak li fi kliemna jista' wkoll jissejjaħ AMMINISTRATUR. Huwa il-Monaku MAĦŻNIER li minbarra l-ordnijiet li jsiru irid jiehu ħsieb il-kontijiet, id-dħul u l-ħruġ u dak kollu li għandu x'jaqsam proprju mal-amministrazzjoni tal-ġid tal-Monasterju.

Fi ftit kliem il-MAĦŻNIER irid jara li bil-moderazzjoni u d-diskrezzjoni kif jitlob l-ispirtu evanġeliku, il-Komunità monastika ma jkun jonqosha xejn.

**MISTEDNIN**: Dawk kollha li jżuru l-Abbazija/Monasterju. Fl-imgħoddi ħafna kienu l-pellegrini, li fil-vjaġġi tagħhom kienu jsibu kenn, ġieli għal ftit jiem, f'xi Abbazija/Monasterju. San Benedittu jiddedika kapitlu sħiħ dwar kif għandhom jintlaqgħu u x'għandha tkun l-imġiba tal-Komunità magħhom. Il-mistieden jistħoqqlu dejjem rispett.

Diversi Abbaziji/Monasterji llum qed jiftħu l-bibien tagħhom u jippermettu, anki jekk b'ċerta diskrezzjoni li lajċi jgħaddu xi ġranet jew jagħmlu esperjenza spiritwali fi ħdan il-Komunità Monastika.

**MONAKU**: Ġejja mill-grieg *monos* = waħdu. Huwa dak, li jiddeċiedi li jmur jgħix għalih waħdu jew flimkien ma' oħrajn u jgħix ħajja ta' talb u meditazzjoni.

Bil-Malti, *RAĦEB*. Iżda, ippreferejt nuża l-kelma MONAKU biex ma nitbiegħedx mit-tifsira oriġinali griega tagħha. Barra min hekk f'kitbieti fuq il-Benedittini u l-Monakiżmu dejjem użajt MONAKU u ndunajt bi pjaċir, li hemm oħrajn li qed jużawha wkoll. Mbagħad, ippreferejt MONAKU wkoll għaliex *RAĦEB* hija ġenerali wisq u bil-Malti toqgħod għall-Patrijiet kollha li jgħixu f'Kunvent bħal Komunità.

Sa mill-medjoevu l-kelma MONAKU bdiet tiddistingwi esklużivament lill-Benedittini jew dawk li jħaddnu r-Regola ta' San Benedittu, għaliex prattikament kull Ordni jew Moviment Monastiku ħaddan ir-Regola Benedittina. Riedet ukoll issir distinzjoni ċara mill-Movimenti u l-Ordnijiet Reliġjużi l-oħra kollha (Franġiskani, Dumnikana eċċ.) li ħafna minnhom nibtu proprju f'mumenti ta' kriżi jew waqt żmien ta' riforma tal-Ordnijiet Monastiċi. Illum, id-distinżjoni fl-isem hija aktar meħtieġa minħabba ż-żjieda fil-Kongregazzjonijiet jew gruppi Reliġjużi moderni.

Jissejjaħ MONAKU benedittin dak li wara ż-żmien tat-tħejjija permezz tan-Novizzjat, jagħmel il-Professjoni Monastika u wara ċertu snin jissiġilla l-voti tiegħu għal dejjem bil-Professjoni Solenni. Għalhekk, ġiet evitata darba għal dejjem dik id-differenza li ġieli ħolqot problemi fi ħdan il-Komunità monastika, bejn il-Monaċi Korali u l-Monaċi Konversi (li fil-prattika spiss kienu jitqiesu bħala sefturi). Il-Monaċi benedittini, f'dan is-sens, huma kollha ndaqs, skont l-ispirtu tar-Regola.

Fost il-Monaċi, hemm min hu Saċerdot. Illum, min isir Monaku jkompli jistudja biex isir Saċerdot. Fil-Bidu ma' kienx hekk għaliex il-Monaċi kienu kollha lajċi, inkluż l-Abbati. Kienet teżisti separazzjoni sħiħa bejn Saċerdozju u Monakiżmu għax effettivament huma żewġ rejaltajiet distinti. Spiss, kienu l-istess Monaċi li jirrifjutaw li jirċievu l-Ordni Sagri, għaliex kienu jħossu li d-dinijità saċerdotali kienet unur mhux kompatibbli mal-ispirtu ta' umiltà li huma kienu jipprofessaw kif ukoll minħabba l-fatt li l-missjoni ta' Saċerdot titlob impenn sħiħ mal-ambjent ta' barra l-Monasterju. Mill-banda l-oħra, il-Komunità monastika bilfors kellha tirrikorri għand xi saċerdot l-aktar minħabba fl-amministrazzjoni tas-Sagramenti, ħaġa li mhux dejjem kienet possibbli, għax il-Kleru ġieli ma kienx ikun disponibbli. San Benedittu għalhekk, anki f'dan il-qasam jista' jitqies bniedem ta' qabel żmienu għaliex mhux biss jippermetti li Saċerdot jissieħeb mal-Komunità monastika, iżda wkoll li xi Monaku jiġi ordnat Saċerdot. Naturalment jagħmilha ċara, li tkun Saċerdot ma jfissirx xi prerogativa biex tkun Abbati u għaldaqstant tmexxi Monasterju.

Kategorija oħra hija dik tal-MONAĊI OBLATI, li ġieli jkunu wkoll Saċerdoti. Id-differenza hi li ma jagħmlux il-Professjoni, iżda, huma obbligati daqs l-oħrajn li jħarsu r-Regola u jgħixu l-ħajja komunitarja.

Illum ftit huma dawk li jgħixu f'Abbazija/Monasterju bħala MONAĊI LAJĊI.

San Benedittu, fir-Regola, jirreferi għal diversi TIPI ta' Monaċi.

Ara ANAKORETA
ĊENOBITA
SARABAJTA
XEWLIEĦA

**MONASTERJU**: Tissejjaħ hekk kull dar fejn hemm Monaċi/Sorijiet benedittini.

F'kull Monasterju, li normalment huwa *sui juris* (awtonomu), jgħixu abitwalment, mhux inqas minn sitt Monaċi Professi. Monasterju, jitmexxa minn Pirjol Konventwali, dment li bi dritt jew privileġġ ma jkunx intitulat li jitmexxa minn Abbati.

Monasterju tas-Sorijiet Benedittini tal-Klawsura, is-soltu jitmexxa minn Badessa. Jitmexxa minn Prijura jekk ma jkollux bi dritt it-titlu abbażjali. Ġieli wkoll, jekk ikun jiddependi minn Abbazija jew Monasterju tal-istess fergħa (Kongregazzjoni) monastika.

Mhux faċli li wieħed jiddefinixxi eżattament l-istruttura ta' Abbazija/Monasterju għaliex kollha nbnew, b'għan u daqs konness mal-lokalità u aktarx skont iċ-ċirkustanzi. Dan mhux faċli llum, aħseb u ara jekk niġu biex nitkellmu fuq strutturi u bini tal-imgħoddi, speċjalment, ta' żmien San Benedittu, għaliex baqa' ftit li xejn. Madankollu wieħed jassumi li kien jikkonsisti f'Dormitorju jew ċellel, ir-Refettorju, il-Kċina, bini għall-mistednin u l-Knisja jew Oratorju. Imma, diġà fi żmien l-Imperatur Karlu Manju, il-Monasterji saru kumplessi fil-veru sens tal-kelma, għaliex filwaqt li żiedu l-ġid li kellhom, l-aktar artijiet u possedimenti oħra nbidel ukoll is-sehem tagħhom fi ħdan is-soċjetà li bdiet tinġabar madwarhom. Għaldaqstant bdew jinbnew il-Kjostri bli skop ewlieni li jiffaċilitaw il-kontemplazzjoni; il-Librerija jew iktar minn waħda, għall-istudju u għall-qari mhux biss tal-kotba spiritwali; li *SCRIPTORIA* fejn kienu jinkitbu dawk il-kotba sbiħ spiss imżewqa b'minjaturi mill-ifjen, iżda wkoll il-post fejn ġew ikkupjati mill-ġdid għexieren ta' eluf ta' manuskritti prezzjużi u antiki. Maż-żmien żdiedu l-ħwienet tal-artiġjanat kif ukoll l-imtieħen, il-gallinari, l-istallel, l-ifran, fejn jingħasar u jsir l-inbid, jew fejn issir il-birra. Infetħu stamperiji u skejjel u l-Abbaziji/Monasterji nbidlu, forsi, iktar f'ċenti kulturali u ta' snajja', f'ċentri fejn il-popolazzjoni tal-idwar kienet iktar issib il-ħobżna ta' kuljum milli dik l-ispiritwalità deskritta fir-Regola. Naturalment dan jista' jingħad għall-Abbażiji/Monasterji l-kbar, li ma kienux il-maġġuranza, fejn minbarra l-Monaċi li kienu numerużi, kien hemm ukoll għadd ta' ħaddiema lajċi, li mhux bilfors kienu jgħixu fil-Klawsura, imma kienu jiddependu mill-Monaċi kemm għall-għajxien kif ukoll għad-difiża tagħhom.

Illum, għad hawn Abbażiji/Monasterji kbar u wħud minnhom għad għandhom ukoll artijiet u possediment varji. Iżda, in-nuqqas ta' vokazzjonijiet, il-problemi tal-manutensjoni u ż-żieda kontinwa fl-għoli tal-ħajja fid-dawl tal-esiġenzi tal-lum, kulma jmur qed issir dejjem iktar diffiċli, il-ħajja, speċjalment fl-Abbażiji/Monasterji l-kbar, li ħafna minnhom diġà għalqu.

Ara ĊENOBJU
IŻOLAT

**MONTECASSINO**: L-Arċi-Abbazija ta' Montecassino għalkemm meqjusa bħala l-benniena tal-Ordni Benedittin, ma kienx fiha li San Benedittu ta' bidu għall-Ordni tiegħu. Iżda, kien f'Montecassino u l-idwar li San Benedittu bena tnax il-Monasterju u qiegħed fihom tnax –il Komunità minn fejn xerrdu t-tagħlim u l-ħidma tagħhom mad-dinja kollha. Bejn wieħed u ieħor inbniet fis-sena 529. L-Abbazija laħqet il-quċċata tagħha taħt it-tmexxija tal-Abbati Desiderju bejn l-1058 u l-1087. Desiderju li iktar tard inħatar Papa bl-isem ta' Vitor III, bena u kkonsagra l-Knisja l-ġdida fl-1071. Din nagħtat id-dinjità ta' Kattidral fl-1321. L-Abbazija ta' Montecassino għaddiet minn diversi għawġ, ħruq, u qerdiet iżda b'ħidmiet il-Monaċi, dejjem nbniet mill-ġdid u dejjem baqgħet il-mira u ċ-ċentru ewlieni internazzjonali tad-diversi oqsma tal-Ispiritwalità Monastika, tal-Kultura, tal-Istorja u tal-Letteratura. Fl-1866 meta l-Gvern taljan iddikjara s-soppressjoni tal-Kunventi u l-Monasterji kollha, l-Abbazija ta' Montecassino, bħal ħafna oħrajn saret Monument Nazzjonali. L-Abbazija ta' Montecassino inqerdet għal kollox, waqt l-attakk mill-ajru mill-Qawwiet Allejati (15.02.1944 - 18.05.1944). B'ħidma sfieqa u ntensa, fost l-oħrajn, mill-Monaku Malti Dom Mawru

Inguanez OSB (1887 -1955), inħelsu ħafna mit-teżori tal-arti u mill-volumi tal-Biblijoteki ta' Montecassino. L-Abbazija nbniet mill-ġdid u sal-1952 kienet lesta. Madankollu ġiet inawgurata fl-24 ta' Ottubru, 1964, mill-Papa Pawlu VI.

**NOTTURN**: Parti mill-Uffiċċju tal-Qari, fil-Brevjar monastiku. Matur il-ġranet tal-ġimgħa jingħadu tnejn, filwaqt li fil-Ħdud u l-Festi tlieta.
Ara UFFIĊĊJU DIVIN

**NOVIZZ**: Il-persuna li wara li tkun għaddiet perjodu ta' prova, tintlaqa' fil-Komunità u tipprova tgħix il-ħajja monastika proprja.

Skont ir-Regola benedettina, in-Novizzjat idum sena u skont il-Liġi tal-Knisja ma jistax itul iktar minn sentejn.

Biex in-Novizzjat ikun validu l-aspirant għall-ħajja monastika irid ikun għex abitwalment tal-inqas 12 –il xahar fl- istess Abbazija/Monasterju, għajr għal xi eċċezzjonijiet.

**NOVIZZA**: L-istess

**OBLATI**: Mil-Latin *OBLATUS* li tfisser offrut, mogħti lil.... Kienet drawwa fl-imgħoddi li sa minn ċkunithom it-tfal kienu jiġu offruti lil Alla, mill-ġenituri tagħhom, biex fl-Abbazija/Monasterju jgħixu ħajja dedikata lil Alla u jibqgħu hemm għas-servizz tiegħu. Kienu jsiru Monaċi jew Sorijiet tal-Klawsura effettivi, għax kienu jagħmlu l-Professjoni Monastika.

L-Oblati kienu popolari ħafna bejn is-sekli IV/XII sakemm instab li mhux kulħadd kien qed jidħol minn jeddu fl-Abbazija/Monasterju. Dan kien jgħodd speċjalment għat-tfal, subien u bniet, li spiss kienu jiġu mġiegħlha jissottomettu ruħhom għar-rieda ta' Abbati/Badessa u b'hekk il-ħajja spiritwali u monastika kienet saret waħda ta' jasar. Fl-1439 Papa Martinu V, ipprojbixxa kull għamla ta' Oblazzjoni, u kien il-Konċilju ta' Trento li rregola din l-istituzzjoni u stabbilixxa li ma tista' ssir ebda Professjoni qabel għeluq is-16 –il sena.

L-Oblati marbutin ma' Abbazija/Monasterju, u dejjem iddependew mid-destin tagħhom. Għalhekk kien hemm żmien li prattikament xoljew kullimkien. Iżda fis-seklu XIX, Dom Prosper Gueranger OSB, Abbati ta' Solesmes, Franza, tahom ħajja u forma ġdida għaliex setgħu isiru Oblati dawk kollha li xtaqu jgħixu ħajja ta' għaqda spiritwali mal-Komunità tal-Abbazija/Monasterju magħżul minnhom.

L-Oblati huma ta' żewġ tipi: dawk li jagħżlu u jgħixu fl-Abbazija/Monasterju u dawk li jibqgħu lajċi u jgħixu l-ħajja normali ta' kuljum. L-Oblati ma jieħdux il-voti, jiġifieri ma jagħmlux il-Professjoni.

Dawk li jagħzlu l-ħajja monastika fl-Abbazija/Monasterju obbligati josservaw ir-Regola u l-Kostituzzjonijiet kif ukoll l-obbligi l-oħra kollha. L-Oblati lajċi, ma jieħdux il-voti imma jridu josservaw l-iStatut tagħhom, fl-ispirtu tar-Regola ta' San Benedittu, jattendu l-laqgħat ta' kull xahar kif wkoll jieħdu sehem fil-funzjonijiet liturġiċi u jkunu qrib l-Abbazija/Monasterju li tagħhom huma membri.

L-Oblati, jistgħu jkunu saċerdoti, rġiel jew nisa. Huma jiddependu mill-Abbati/Badessa li jistgħu jiddelegaw Monaku/Soru biex imexxihom.

F'Malta l-ewwel grupp ta' Oblati Benedittini tnieda mis-Sorijiet Benedittini tal-Klawsura tal-Monasterju ta' San Pietru tal-Imdina fit-8 ta' Settembru 1994. L-ewwel grupp għamel il-Wegħdiet f'idejn il-Badessa fil-21 ta' Marzu 1996, wara sena Novizzjat.

L-Oblati Benedittini, m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' Oblati ta' Kongregazzjonijiet, gruppi jew Istituzzjonijiet Reliġjużi u mhumiex xi *Terz'Ordni*.

**OBLAZZJONI**: Iċ-ċerminoja li ssir dak in-nhar li l-Oblati jiġu milqugħa fi ħdan l-Abbazija/Monasterju li jkunu għazlu. Dakinhar ukoll, simbolikament, huma jingħataw isem ieħor, is-soltu ta' xi Qaddis/Qaddisa benedittini. Jiktbu personalment il-formula tal-Oblazzjoni, jaqrawha, jiffirmawha u jagħtuha f'idejn l-Abbati/Badessa, li jiffirmawha u tintrefa' fl-Arkivju tal-Monasterju.

**OĠĠETTI PERSONALI**: Min ikun qara din ir-Regola, jista' jaħseb li din hija kontradizzjoni. Fil-fatt huwa minnu li l-Monaku m'għandu xejn tiegħu, iżda San Benedittu, kien għaqli biżżejjed biex jipprovdilu dak kollu meħtieġ, anki jekk l-essenzjal biss. Għalhekk, fil-KAP. 55, flimkien mal-lista tal-ħwejjeġ u dak kollu meħtieġ għas-sodda jissemmgħu għadd ta' oġġetti li jingħataw lill-Monaku għall-użu personali: *graphium* – bil-Malti wzajt pinna, biex niftiehem u għaliex ma sibtx kelma oħra biex infisser dan l-oġġett tawwali, irqiq u bil-ponta, li kienu jiktbu bih fuq it-*tabulas* – bil-Malti wzjt karti għall-kitba biex niftiehem bil-lingwaġġ tal-lum. Dawn kienu aktarx biċċiet tal-injam miksijin bix-xama' biex jiktbu fuqhom. *Cultellum* – is-skkina li pjuttost kienet tixbah lill-mus kbir u tawwali, għaliex kienet tintuża kemm waqt ix-xogħol kif wkoll għal waqt l-ikel. *Acum* – il-labbra tal-ħjata li ovvjament magħha kien jingħatalu wkoll il-ħajt biex ikun jista' jsewwi jew iraqqa' ħwejjġu. Dan ifisser l-awtosuffiċjenza tal-Monaku li kien ikun irid jitgħallem jagħmel kollox mhux biss b'sens ta' dixxiplina imma anki b'neċessità. *Mappulas* – naħseb li jekk hemm xi ħaġa personali huwa proprju l-maktur biex dak li jkun jissoffja jew biex jimsaħ l-għaraq.

Mhux eskluż li l-Monaku kien ikollu għad-disposizzjoni tiegħu ammont ta' sapun (LENTINI), biex jaħsel il-*femoralia* u x-xugamani u l-biċċiet tal-kċina (KAP. 35, 8) u ċertament kulħadd kellu jaħsel ħwejjġu. Wieħed jista' jassumi li l-Monaċi kellhom ukoll mqassijiet u mwies jew xfafar biex jaqtgħu xagħarhom u jqaxxru l-leħja, li kienu jintużaw minn kulħadd.

Illum l-oġġetti personali żdiedu, inbidlu u bħal kull ħaġa oħra fil-ħajja wħud minnhom jistgħu jitqiesu żejda, imma kultant, mhux faċli tiddistingwi bejn oġġett utli u essenzjal.

**ORA ET LABORA**: Huwa l-Mottu benedittin li jfisser ITLOB U AĦDEM. Dan hu s-sabiħ tal-ħajja monastika benedittina, li hija msejjsa fuq il-Vanġelu u mfassla fir-REGOLA fejn il-Monaku/Soru Benedittina jitgħallmu jiddedikaw ruħhom qabel xejn għat-talb iżda fl-istess ħin jissaħħu bix-xogħol tal-id u/jew tal-moħħ. San Benedittu, kien tal-fehma li x-xogħol huwa meħtieġ kemm għal saħħet il-Monaku kif ukoll għall-istess għajxien tal-Komunità monastika. Fil-bidu kienu jaħdmu fl-għelieqi; maż-żmien il-ħidma u x-xogħol tal-Monaku ġew diversifikati u nfirxu f'kull qasam tal-ħajja.

Kien hemm żmien (ara Riforma ta' Cluny) meta t-talb kien kollox u x-xogħol twarrab, iżda dan it-tip ta' ħajja monastika falla għax ma kienx konformi ma' dak li kien ippropona San Benedittu. Daqstant ieħor fallew dawk l-Istituzzjonijiet Benedittini li fasslu l-ħajja monastika tagħhom fuq ix-xogħol biss.

Fl-Abbaziji/Monasterji, madwar id-dinja hemm ferment ġdid fil-qasam liturġiku u tat-talb. Intebħu li forsi, kienu qed jaħdmu wisq (skejjel, fabbriki, organizzazzjonijiet varji) u naqqsu sew mit-talb. Għalhekk, illum, insibu Abbaziji/Monasterji fejn flimkien mat-talb – ORA baqa' jsir ukoll ċertu tip ta' xogħol – LABORA. Forsi iktar xogħol tal-moħħ (studju, riċerka, arti eċċ.) imma għad hemm postijiet fejn isir xogħol tal-idejn, fl-għelieqi, naturalment bil-mezzi l-aktar moderni u bl-għajnuna, bħalma kien fl-imgħoddi, anki minn lajċi.

Jeżistu Abbaziji/Monasterji fejn hemm produzzjoni tajba ta' ħxejjex aromatiċi, ingwenti u duwiet għal kull tip ta' mard, xorb, imbejjed varji, ħelu. Il-Benedittini, kienu l-ewlenin fil-qasam tal-produzzjoni tal-birra.

**ORATORJU**: Il-post riservat esklużivament għat-talb jew fejn is-soltu ssir il-Liturġija.

B'ORATORJU, nifhmu wkoll il-Knisja tal-Abbazija/Monasterju, anki jekk jista' jfisser wkoll xi Kappella interna fejn isir talb/meditazzjoni taħt forma privata.

**PADRI** (**IL-ĦAJJA TAL-**): IL-ĦAJJA TAL-MISSIRIJIET. Il-ħajja ta' dawk li b'kitbiethom u bl-eżempju appoġġjaw bis-sħiħ u ddefendew lill-Knisja, speċjalment mill-ereżiji tal-ewwel żminijiet. Il-ħajja ta' dawk li jistgħu jitqiesu bħala l-mexxejja spiritwali l-kbar tal-Knisja.

MISSIRIJIET APPOSTOLIĊI: Id-dixxipli immedjati tal-Appostli u li tagħhom bqajna ngħożżu xi kitbiet bħal Qaddisin BARNABA minn Ċipru, li kien jismu Ġuzeppi u għen lil San Pawl fil-ħidma Appostolika. Papa KLEMENT I minn Ruma (†97). INJAZJU minn Antijokja (†110) imlaqqam *Tejoforu*, kiteb seba' Ittri waqt li kien fi triqtu lejn Ruma, fejn kien sejjer għall-martirju, li jittrattaw dwar l-ewwel żminijiet tal-Knisja. POLIKARPU minn Iżmir (†155), fit-Turkija.

MISSIRIJIET IL-KNISJA: Dawk il-Kittieba Nsara kollha tal-Lvant u l-Punent, tal-ewwel żminijiet tal-Knisja meqjusa bħala l-Esponenti ewlenin tat-Tradizzjoni Ekkleżjastika. Il-lista ta' *Missirijiet il-Knisja*, b'mod kronoloġiku, tispiċċa hekk: għall-Knisja tal-Lvant b'SAN ĠWANN DAMAXXENU (†749) u għall-Knisja ta' Ruma b'SAN SIDOR minn Sivilja (†636).

DUTTURI TAL-KNISJA: Huma dawk il-kittieba li bit-tagħlim ewlieni u għall-qdusija kbira tagħhom stħoqqilhom l-approvazzjoni tal-Knisja Kattolika. San Benedittu ċertament kien qed jirreferi għall-Qaddisin ILARJU ta' Poitiers (†367). ATANAŻJU ta' Lixandra (†373) għadu kbir tal-Arjaniżmu u missier it-Tejoloġija Dommatika. ĠWANNI GRISOSTOMU minn Antijokja (†407) magħruf għall-priedki u l-omiliji. AMBROĠJU minn Milan (†397) kittieb ta' Innijiet Sagri mill-aqwa u xempju ta' Isqof attent, għaref u għaqli. WISTIN minn Tagaste – illum *Souk Arħas* fl-Alġerija (†430) ġie konvertit għall-Kristjaneżmu minn San Ambroġju u jitqies bħala Missier il-Monakiżmu fl-Afrika. ĠILORMU mid-Dalmazja (†430) ittraduċa u ta waħda minn fost l-aqwa interpretazzjonijiet tal-Kotba Mqaddsa. Għex l-aħħar ta' ħajtu ġo Monasterju f'Betlem.

L-għadd tad-Dutturi tal-Knisja żdied sew u ġew dikjarati wkoll tliet Qaddisin nisa TEREŻA ta' Avila, KATERINA ta' Siena u TEREŻA ta' Lisieux.

Illum, bħala Missirijiet il-Knisja nifhmu wkoll dawk li aħna naċċettaw bħala mexxejja spiritwali li kapaċi jagħtuna formazzjoni tajba fil-ħajja, speċjalment dik monastika.

**PAPIET**: Hemm lista twila ta' Papiet li kienu Monaċi benedittini jew kellhom konnessjoni mal-Ordni Benedittin, imma ħa niktbu biss dwar dawk l-aktar riċenti bħal Papa LJUN XIII (1878-1903) li sehemu kien determinanti fil-ħolqien tal-Konfederazzjoni tal-Ordni Benedittin. Il-Papa PIJU XII (1939-1958) li kiteb L-Enċiklika "*Fulgens Radiatur*" (1947) fl-okkażjoni ta' għeluq il-festi tal-XIV –il Ċentenarju mill-mewt ta' San Benedittu, u sejjaħlu **Missier l-Ewropa**. L-istess Papa xandar il-Kostituzzjoni "*Sponsa Christi*" (1950) u l-Brevi Appostoliku "*Pacis Vinculum*" (1952) li għenu ferm fit-tiġdid tal-Komunitajiet Benedittini - tal-irġiel u tan-nisa. PAWLU VI filwaqt li nawgura mill-ġdid l-Abbazija ta' Montecassino, bil-Brevi Appostoliku "*Pacis Nuntius*" (24 ta' Ottubru, 1964) iddikjara li San Benedittu **Patrun Ewlieni tal-Ewropa**.

**PIRJOL**: It-tieni awtorità fl-Abbazija/Monasterju. Jinħatar mill-Abbati, u għalkemm dejjem jiddependi minnu jgħinu fit-tmexxija u fl-amministrazzjoni tal-Abbazija/Monasterju, u jieħu postu temporanjament meta jkun nieqes. Fl-assenza tal-Abbati, jieħu f'idejh it-

tmexxija sħiħa tal-Komunità, iżda m'għandu ebda awtorità jibdel xejn minn kif iddispona l-Abbati.

San Benedittu, fir-Regola Mqassda, jiddedika kapitlu sħiħ (KAP. 65). Fejn il-Komunità monastika tkun kbira, il-Pirjol għandu sehem importanti x'jaqdi speċjalment fejn tidħol dixxiplina, ħarsien tar-Regola u l-osservanza tal-Atti komuni.

Minn xi żmien 'l hawn il-ħatra nbidlet u f'Abbazija/Monasterju mmexxijin minn Abbati jinħatar PIRJOL KLAWSTRALI. Din il-ħatra hija biss tal-isem, iżda xorta waħda huwa fid-dmir li jagħti appoġġ u għajnuna sħiħa lill-Abbati. Fl-assenza tal-Abbati jara li kollox jibqa' għaddej skont kif iddispona l-Abbati.

Jissejjaħ PIRJOL KONVENTWALI l-Monaku li jinħatar biex imexxi Monasterju *sui juris*, jiġifieri Komunità monastika ta' mhux inqas minn sitt Monaċi Professi.

**PRIJURA**: L-istess

**POSTULANT**: Il-persuna li titlob biex tidħol f'Abbazija/Monasterju.

Tissejjaħ hekk, il-persuna, li qabel ma tibda n-Novizzjat tgħaddi żmien ta' tħejjija (=Postulandat) biex tixtarr il-vokazzjoni vera tagħha filwaqt li tkompli tingħata formazzjoni umana u spiritwali.

It-tul tal-Postulandat ivarja.

**POSTULANTA**: L-istess.

**PROFESSJONI SEMPLIĊI**: Wegħda pubblika li Novizz /Novizza benedittini jagħmlu, fi tmiem in-Novizzjat, li jħarsu l-Kunsilli Evanġeliċi. B'hekk jkkkonsagraw lilhom infushom lil Alla filwaqt li jsiru parti sħiħa mill-Komunità monastika bid-drittijiet u l-obligi kollha.

Min ikun se jagħmel il-Professjoni jikteb personalment il-*Formula tal-Professjoni* li tinqara fuq l-artal f'riġlejn l-Abbati/Badessa. Wara tiġi ffirmata minn min jagħmel il-Professjoni u mill-Abbati/Badessa u tintrefa' fl-Arkivju.

Żmien il-PROFESSJONI SEMPLIĊI jew Temporanja huwa ta' mhux inqas minn tliet snin u mhux iżjed minn sitt snin. Jista' jkun ukoll li għar-raġunijiet validi l-Abbati/Badessa jiddeċiedu li jtawlu iktar, iżda, żgur mhux iżjed minn disa' snin. Kull Fergħa Benedittina/Abbazija/Monasterju jimxu skont dak li hemm stabbilit fil-Kostituzzjonijiet. Meta jitwal iż-żmien il-wegħda tiġġedded kull tliet snin. Biex persuna tagħmel il-PROFESSJONI SEMPLIĊI trid tkun għalqet it-18 –il sena.

Mal-PROFESSJONI SEMPLIĊI in-Novizz/Novizza benedittini jirrinunżjaw formalment għall-ġid u l-proprjetà kollha u fejn meħtieġ isir Att nutarili. Madankollu, jibqa' jinzamm id-dritt għall-akkwist ta' iktar ġid mingħajr ma jamministraħ/tamministraħ jew jiddisponi/tiddisponi mir-renti.

**PROFESSJONI SOLENNI**: Kollox l-istess bħal hawn fuq, ħlief: Il-Wegħda issir pubblika u b'mod Solenni u għall-ħajja kollha. Min se jagħmel il-PROFESSJONI SOLENNI jew Perpetwa irid/trid ikun/tkun għalaq/għalqet il-21 sena.

Ir-rinunzja sħiħa għall-ġid u l-proprjetà, inkluż jekk kien sar Att nutarili, tidħol fis-seħħ mal-PROFESSJONI SOLENNI meta dak kollu li Monaku/Soru benedittini fosthom dawk tal-Klawsura, jakkwistaw jew jingħatalhom (pensjoni, sussidju, assigurazzjoni...) isir tal-Abbazija/Monasterju.

**PURTINAR** jew *BEWWIEB*: Il-Monaku li jieħu ħsieb jiftaħ u jagħlaq il-bieb tal-Abbazija/Monasterju. Ikollu kuntatt mal-pellegrini, mal-barranin u ma' dawk kollha li ta' kuljum u f'kull ħin iħabbtu l-bieb.

Jieħu ħsieb ukoll jgħarraf lill-Abbati bil-persuni li jkunu jridu jkellmu lill-Monaċi. Illum faċilment jista' wkoll ikun inkarigat biex iwieġeb it-telefon.

**PURTINARA**: Is-soru tal-bieb. L-istess.

**QARREJ TAL-ĠIMGĦA**: Jieħu ħsieb il-qari waqt l-ikel. Normalment waqt l-ikel, il-Benedittini ma jitkellmux bejniethom, għajr f'xi okkażjonijiet partikulari u meta jidhirlu l-Abbati. Għalhekk, waqt l-ikel, isir qari minn xi ktieb dwar il-ħajja tal-Qaddisin jew ta' interess ġenerali.

**QARREJJA TAL-ĠIMGĦA**: L-istess.

**REFETTORJU**: Kamra/sala kbira fejn il-Komunità monastika tinġabar flimkien għall-ikel.

Il-kwalità u l-ħinijiet tal-ikel ivarjaw. San Benedittu jirrikmanda l-moderazzjoni fl-ikel u fix-xorb, imma bħal għal kull ħaġa oħra jħalli kollox fid-diskrezzjoni tal-Abbati/Badessa. L-importanti li l-Komunità monastika tiekol flimkien u fil-ħinijiet stabbiliti bħal familja waħda.

**REGOLA**: Ir-Regola ta' San Benedittu hija meqjusa bħala l-aqwa mudell tal-liġijiet, is-sies ta' organizzazzjoni ta' ħajja monastika oriġinali u perfetta, dokument imfassal fuq messaġġ ċar u preċiż li jirrefletti l-moħħ sinċier u l-qalb nobbli ta' San Benedittu, li sa minn żgħożitu għaraf iħares 'il bogħod.

Illum ħadd m'għandu dubju fuq l-awtentiċità tar-Regola. Il-parti l-kbira tal-istudjużi huma tal-fehma li nkitbet fl-Abbazija ta' Montecassino. Forsi, għad hemm dubji jekk San Benedittu kitiebhiex f'daqqa, irnexxilux jirrevediha. Żgur li r-Regola ta' San Benedittu sebqet kull Regola oħra li kienet teżisti (*) u b'hekk qtajja ta' Monaċi li ħaddnuha nfirxu ma' kullimkien tant li llum m'hemmx pajjiż fid-dinja fejn m'hemmx Komunità monastika benedittina. Istituzzjonijiet, gruppi u movimenti reliġjużi varji, anki protestanti ġew influwenżati ħafna. Xhieda ħajjin tal-effiċjenza tar-Regola ta' San Benedittu huma t-tliet Ordnijiet Monastiċi ewlenin: il-Benedittini, iċ-Ċisterċensi u t-Trappisti, irġiel u nisa.

Il-fatt li r-Regola Benedittina waslet sa żmienna juri l-attwalità dejjiema tagħha, hija mera ta' għerf, sens ta' ordni u ġustizzja. L-effiċjenza tat-tagħlim li jinstilet minnha, bħalma kien fl-imgħoddi għadu sal-lum jinfirex anki lil hemm mill-ħitan tal-Abbazija/Monasterju jew tal-Klawsura.

Sehem ir-Regola Benedittina kien determinanti anki fit-tqanqil politiku reliġjuż tul is-sekli: ara s-sekli VI-VIII, fil-Medjuevu, fis-sekli XIV-XIX kif wkoll fis-seklu li wasal biex jintemm meta wara l-gwerra l-Ewropa fasslet l-għanijiet ewlenin tagħha fuq ir-Regola Benedittina.

Ir-REGOLA fiha PROLOGU fejn San Benedittu jfisser l-għanijiet ewlenin tal-ħajja monastika u 73 Kapitlu. Huwa jgħid fid-dettal dak kollu li għandu x'jaqsam mat-talb u ż-żamma tal-ordni u d-dixxiplina kif ukoll dwar l-imġiba tal-Abbati u l-Monaċi. Mhijiex nieqsa mit-twissijiet anku jekk huma ġustifikati. San Benedittu huwa wkoll esiġenti u jisħaq li t-tmexxija u l-ordni huma responsabbilità assoluta tal-Abbati u jinsisti li kulħadd jiddependi minnu.

<u>*Prologu*</u> – ġustifikazzjoni u l-programm tal-ħajja monastika.

<u>*Kapitli 1-3*</u> – għamla u bażi tal-ħajja monastika.

*Kapitli 4-7* – Kodiċi ta' axxetika biex tintlaħaq il-milja tal-perfezzjoni.
*Kapitli 8-20* – Kodiċi liturġiku dwar kif u meta għandu jsir it-talb.
*Kapitli 21-30* – Kodiċi tad-dixxiplina sal-iċken dettal. Dixxiplina li kulħadd mill-Abbati sal-iżgħar fost it-tfal iridu joqgħodu għaliha.
*Kapitli 31-57* – Amministrazzjoni tal-ġid u l-proprjetà personali u tal-Abbazija/Monasterju.
*Kapitli 58-66* – L-ordni u l-ġerarkija fi ħdan il-Komunità monastika.
*Kapitli 67-73* – Appendiċi għar-Regola jew jistgħu jitqiesu wkoll Kapitli tal-għeluq. Rakkomandazzjonijiet tal-aħħar.

*(*) Filwaqt li ma ninsewx it-tagħlim spiritwali mill-Kotba Mqaddsa speċjalment is-Salmi, siltiet mill-Kotba tal-Għerf, mill-Vanġelu, u mill-Ittri ta' San Pawl, li fuqhom San Benedittu sejjes ir-Regola, xieraq li hawn nirrefru għall-uħud mir-Regoli ewlenin l-oħra li: jew nebbħu lil San Benedittu fit-tfassil tar-Regola, jew inkella għandhom xi konnessjoni u/jew spiss jitħalltu mar-Regola ta' San Benedittu.*

**Regula S. Pachomi** (Regola ta' San Pakomju)
Ara ĊENOBITA
**Regula Augustini** (Regola ta' Santu Wistin)
Prattikament hija l-ewwel Regola magħrufa tal-Monakiżmu tal-Punent. Tikkonsisti f'żewġ kitbiet oriġinali minn Santu Wistin stess destinati għall-Monasterju ta' Ippona.
**Regula Antoni** (Regola ta' Sann Anton Abbati)
Din ġiet biss attribwita lil San Anton Abbati (†356). Ta' 20 sena mar jgħix fid-deżert u f'qasir żmien qtajja ta' eremiti nġabru madwaru u tant kibru fl-għadd li qassamhom f'diversi Komunitajiet. Għalhekk mhux eskluż li seta' wkoll kiteb jew iddetta xi Regola. Meqjus bħala wieħed mill-Fundaturi ewlenin tal-Monakiżmu sar magħruf bħala Missier il-Monaċi. Żgur li bis-sehem tiegħu kattar u kabbar il-firxa tal-Monakiżmu tal-Lvant.
**Regula Quattuor Patrum** (Regola tal-Erba' Padri)
F'dan il-każ, b'Padri nifhmu, il-Padri (il-Missierijiet) tad-Deżert: SAN PAFNUZJU (†335), Isqof eġizzjan u wieħed mid-dixxipli ewlenin ta' San Anton Abbati. Ha sehem attiv fl-ewwel Konċilju ta' Niċea. L-isem Pafnuzju kien komuni ħafna fost l-eremiti tad-deżert.

SAN SERAPJUN (†362), Isqof ta' Thmuis fl-Eġittu, m'hemmx wisq tagħrif dwaru u ftit li xejn baqa' minn kitbietu fosthom *Ewkoloġju* ġabra ta' 30 Talba liturġika. Wara żmien katekist f'Lixandra, mar fid-deżert biex jgħix il-ħajja ta' San Anton Abbati.

SAN MAKARJU (†390), il-Kbir magħruf bħala l-Eġizzjan għex ħajtu kollha fid-deżert u bqaq' jgħix il-ħajja monastika u axxetika anki wara li ġie ordnat Saċerdot ta' 40 sena. Għalkemm ġew attribwiti lilu għadd ta' kitbiet l-iktar waħda ċerta hija l-Ittra *Ad Filios Dei*.

SAN MAKARJU (†395), Iż-Żgħir magħruf bħala l-Lixandrin. Mexxa l-iskola tal-Katekumeni f'Lixandra iżda mbagħad mar fid-deżert u mexxa għadd ta' Komunitajiet monastiċi bħala Abbati speċjalment fin-Nitrija. Hemm min isostni li ż-żewġ Makarji huma l-istess persuna, iżda, aktarx li spiss kienu jitħalltu minħabba fl-isem.

Ir-Regola miktuba minn dawn l-erba' tikkonsisti f'erba' diskorsi li apparti il-konnessjoni ta' bejniethom, jiffurmaw ħaġa waħda taħt l-aspett tal-istil fil-kitba. Huma meqjusa fost l-aqwa erba' Axxeti, li għalkemm għexu fid-deżert għarfu joħolqu tip ta' ħajja unika u nisslu sens ta' direzzjoni spiritwali tajba fost dawk li xtaqu jħaddnu l-ħajja monastika.
**Regula ad Virgines** (Regola għan-nisa li jgħixu ħajja konsagrata)
Miktuba minn Ċesarju ta' Arles għas-Sorijiet tal-Monasterju ta' San Ġwann ta' Aries immexxi minn oħtu Ċesarja. Ċertament hija l-ewwel Regola femminili tal-Monakiżmu tal-

Punent. Hija frott l-esperjenza li Ċesarju kien għamel fil-Monasterju ta' Lerins qabel ma' sar Isqof ta' Aries. Hija Regola mnebbħa mill-ħajja axxetika u komunitarja ibbażata fuq dokumenti monastriċi magħrufa u fost l-iktar importanti ta' dak iż-żmien.

**Regula Monachorum** (Regola tal-Monaċi)

Miktuba wkoll minn Ċesarju ta' Arles, u hija bbażata fuq ir-*Regula ad Virgines*. Fl-aħħar mill-aħħar hija biss ġabra fil-qosor tar-Regola imsemmija.

**Regula Magistri** (Regola tal-Imgħallem/għalliem)

Din ir-Regola (RM) hija mportanti, jekk xejn, għaliex qanqlet u għadha tqanqal kontroversja kemm fuq l-awtentiċità tagħha kif ukoll dwar ir-relazzjoni li kellha jew seta' kellha mill-qrib mar-Regola ta' San Benedittu.

Il-fatt li hija anonima, diġà fih innifsu huwa biżżejjed biex iqanqal diskussjoni u jagħti lok għall-studji profondi li saru mhux biss minn Monaċi iżda ukoll minn esperti u studjużi tal-ħajja monastika. Hemm ukoll il-fatt li bejn wieħed u iehor inkitbet fl-istess żmien ta' dik ta' San Benedittu, tant li kien hemm min sostna li ż-żewġ Regoli inkitbu minn San Benedittu stess. Din it-tejorija, imma, bħal ħafna oħrajn, issa hija superata fid-dawl tal-istudju profond li sar mill-Monaku benedittin ADALBERT DE VOGUE OSB meta ppublika *La Regle du Maitre* (Pariġi, 1964).

Il-kwistjoni tar-RM qanqlet ukoll dubji fuq ħajjet San Benedittu kif rakkontata mill-Papa San Girgor il-Kbir fid-*Djalogi* (ara PRICOCO). Iżda għad m'hemm xejn ċert u għalhekk dak kollu li twassal lilna s'issa għadu jgħodd. Nisħqu fuq dak li għidna iktar 'l fuq li r-Regola kif waslet lilna tfasslet u nkitbet minn San Benedittu, li ċertament minbarra l-għadd ta' Regoli li rreferejna għalihom kien jaf sew ir-RM u anki jekk mhux bilfors, seta' ħa minnha wkoll.

Barra minn hekk huwa fatt magħruf li r-RM kienet tliet darbeit itwal u kellha xejriet differenti li mhumiex riflessi fir-Regola ta' San Benedittu.

Jenħtieġ inżommu quddiem għajnejna li r-Regola ta' San Benedittu ma tirreflettix il-Monakiżmu tal-bidu, iżda t-tisħiħ tal-Monakiżmu fil-mument tal-eqqel taqlib reliġjuż, politiku u soċjali.

**Regula Monasteriorum** (Regola tal-Monasterji) hija l-istess Regola ta' San Benedittu (ara SCHUSTER pp. 4–8). Il-Bejatu Kard. A. I. Schuster OSB, ipprefera jsejħilha hekk għaliex kif jgħid hu stess, il-Papa Girgor il-Kbir kien poġġiha f'dik il-parti tal-Arkivju fejn kienu jintrefgħu l-Atti awtentiċi u d-Dokumenti mportanti, magħrufa bħala *Regula Monasteriorum.*

L-użu li r-Regola benedittina tissejjaħ hekk nistgħu ngħidu li spiċċa fis-seklu VIII meta r-Regola ta' San Benedittu stabbilixxiet ruħha fuq ir-Regoli l-oħrajn kollha.

L-istess, għalkemm f'xi dokumenti qodma kien hemm referenzi ċari, ma baqgħetx tissejjaħ iktar *Regula Monachorum* (Ir-Regola tal-Monaċi), minkejja li Papa San Girgor il-Kbir kiteb: *Scripsit monachorum Regulam* (kiteb ir-Regola tal-Monaċi) [ara Dialogi 2,36].

M'hemm xejn ċert x'isem ta San Benedittu lir-Regola tiegħu. Wieħed jista' però, jissupponi li bħala isem kiteb biss REGULA (ir-Regola) jew SANCTA REGULA (ir-Regola Mqaddsa).

M'hemm xejn ċert x'isem ta San Benedittu lir-Regola tiegħu. Wieħed jista' però, jissupponi li bħala isem kiteb biss REGULA (ir-Regola) jew SANCTA REGULA (ir-Regola Mqaddsa).

**SAFA**: Dan il-vot jimpenja lill-Monaku u lis-Sorijiet benedittini jgħixu ħajja safja u filwaqt li jikkonsagraw lilhom nfushom lil Alla, jiċċaħdu kontinwament minn kull ħsieb u għemil żieni kif ukoll mill-passjonijiet li joħolqu diżordni fir-ruħ.

Il-vot tas-SAFA (= ukoll li jiċċaħdu milli jiżżewġu) huwa wieħed mit-tliet voti bażiċi li fuqhom hija mibnija l-ħajja monastika.

**SALTERJU**: Il-Ktieb tas-Salmi. Nifhmu wkoll il-ktieb tal-Uffiċċju Divin.

**SARABAJTA**: Tip ta' Monaċi li San Benedittu jistmerr u jiddeskrivi b'mod tajjeb ħafna fl-ewwel Kapitlu tar-Regola. Huma dawk il-Monaċi/Sorijiet benedittini li jgħixu l-ħajja monastika kif jidhrilhom huma. M'għandhomx mexxej. Għalhekk huma Monaċi/Sorijiet benedittini tal-isem biss.

**SAWM**: Illum m'għadux strett daqskemm titlob ir-Regola u l-Abbaziji/Monasterji Benedittini kollha kkonformaw ruħhom ma' dak li l-Knisja tistabbilixxi minn żmien għall-ieħor. Naturalment, dment li l-Kostituzzjonijiet tal-Fergħat/Abbaziji/Monasterji Benedittini ma jgħidux mod ieħor.

**SOGGOLO**: Parti mill-ħwejjeġ li jilbsu s-Sorijiet benedittini. Huwa speċi ta' velu tal-għażel u spiss illamtat, li jgħatti r-ras, il-ħaddejn u l-għonq u jibqa' nieżel għal fuq l-ispallejn.

Is-SOGGOLO tas-Sorijiet Benedittini ma' tantx hu differenti wisq fl-għamla u s'issa għadu jintlibes. Is-soltu jkun ta' lewn abjad.

**SKAPULAR**: Fl-imgħoddi kienet il-libsa tax-xogħol tal-Monaku. Mil-Latin *SCAPULA* = li tfisser l-ispalla. Kien speċi ta' fardal, li l-Monaku, fil-ħin tax-xogħol kien jilbes u jorbot ma' qaddu biex ma jħammiġx ħwejjġu. Hemm min jgħid (PRICOCO) li kien jixbaħ lill-par ċinġi li jżommu ċ-ċoqqa merfugħa biex ma tfixkilx fix-xogħol.

Illum sar parti mill-libsa tal-Monaċi/Sorijiet benedittini, li jintlibes fuq iċ-ċoqqa u normalment, kemm il-parti ta' quddiem u ta' wara jkunu tal-istess daqs taċ-ċoqqa.

**SKOLASTIKA** (**SANTA**): Oħt it-tewmija ta' San Benedittu. Tat bidu għall-Fergħa femminili tal-Ordni fi Piumarola, raħal ċkejken qrib Montecassino. Hija u dawk li nġabru madwarha ħaddnu ir-Regola miktuba minn ħuha stess u mxew fuq il-passi tiegħu. San Girgor il-Kbir isemmi lil Santa Skolastika, li kienet ikkonsagrat ħajjitha lil Alla sa miċ-ċokon. Jirrakkonta li darba f'sena kienet tmur iżżur lil ħuha u tgħaddi miegħu ftit ħin titkellem fuq ħwejjeġ qaddisa. L-aħħar darba li marret iżżur lil ħuha, bħal donna ntebħet li ma kienetx se tarah iktar u nsistiet biex jibqa' magħha. San Benedittu iżda ried jerġa' lura fil-Monasterju. Biex żġur ħuha ma jitlaqx, talbet f'qalbha bi ħrara liema bħalha, u Alla ppermetta li tagħmel xita qliel u b'hekk setgħu jgħaddu l-lejl flimkien jitolbu u jitkellmu fuq ħwejjeġ spiritwali. Tliet ijiem wara, minn kamartu, San Benedittu, ra lir-ruħ Oħtu, Skolastika, tittajjar lejn is-sema f'għamla ta' ħamiema bajda. Huwa ordna biex il-katavru tagħha jindifen fl-istess qabar li kien ħejja għalih f'Montecassisno. Tliet ijiem biss wara Santa Skolastika miet wkoll San Benedittu. Twieldu flimkien u mietu fl-istess sena.

**SKOMUNIKA**: L-iktar kastig iebes li jistgħu jingħataw Monaku/Soru benedittini. San Benedittu jisħaq mal-Abbati biex jagħmel li jista' qabel ma jasal biex jagħti kastig daqshekk gravi u umiljanti.

L-ISKOMUNIKA tfisser li l-Monaku/Soru benedittini ma jitħallewx, għall-żmien definit, jieħdu sehem fil-ħajja komuni. Tul iż-żmien tal-kastig li jistgħu, u lanqas ħadd ma jista' jkellimhom jew jikkomunika magħhom.

L-iskomunika dejjem tqieset bħala l-agħar kastig li Monaku jista' jingħata, għalhekk forsi hja meqjusa wkoll bħala rimedju esterm biex wieħed jindem u jammetti l-iżball tiegħu.

**SORU BENEDITTINA**: Tfajla, xebba, mara li tagħżel li tissieħeb mal-Ordni benedittin. Jista' jingħad li l-ewwel Komunità ta' SORIJIET BENEDITTINI inbdiet minn Santa Skolastika. Anki jekk b'ritmu inqas mgħaġġel is-Soritjiet Benedittini, tul is-sekli ntegraw ruħhom fil-ħidma u fl-attivitajiet kollha tal-Monaċi benedittini. Illum is-Sorijiet Benedittini jinsabu mxerdin mad-dinja kollha, impenjati f'ħidmiet varji u b'direzzjoni differenti.

Is-Sorijiet Benedittini ġeneralment jgħixu ħajja magħluqa fil-Klawsura tal-Abbaziji/Monasterji tagħhom. Dawn l-Abbaziji/Monasterji jiddependu direttament mis-Santa Sede, iżda fil-parti kbira tagħhom huma taħt il-ħarsien speċjali tal-Isqof Djoċesan.

Għalkemm mhux soltu jkollhom kuntatt ma' barra, u ħidmiethom issir fl-ambitu tal-Klawsura hemm uħud, li jmexxu skejjel u ċentri edukattivi/soċjali.

Is-Sorijiet Benedittini l-oħrajn, għandhom ħajja aktar attiva u jiddistingwu ruħhom mis-Sorijiet kollha in ġenerali, għaliex jikkumplimentaw il-ħajja attiva mal-ħajja monastika u komunitarja. Huma għandhom l-istess obbligi tas-Sorijiet tal-Klawsura f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispirtu tal-ħajja monastika.

Jitqiesu wkoll Sorijiet Benedittini dawk ta' Kongregazzjonijiet b'ismijiet differenti, gruppi u għaqdiet ta' Sorijiet, Sorijiet Oblati Regolari li jħaddnu u jħarsu r-Regola ta' San Benedittu. Dawn jistgħu jkunu għar-rashom jew imsieħba ma' xi Fergħa/Abbazija/Monasterju Benedittini.

**STABBILITÀ**: Il-vot li bih Monaku/Soru benedittini jintrabtu li jgħixu definittivament ma' Komunità monastika ta' Abbazija/Monasterju. Dan il-vot huwa essenzjali u vitali għall-għanijiet tal-ħajja monastika, għaliex il-Monaku dakinhar tal-Professjoni, iwiegħed u jobbliga lilu nnifsu quddiem l-Abbati u l-Komunità kollha, li jibqa' jgħix u jaħdem fl-Abbazija/Monasterju tiegħu.

Il-vot tal-iStabbilità jagħti lill-Monaku għeruq spiritwali u familja b'aħwa ġodda. Fl-istess ħin tibbenefika l-Komunità monastika li b'hekk tiggrantixxi kontinwità u popolazzjoni fissa f'ħidma flimkien taħt it-tmexxija tal-Abbati, sal-mewt. Meta Monaku, minħabba ċerti sitwazzjonijiet, aktarx straordinarji, jintbgħat f'Abbazija/Monasterju ieħor iseħħ dak li b'mod improprju jissejjaħ "trasferiment" tal-iStabbilità.

Hemm, però, Fergħat Benedittini li b'dan il-vot jifhmu STABBILITÀ fil-Kongregazzjoni Benedittina partikulari. Għalhekk, b'ubbidjenza jistgħu jiġu mġiegħla, għal ċertu żmien jissieħbu ma' Komunità oħra fl-istess Kongregazzjoni Benedittina.

**SUBIACO**: Hija l-lokalità fejn San Benedittu mar jgħix għalih waħdu, wara li telaq minn Ruma. San Benedittu għex f'Subiaco għal iktar minn 30 sena.

Mhux eskluż li f'Subiaco, San Benedittu bena wkoll xi monasterji. Aktarx li l-**Abbazija ta' Santa Skolastika**, hija waħda minnhom, għalkemm tul is-snin kellha tinbena mill-ġdid kemm –il darba. Fis-seklu XII, inbena is-**Santwarju-Monasterju tas-Sacro Speco**, proprju fuq l-Għar fejn hu maħsub li għex San Benedittu.

Subiaco, speċjalment fil-Medjuevu, kellha sehem importanti fl-iżviluppi soċjali, kulturali, politiċi u fuq kollox reliġjużi fl-inħawi u mal-Italja kollha. Fl-1464, f'Subiaco, inbniet l-ewwel stamperija fl-Italja. Bħalma ġara, iżda, lil diversi Abbaziji u Monasterji benedittini ffaċċjat żminijiet diffiċli, għaddiet minn taħt it-tmexxija ta' diversi familji taljani, sakemm fis-seku XVIII l-Abbati ta' Subiaco tneħħewlu l-jeddijiet temporali kollha. Fil-bidu tas-seku XIX ġiet soppressa mill-Franċiżi. Għalkemm infetħet mill-ġdid mill-Papa Piju VII, reġgħet kisbet il-privileġġ ta' *Abbatia Nullius*, fl-1915.

L-Abbazija ta' Santa Skolastika għadha sal-lum magħrufa bħala **Protocenobio** (l-ewwel Monasterju). Għalhekk hemm min jgħid li l-benniena tal-Ordni Benedittin hija Subiaco u mhux Montecassino.

Apparti kull polemika, huwa fatt, li f'Subiaco, San Benedittu, anki jekk beda u organizza l-ewwel Komunitajiet aktarx li għex esperjenza monastika bħala Eremit, filwaqt li skont it-tradizzjoni, kien bil-bini tal-Monasterji f'Montecassino li beda jseħħ l-Idejal Ċenobitiku imħaddan minnu u sħabu.

**SUPERJUR**: Monaku li jinħatar biex imexxi Monasterju fejn ikun hemm inqas minn sitt Monaċi Professi. Illum minħabba esiġenzi finanzjarji, u anki nuqqas ta' vokazzjonijiet dawn il-Monasterji qed jingħalqu. S'issa kienu qegħdin jinżammu miftuħa għar-raġunijiet partikulari, forsi għall-prestiġju, għaliex fl-imgħoddi kienu mportanti u magħrufa.

San Benedittu juża spiss il-kelma SUPERJUR fir-Regola kemm biex ifisser ħatra kemm biex jindika persuna iktar anzjana, mhux neċessarjament fl-età.

**TFAL**: Illum ftit issib Abbaziji/Monasterji li jżommu tfal għall-għanijiet ta' vokazzjoni monastika biss. Għad hawn min imexxi Skejjel u Ċentri edukattivi, forsi wkoll bi spirtu benedittin. Iżda, ħafna, intebħu li anki jekk l-edukazzjoni tat-tfal kienet missjoni nobbli, aljenat ħafna lill-Komunitajiet monastiċi mill-vera ħajja tagħhom u mill-Kariżma tal-Fundatur.

Ħafna Maltin ħadu l-edukazzjoni tagħhom mal-Benedittini speċjalment fir-Renju Unit.

Ara ADOLEXXENTI
OBLATI

**UBBIDJENZA**: Il-vot tal-UBBIDJENZA, għall-Monaku/Soru benedittini huwa l-essenza tal-voti l-oħra miġburin flimkien. Għall-imħabba t'Alla l-Monaku/Soru benedittina jqiegħdu ridithom f'idejn l-Abbati/Badessa u jbaxxu rashom għal kull min hu Superjur tagħhom, anki jekk iżgħar minnhom fl-età.

**UFFIĊĊJU DIVIN**: It-talb liturġiku li kuljum il-Monaċi/Sorijiet benedittini jgħidu/ikantaw flimkien matul il-jum skont il-ħinijiet stabbiliti.

Illum, il-ħin u l-modalità tar-reċta jew kant tal-UFFIĊĊJU DIVIN, huma differenti minn dawk li hemm fir-Regola. Il-Benedittini wkoll, imxew mar-Rifoma fil-Liturġija, u għamlu t-tibdiliet meħtieġa fil-Brevjar Monastiku.

<u>NOTA</u>: *Personalment, ħassejt li jien ukoll kelli nadekwa ruħi għaċ-ċirkustanzi. Iżda, filwaqt li ridt inkun attwali, fit-traduzzjoni, ridt inkun lejali lejn it-test, u deherli li kelli nimxi fuq dak li hemm fir-Regola, minkejja li xi partijiet inbidlu, ħadu isem ieħor, jew ma għadhomx jeżistu fil-Liturġija. Fejn stajt, tajt (għal darba biss) l-isem kif inhu fir-Regola u biex kulħadd jifhem, komplejt bl-ismijiet li qed jintużaw illum. Dwar is-Salmi żammejt l-istess numerazzjoni, iżda fin-noti, użajt in-numerazzjoni l-ġdida.*

Fit-tifsir ta' hawn taħt, għall-kumdità ta' dak li jkun, u biex ma jinħoloqx tfixkil, se nagħti l-isem skont kif inhu miktub fir-Regola u l-isem il-ġdid (jekk ikun jeżisti) skont ma hemm fl-Uffiċċju Divin Monastiku, illum. (ara (TAFT)

**L-UFFIĊĊJU DIVIN MONASTIKU**: Fiħ seba' taqsimiet (Talbiet). In-numru 7 kien meqjus bħala sagru kemm fit-Testment il-Qadim u kemm mill-ewwel insara. Fil-Kap.16, tar-Regola fl-ewwel vers il-Profeta jgħid: *Seba' darbiet kuljum infaħħrek*, fis-sens ta' ħafna drabi, iżda, it-Tradizzjoni Kristjana u speċjalment dik Monastika jsostnu li is-**7** huwa numru stabbilit.

1) **MATUTIN = UFFIĊĊJU TAL-QARI** Talba liturġika ta' matul il-lejl li tingħad/titkanta wara nofs il-lejl (*) u qabel sbiħ il-jum. Din hija l-ewwel Talba Liturġika li

tingħad/titkanta flimkien, wara l-qawmien mill-irqad. Tibda bl-INVITATORJU = IS-SEJĦA GĦAT-TIFĦIR ’L ALLA.

*Għalkemm jidher li hemm qawmien liturġiku fl-Abbaziji/Monasterji, ftit huma dawk li jqumu bil-lejl, regolarment.

2) **LAWDI = TALB TA’ SBIĦ IL-JUM** Talba liturġika li tingħad/titkanta mas-sebħ. Is-soltu għall-ħabta tas-seba’ ta’ filgħodu. San Benedittu, bħal ta’ qablu, jagħti mportanza kbira lit-Talb ta’ Sbiħ il-Jum.

**URI = TALB TA’ NOFS IL-JUM**: (L-URI, kienu erba’, iżda minħabba li tneħħiet PRIMA, baqgħu biss tlieta TERZA, SESTA u NONA, kif kienu oriġinarjament).

PRIMA tneħħiet mill-Brevjar Ruman u mill-Brevjar Monastiku. Din it-talba liturġika kienet inbdiet fil-Monasterju ta’ Betlem lejn tmiem is-seklu IV, għaliex l-Abbati ntebaħ li wara t-talb ta’ filgħodu kmieni, il-Monaċi kienu jerġgħu jmorru jorqdu u ħafna minnhom kienu jew jibqgħu reqdin jew inkellha jitnikkru sa *Terza*, jiġifieri sad-disa’ ta’ filgħodu. Għalhekk, it-Talba nħolqot biex filwaqt li jonqos l-abbuż, tkun xprun biex hekk kif ikun sebaħ kulħadd iqum u jmur għax-xogħol fil-ħin. Sas-seklu VI kienet daħlet sew anki fil-Monasterji tal-Punent. San Benedittu probabilment, ħaseb biex idaħħalha mal-lista tat-Talb, iktar u iktar, meta jitqies li kienet ħadet xejra bħala talba ta’ tħejjija għall-ġurnata tax-xogħol. Kienet tingħad/titkanta għall-ħabta tas-sitta ta’ filgħodu, wara l-*Lawdi*.

Mindu seħħet ir-Riforma, l-isem inbidel għal TALB TA’ NOFS IL-JUM. Dawn il-forom ta’ Talb, kienu magħrufa sa mill-eqdem żminijiet tal-Knisja. Kienu u għadhom qosra, proprju biex ma jkunx hemm xkiel għal xogħol ieħor li jkun għaddej. Fl-istess ħin, imma, minbarra għan mistiku, tqassmu b’mod li fil-ħinijiet ewlenin tal-ġurnata, il-Monaku, jieqaf ftit, jitlaq kollox minn idejh u jfaħħar ’l Alla. U hekk għadu sal-lum skont il-ħinijiet stabbiliti.

3) **TERZA = TALBA TAD-DISGĦA TA’ FILGĦODU** tingħad/titkanta għall-ħabta tad-disa’.
4) **SESTA = TALBA TA’ NOFSINHAR** tingħad/titkanta għall-ħabta ta’ nofsinhar.
5) **NONA = TALBA TAT-TLIETA TA’ WARA NOFSINHAR**, tingħad/titkanta għall-ħabta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar.
6) **L-GĦASAR** Talba li tingħad/titkanta għall-ħabta tal-ħamsa/is-sitta ma’ nżul ix-xemx. Aktarx li l-Għasar fl-imgħoddi kien jingħad hekk kif jidħol il-lejl, iżda San Benedittu ried li jsir iktar kmieni biex ikun hemm ħin biżżejjed qabel ma tingħad it-Talba ta’ Għeluq il-Jum.
7) **KOMPJETA = TALBA TA’ GĦELUQ IL-JUM** din hija l-aħħar Talba tal-ġurnata li tingħad/titkanta qabel l-irqad. Il-ħin jimxi skont l-istaġun. Żgur li kisbet postha definittivament fl-Uffiċċju Divin bis-saħħa ta’ San Benedittu li biha ried ifisser mhux biss it-tmiem tat-Talb ta’ matul il-Jum, iżda wkoll tal-ġurnata. Fuq il-bidu u kif żviluppat din it-Talba l-liturġisti għadhom ma jaqblux.

**VELU**: Parti mill-libsa tas-Soru Benedittina li jintlibes fuq ir-ras u jibqa’ nieżel fuq l-ispallejn. L-għamla, il-kwalità tad-drapp u l-kulur bħal taċ-ċoqqa.

Ara ĊOQQA

**XEWLIEĦA**: L-agħar tip ta’ Monaċi/Sorijiet benedittini. San Benedittu mhux talli jmaqdarhom talli jgħid li : Aħjar wieħed jiskot milli jitkellem dwarhom.

Jissejħu hekk għaliex jiġġerrew il-ħin kollu minn Abbazija/Monasterju għall-ieħor.

*Is-sekli u s-snin (bejn il-parentesi) li hemm f'din it-taqsima jirreferu kollha għaż-żmien wara Kristu.

BIBLIOGRAFIJA

## IR-REGOLA


**REGOLA DI SAN BENEDETTO**, (traduzione Italiana in lingua corrente a cura dei Benedettini di Noci), Ed. "LA SCALA", Noci, 1980.

**REGOLA TA' SAN BENEDITTU ABBATI**, Mdina, 1986 (manuskritt)

DEAN E., **Saint Benedict for the Laity**, The Liturgical Press, Collegeville, Minnesota (USA), 1989.

HUME Card.B. OSB, **In praise of Benedict**, Hodder & Stoughton, London, 1981.

LENTINI A. OSB, **San Benedetto, La Regola**, (testo, versione e commento), Montecassino, 1980, 2a Edizione.

MASTRO (del) M.L. - MEISEL A.C., **The Rule of St. Benedict**, (translation), Image Books Doubleday, USA, 1975.

PICASSO G. OSB, **San Benedetto LA REGOLA**, (traduzione e note di Dorino Tuniz) Ed. San Paolo s.r.l., Milano, 1996.

PRICOCO S., **La Regola di San Benedetto e le Regole dei Padri**, A. Mondadori Ed., Fondazione Lorenzo Valla, 1995, 1a Ed.

SCHUSTER Card A.I. OSB, **Regula Monasteriorum**, (testo, introduzione, commento e note), Ist. Missionario Pia Soc. S. Paolo, Alba, 1945.

TAFT R., **The Liturgy of the Hours in the East and West**, Collegeville, Minnesota, 1993, 2nd Revised Ed.


## IL-BIBBJA


**IL-BIBBJA**, Għaqda Biblika Maltija, Malta, 1996 (it-tieni Ed.).

**IT-TESTMENT IL-ĠDID**, Għaqda Biblika Maltija, Malta, 1975.

**BIBBJA SAYDON**, (IT-TESTMENT IL-ĠDID), Ed. Societas Doctrinae Christianae, M.U.S.E.U.M., Malta, 1977.

**BIBBJA SAYDON**, (IT-TESTMENT IL-QADIM), Ed. Societas Doctrinae Christianae, M.U.S.E.U.M., Malta, 1982, VOL I.

**BIBBJA SAYDON**, (IT-TESTMENT IL-QADIM), Ed. Societas Doctrinae Christianae, M.U.S.E.U.M., Malta, 1990, VOL II.

**I SALMI DELLA BIBBIA**, (traduzione dall'ebraico e note di Francesco Salvatore Attal), Ed. Pro Civitate Cristiana, Assisi, 1960.

**THE JEROME BIBLICAL COMMENTARY**, (Two Vols) Geoffrey Chapman, London, 1976, 8th Reprint.
RICCIOTTI G., **Le Lettere di San Paolo**, Coletti Ed., Roma, 1958, III Ed.

**OĦRAJN**

**ENCICLOPEDIA CATTOLICA**
**ENCICLOPEDIA TRECCANI**
**ENCICLOPEDIA UNIVERSALE RIZZOLI/LAROUSSE**
**BRITANNICA ENCYCLOPEDIA**
**THE COLUMBIA ENCYCLOPEDIA**
**THE WORLD BOOK ENCYCLOPEDIA**
**COLLINS ENGLISH DICTIONARY**
**The Benedictine and Cistercian Monastic Yearbook 1998,** minn *Dom G. Beattie, OSB* (*Ampleforth Abbey*), The English Benedictine Congregation Trust.
ABELA G.F., **Della Descrittione di Malta**, Malta, 1647.
BLOCKMANS V.M., **A History of Power in Europe**, Spain, 1997.
BORG V., **Christian Heritage and Malta Stone**, f'*Cathedral and Diocesan Museums...*, Malta, 1995.
CAMPOLI C. OSB, **San Benedetto e i Bendettini**, Genova, 1966.
COLEIRO E., **Tre Lettere di San Gregorio Magno**, *f'Missione Archeologica Italiana a Malta 1965*, Roma, 1966.
CUCINOTTA S., **Popolo e Clero in Sicilia nella dialettica socio-relgiosa fra cinquecento-seicento**, Messina, 1986.
CRIPPA L. OSB, **Costituita la federazione italiana dei monasteri delle Benedettine dell'Adorazione perpetua del Santissimo Sacramento**, kopja ta' artiklu li xxandar f'*L'OSSERVATORE ROMANO* 11 luglio 1998, p.4.
DAMMERTZ V. OSB, **Il Diritto Monastico nel Codice del 1983**, fi *Ora et Labora* aprile-giugno 1983, pp. 53-66.
DECRETO, **Federazione italiana delle Monache Benedettine dell'Adorazione perpetua del Santissimo Sacramento**, *CONGREGATIO PRO INSTITUTIS VITAE CONSECRATAE ET SOCIETATIBUS VITAE APOSTOLICAE (Prot. N. FM 30,h) – 1/96.*
FERRES A., **Descrizione storica delle Chiese di Malta e Gozo**, Malta 1866.
FLASK J., **I Benedittini a Malta**, M/s.
FLASK J., **Dom Mauro Inguanez, O.S.B. Biblijotekarju Ewlieni**, Malta 1985.
FLASK J., **Il-Monasterju Benedittin ta' Santa Marija tan-Nigret fiz-Zurrieq**, fi *Programm tal-Festi Solenni f'ġieħ Santa Katarina V.M. Patruna Titulari taż-Żurrieq*, 1994.
GALEA E. OSA, **L-Ordni Agostinjan**, Malta, 1995.
INGUANEZ M. OSB, **Montecassino**, Montecassino, 1949.
JACCARINI C., **Dom Mauro Inguanez**, Malta, 1987.
LENTINI A. OSB, **Vita di S. Benedetto**, Montecassino, 1978.
LISI E.M. OSB, **Le Monache nel nuovo Codice Ecclesiale**, fi *La Scala* novembre 1984.
LUTTREL A.T., **Medieval Malta**, London, 1975.
MORNACCHI N. OSB, **I Monasteri di Genova**, fi *I Monasteri Italiani della Congregazione Sublacense (1843-1972)*, Parma, 1972.
PENCO G. OSB, **Storia del Monachesimo in Italia**, Roma, 1961, v.I.
RIDDER B., **Manuale di Storia Ecclesiastica**, EP, Alba, 1958.

SCHUSTER Card. A.I. OSB, ***SAPIENTIA CORDIS – Il racconto della vita monastica***, Abbazia S. Benedetto, Seregno(MI), 1996.
THOMAS P.C., **A compact history of the Popes**, India, 1997.
TREVOR-ROPER H., **The Rise of Christian Europe**, London, 1966.